II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1861

tad-29 ta' Lulju 2016

dwar l-Għajnuna mill-Istat SA33983 (2013/C) (ex 2012/NN) (ex 2011/N) — l-Italja — Kumpens lill-ajruporti ta' Sardinja għall-obbligi ta' servizz pubbliku (SIEĠ)

(notifikata bid-dokument C(2016) 4862)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq [1] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fit-30 ta' Novembru 2011, l-Italja nnotifikat skema ta' kumpens favur l-operaturi tal-ajruport ta' Sardinja għall-obbligi ta' servizz pubbliku (minn hawn 'il quddiem "*OSP*") bil-għan li ssaħħaħ u tiżviluppa t-trasport bl-ajru. Dik in-notifika saret permezz tas-sistema ta' notifika elettronika tal-Kummissjoni.

(2) Il-Kummissjoni talbet lill-Italja biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar in-notifika b'ittri datati t-30 ta' Jannar 2012, l-24 ta' April 2012 u t-12 ta' Lulju 2012. L-Italja rrispondiet għal dawn it-talbiet bl-ittri datati l-24 ta' Frar 2012, it-30 ta' Mejju 2012 u d-9 ta' Awwissu 2012.

(3) Abbażi tal-informazzjoni li waslet jiġifieri li l-Italja jista' jkun li daħħlet fis-seħħ il-miżura qabel mal-Kummissjoni ħadet id-deċiżjoni li tawtorizzaha, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinvestiga l-miżura taħt il-Kapitolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 [2] fir-rigward ta' għajnuna illegali mill-Istat.

(4) Fit-30 ta' Novembru 2012 l-Italja talbet lill-Kummissjoni sabiex tindika t-twaqqit għad-deċiżjoni u għal ċerti kjarifiki li jikkonċernaw il-proċedura. Il-Kummissjoni wieġbet b'ittra mibgħuta lill-Italja fis-7 ta' Diċembru 2012.

(5) B'ittra datata t-23 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni informat lill-Italja bid-deċiżjoni tagħha sabiex tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat ("id-Deċiżjoni tal-Ftuħ") fir-rigward tal-iskema nnotifikata.

---

[1] ĠU C 152, 30.5.2013, p. 30.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

(6) L-Italja tat il-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ fil-21 ta' Marzu 2013 (bl-annessi jaslu fit-22 ta' Marzu 2013).

(7) Id-Deċiżjoni tal-Ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-30 ta' Mejju 2013. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-allegati miżuri ta' għajnuna.

(8) Fl-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar il-każ mingħand Ryanair Ltd., bħala parti interessata. Il-Kummissjoni għaddiet dawn il-kummenti lill-Italja permezz ta' ittra datata t-3 ta' Mejju 2013. L-Italja ma bagħtet l-ebda osservazzjoni dwar il-kummenti minn Ryanair.

(9) Il-Kummissjoni sussegwentement irċeviet kummenti mill-partijiet interessati li ġejjin:

(a) Ryanair u ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isimha, fit-28 ta' Ġunju 2013;

(b) GEASAR S.p.A., l-operatur tal-ajruport tal-ajruport ta' Olbia, fl-1 ta' Lulju 2013;

(c) SOGEAAL S.p.A., l-operatur tal-ajruport tal-ajruport ta' Alghero, fid-29 ta' Lulju 2013;

(d) SOGAER S.p.A., l-operatur tal-ajruport tal-ajruport ta' Cagliari, fit-30 ta' Lulju 2013 u t-2 ta' Awwissu 2013;

(e) easyJet, fit-30 ta' Lulju 2013.

(10) Fil-31 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni ppreżentat il-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tal-kummenti mingħand GEASER u SOGEAAL lill-Italja, biex b'ħekk ingħatat l-opportunità li tirrispondi. Il-Kummissjoni ppreżentat il-kummenti mingħand SOGAER u Ryanair lill-Italja fit-2 ta' Awwissu, u dawk mingħand easyJet fis-7 ta' Awwissu.

(11) Fis-27 ta' Settembru 2013, l-Italja informat lill-Kummissjoni li ma kellha l-ebda osservazzjoni dwar il-kummenti tat-tliet operaturi tal-ajruport. Fl-20 u l-21 ta' Novembru 2013, l-Italja bagħtet l-osservazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni dwar il-kummenti ta' Ryanair. L-Italja ma pprovdiet l-ebda osservazzjoni dwar l-osservazzjonijiet ta' easyJet.

(12) Fl-20 ta' Diċembru 2013, Ryanair issottomettiet kummenti oħrajn, li ngħaddew lill-Italja fid-9 ta' Jannar 2014. L-Italja ma pprovdiet l-ebda osservazzjoni dwar dawn il-kummenti.

(13) Fis-17 ta' Jannar 2014 u fil-31 ta' Jannar 2014, Ryanair issottomettiet kummenti oħrajn, li ngħaddew lill-Italja fit-12 ta' Jannar 2015. L-Italja ma pprovdiet l-ebda osservazzjoni dwar dawn il-kummenti.

(14) Permezz ta' ittra datata l-25 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni informat lill-Italja bl-adozzjoni tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 ([3]) fl-20 ta' Frar 2014 u bil-fatt li dawn il-linji gwida se jsiru applikabbli għall-każ attwali mill-mument tal-pubblikazzjoni tagħhom f'Il-Ġurnal Uffiċjali. Il-Kummissjoni tat lill-Italja l-opportunità li tikkummenta fuq il-linji gwida u l-applikazzjoni tagħhom fi żmien 20 jum mill-pubblikazzjoni tagħhom f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

(15) Permezz ta' ittra datata l-24 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni informat ukoll lill-partijiet interessati bl-adozzjoni tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 u bil-fatt li dawn il-linji gwida se jsiru applikabbli għall-każ attwali mill-mument tal-pubblikazzjoni tagħhom f'Il-Ġurnal Uffiċjali. Il-Kummissjoni tat lill-partijiet interessati l-opportunità li jikkummentaw fuq il-linji gwida u l-applikazzjoni tagħhom fi żmien 20 jum mill-pubblikazzjoni tagħhom f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

(16) Il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali fl-4 ta' April 2014. Dawn issostitwixxew il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-1994 ([4]) kif ukoll il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005 ([5]).

(17) Fil-15 ta' April 2014, ġie ppubblikat avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali li bih l-Istati Membri u l-partijiet interessati kienu mistednin jikkummentaw fuq l-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 għal dan il-każ fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom ([6]).

([3]) Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u lill-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).
([4]) Applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 61 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-avjazzjoni (ĠU C 350, 10.12.1994, p. 5).
([5]) Linji gwida tal-Komunità dwar l-iffinanzjar tal-ajruporti u l-għajnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti reġjonali (ĠU C 312, 9.12.2005, p. 1).
([6]) ĠU C 113, 15.4.2014, p. 30.

(18) Fit-13 ta' Ġunju 2014, SOGAER ipprovdiet kummenti dwar il-każ fil-kuntest tal-adozzjoni tal-linji gwida ġodda. GAESAR u SOGEAAL ipprovdew il-kummenti tagħhom fis-16 ta' Ġunju 2014 u easyJet fl-4 ta' Lulju 2014. Il-kummenti mingħand SOGAER, GEASAR, SOGEAAL u easyJet intbagħtu lill-Italja mill-Kummissjoni fid-9 ta' Lulju 2014. L-Italja ma ssottomettiet l-ebda osservazzjoni dwar dawn il-kummenti.

(19) Fit-12 u s-26 ta' Settembru 2014, Ryanair ipprovdiet kummenti addizzjonali dwar il-każ. Il-Kummissjoni għaddiet dawn il-kummenti lill-Italja fit-28 ta' Ottubru 2014. L-Italja ma ssottomettiet l-ebda osservazzjoni dwar dawn il-kummenti.

(20) Fis-26 ta' Jannar 2015, Ryanair u ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isimha pprovdew kummenti addizzjonali, li ngħaddew lill-Italja fl-4 ta' Frar 2015. L-Italja ma ssottomettiet l-ebda osservazzjoni dwar dawn il-kummenti.

(21) Fis-27 ta' Frar 2015 u t-2 ta' Marzu 2015, Ryanair u ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isimha pprovdew kummenti addizzjonali, li ngħaddew lill-Italja fl-24 ta' Marzu 2015. L-Italja ma ssottomettiet l-ebda osservazzjoni dwar dawn il-kummenti.

(22) Fit-18 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni talbet lill-Italja sabiex tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-każ. L-Italja wieġbet fil-11, 18 u 19 ta' Mejju 2015.

(23) Fil-31 ta' Marzu 2015, easyJet ipprovdiet kummenti addizzjonali li jikkompletaw is-sottomissjoni oriġinali tagħha tat-30 ta' Lulju 2013. Fl-1 u l-14 ta' Mejju 2015, easyJet u ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isimha pprovdew kummenti addizzjonali dwar il-każ. Fil-1 ta' Ġunju 2015, easyJet ipprovdiet kummenti addizzjonali dwar il-każ. Dawn il-kummenti kollha ngħaddew lill-Italja fis-6 ta' Lulju 2015. Fis-17 ta' Settembru 2015, l-Italja bagħtet l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kummenti mingħand easyJet u d-ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isimha.

(24) Fid-29 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni mingħand l-Italja. L-Italja rrispondiet parzjalment fl-14 ta' Lulju 2015 u bagħtet l-annessi għal din ir-risposta fl-10 ta' Settembru 2015.

(25) Fis-17 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni mingħand l-Italja. L-Italja rrispondiet fil-11 ta' Settembru 2015.

(26) Fit-8 u fl-14 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni mingħand l-Italja. L-Italja rrispondiet fil-5 ta' Novembru 2015.

(27) Fl-24 ta' Novembru 2015, l-Italja pprovdiet informazzjoni addizzjonali dwar il-każ.

(28) Fl-24 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni talbet iktar kjarifiki mingħand l-Italja. L-Italja rrispondiet fis-27 ta' Novembru 2015.

(29) Fl-4 ta' Diċembru 2015, Ryanair u ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isimha pprovdew informazzjoni addizzjonali dwar il-każ, li ngħaddiet lill-Italja fit-8 ta' Diċembru 2015. L-Italja rrispondiet fis-16 ta' Diċembru 2015, fejn indikat li ma kellha l-ebda osservazzjoni dwar dawn id-dokumenti.

(30) Fil-11, 16 u 17 ta' Diċembru 2015, l-Italja pprovdiet kummenti addizzjonali dwar il-każ.

2. **DESKRIZZJONI DDETTALJATA TAL-GĦAJNUNA**

2.1. *TITOLU U OBJETTIVI TAL-MIŻURA*

(31) L-iskema nnotifikata tipprevedi kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku lil operaturi ta' ajruporti li jinsabu f'Sardinja, bil-għan li jissaħħaħ u jiġi żviluppat it-trasport bl-ajru. L-Italja ssostni li dawn l-obbligi ta' servizz pubbliku huma relatati ma' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (minn hawn 'il quddiem "SIEĠ"). L-iskema ġiet stabbilita skont l-Artikolu 3 tal-Liġi Reġjonali ta' Sardinja tat-13 ta' April 2010, Nru 10 ([7]), (minn hawn 'il quddiem "il-Liġi 10/2010").

(32) Dan l-artikolu jiddefinixxi l-għan ta' dik l-iskema, li jikkonsisti fit-tisħiħ tat-trasport bl-ajru lejn u minn Sardinja billi jiġu estiżi operazzjonijiet ta' titjiriet, kemm f'sens ta' frekwenzi fil-perjodi tax-xitwa kif ukoll fin-numru ta' destinazzjonijiet servuti. Għal dan il-għan, l-ajruporti ta' Sardinja kellhom jgħaddu dan il-finanzjament pubbliku lil linji tal-ajru bħala kumpens għal servizz pubbliku.

([7]) Legge Regionale 13 aprile 2010, n.10 — Misure per lo sviluppo del trasporto aereo — Art.3: Incentivi alla destagionalizzazione dei collegamenti aerei isolani.

(33) L-objettiv usa' tal-iskema huwa t-tisħiħ tal-ekonomija reġjonali billi jiżdiedu l-flussi ta' turisti, b'mod partikolari barra mill-istaġun tas-sajf.

2.2. *L-AWTORITÀ LI TAGĦTI L-GĦAJNUNA*

(34) Ir-Reġjun ta' Sardinja (minn hawn 'il quddiem "ir-Reġjun") huwa l-awtorità li tagħti l-għajnuna. Ir-Reġjun jibbenefika minn status speċjali ta' reġjun awtonomu fl-Italja.

2.3. *IL-QAFAS ĠURIDIKU*

(35) L-Artikolu 3 tal-Liġi 10/2010 jipprevedi l-finanzjament fil-forma ta' kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku lil operaturi tal-ajruport ta' Sardinja għall-perjodu 2010-2013. Il-Liġi 10/2010 hija implimentata minn deċiżjonijiet adottati mill-Eżekuttiv Reġjonali.

(36) Id-Digriet Reġjonali Nru 122/347 tas-17 ta' Mejju 2010 ([8]) jistipula li l-ammonti definiti mil-Liġi 10/2010 għandhom jitħallsu mill-baġit reġjonali.

(37) L-Eżekuttiv Reġjonali ta' Sardinja adotta għadd ta' atti ta' implimentazzjoni, li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet u arranġamenti għall-aċċess għall-finanzjament skont il-Liġi 10/2010, kif ġej:

(a) Id-Deċiżjoni Nru 29/36 tad-29 ta' Lulju 2010 ([9]) ta' Sardinja tiddefinixxi l-kriterji, in-natura u t-tul ta' servizz tat-trasport li għalih jista' jingħata finanzjament, u tistipula l-linji gwida għall-abbozzar u valutazzjoni tal-pjanijiet ta' attivitajiet tal-ajruport (*"programmi di attività"*).

(b) Id-Deċiżjoni Nru 43/37 tas-6 ta' Diċembru 2010 ([10]) tapprova l-pjanijiet ta' attivitajiet sottomessi mill-operaturi tal-ajruport għall-2010 u l-ammont speċifiku li għandu jingħata lil kull wieħed minnhom għall-2010.

(c) Id-Deċiżjoni Nru 52/117 tat-23 ta' Diċembru 2011 ([11]) ta' Sardinja tistabbilixxi l-ammonti annwali li għandhom jingħataw mir-Reġjun lill-operaturi tal-ajruport għall-perjodu 2011-2013 skont il-pjanijiet ta' attivitajiet ippreżentati mill-operaturi tal-ajruport fl-2011.

(38) Il-liġi reġjonali tad-19 ta' Jannar 2011, Nru 1 ([12]) naqqset il-kontribuzzjonijiet li għandhom jingħataw mir-Reġjun lill-ajruporti, kif iddefinit mil-Liġi 10/2010, għal EUR 21 100 000 għall-2011 u EUR 2 150 000 għall-2012 u l-2013.

(39) Il-liġi reġjonali tat-30 ta' Ġunju 2011, Nru 12 ([13]) tistabbilixxi mekkaniżmu ta' avvanzi finanzjarji li għandhom jiġu operati permezz tal-kostituzzjoni ta' fond finanzjarju *ad hoc* fi SFIRS ([14]). SFIRS hija l-kumpanija finanzjarja interna tar-Reġjun ta' Sardinja li, bħala sensara finanzjarja u fergħa operattiva tar-Reġjun, ġiet fdata mir-Reġjun sabiex tistabbilixxi u tmexxi l-fond reġjonali mmirat biex jagħti avvanzi finanzjarji bħala finanzjament li jipproduċi l-interessi tal-azzjonist ([15]). SFIRS hija taħt il-kontroll dirett tar-Reġjun u mmexxija minnu. Ir-rwol tagħha huwa li timmaniġġja pjanijiet, politiki u programmi stabbiliti mir-Reġjun għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tat-territorju. Il-bord ta' diretturi tagħha huwa maħtur mir-Reġjun. L-att ta' inkarigu Nru 15 tad-9 ta' Awwissu 2011 ([16]) jinkariga lil SFIRS bil-kostituzzjoni u bl-immaniġġjar tal-"fond reġjonali tal-ajruporti" ([17]) ("il-fond reġjonali") immirat sabiex jagħti avvanzi finanzjarji lill-kontribuzzjonijiet tar-Reġjun. Id-Deċiżjoni Nru 500 tad-9 ta' Awwissu 2011 ([18]) tapprova r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-fond reġjonali. Id-Deċiżjoni Nru 22 tat-30 ta' Jannar 2012 ([19]) tikkompleta r-regoli stipulati fid-Deċiżjoni Nru 500 tad-9 ta' Awwissu 2011.

([8]) Decreto Assessorato della Programmazione, Bilancio, Credito e Assetto del Territorio n.122 del 17.5.2010.
([9]) Deliberazione della Giunta regionale No 29/36 del 29.7.2010 — Attuazione dell'art. 3 della L.R. 13 aprile 2010, n.10. Misure per lo sviluppo del trasporto aereo.
([10]) Deliberazione della Giunta regionale No 43/37 del 6.12.2010 — Legge regionale 13 aprile 2010, No 10, art. 3. Misure per lo sviluppo del trasporto aereo. Programmi di attività degli aeroporti.
([11]) Deliberazione No 52/117 del 23.12.2011 — Legge regionale 13 aprile 2010, No 10. Misure per lo sviluppo del trasporto aereo. Programmi di attività triennio 2011-2013.
([12]) Legge Regionale 19 gennaio 2011, n.1 — Disposizioni per la formazione del bilancio annuale e pluriennale della Regione (Legge finanziaria 2011).
([13]) Legge Regionale 30 giugno 2011, n.12 Art.4, commi 32 e 33.
([14]) Società Finanziaria Industriale Regione Sardegna SpA — www.sfirs.it — Sensar finanzjarju skont l-Artikoli 106 u 107 tad-Digriet Leġiżlattiv tal-1 ta' Settembru 1993 Nru 385.
([15]) "Anticipazioni finanziarie a titolo di finanziamento soci oneroso".
([16]) Atto di affidamento a SFIRS, rep. 15 del 9 agosto 2011.
([17]) Fondo regionale aeroporti.
([18]) Determinazione del Direttore del Servizio Pianificazione e Programmazione Sistemi di trasporto No 694 del 2 ottobre 2012 di integrazione del regolamento di attuazione del Fondo aeroporti a seguito della legge regionale No 15/2012.
([19]) Determinazione No 22 del 30.1.2012 — Legge regionale 30 giugno 2011, No 12 — Art. 4, commi 32 e 33 — Fondo regionale per anticipazioni finanziarie — Regolamento attuativo.

(40) Il-liġi reġjonali tas-7 ta' Awwissu 2012, Nru 15 ([20]) temenda l-liġi reġjonali tat-30 ta' Ġunju 2011. Id-Deċiżjoni Nru 694 tat-2 ta' Ottubru 2012 ([21]) timplimenta l-liġi reġjonali tas-7 ta' Awwissu 2012 u tikkompleta u temenda r-regoli għall-implimentazzjoni tal-fond reġjonali, billi testendi l-applikazzjoni tal-liġi tat-30 ta' Ġunju 2011 għas-snin 2012 u 2013.

(41) Id-Deċiżjoni Nru 4/34 tal-5 ta' Frar 2014 ([22]) timmodifika l-allokazzjoni tal-kontribuzzjonijiet reġjonali għas-sena 2013, filwaqt li tqis it-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet reġjonali deċiżi fil-kuntest tal-baġit tar-Reġjun allokat għall-finanzjament tal-attivitajiet skont il-Liġi 10/2010 u l-ispejjeż effettivi mġarrba mit-tliet operaturi tal-ajruport.

2.4. *L-ISKEMA*

(42) L-iskema nnotifikata għandha l-għan li tiżviluppa t-trasport bl-ajru u tagħmel il-konnessjonijet lejn u minn Sardinja anqas staġjonali, li tikkontribwixxi għall-objettiv primarju li jiġi attirat it-turiżmu u tissaħħaħ l-ekonomija reġjonali. Għal dak il-għan, il-Liġi 10/2010 tipprovdi għal finanzjament fil-forma ta' kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku lil operaturi tal-ajruport ta' Sardinja għall-perjodu 2010-2013.

(43) Id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni jikkjarifikaw li l-objettiv tal-Liġi 10/2010 — li titnaqqas l-istaġjonalità — jikkonsisti fl-estensjoni tal-perjodu li matulu huma operati t-titjiriet. Dan jinvolvi ż-żieda tal-frekwenza tat-titjiriet matul l-hekk imsejjaħ l-istaġun medju (jiġifieri x-xhur li jmissu mal-istaġun tas-sajf — April, Mejju, Settembru u Ottubru) jew l-istaġun tax-xitwa, u wkoll il-ftuħ ta' rotot ġodda lejn u minn postijiet li s'issa mhumiex konnessi ma' Sardinja. Ir-raġunament wara l-iskema huwa li tkun promossa politika tat-trasport bl-ajru reġjonali li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-komunitajiet ikkonċernati billi tindirizza l-iżvantaġġi ta' aċċessibbiltà li tiffaċċja Sardinja bħala gżira.

(44) Id-deċiżjonijiet imsemmija fit-Taqsima 2.3 jistabbilixxu t-tliet attivitajiet li ġejjin:

(a) *Żieda fit-traffiku tal-ajru minn linji tal-ajru ("attività 1")*. Linji tal-ajru u operaturi tal-ajruport għandhom jiddefinixxu, fi ħdan "pjanijiet ta' attivitajiet" dettaljati, strateġiji sabiex iżidu t-traffiku tal-ajru u jiffavorixxu l-flussi turistiċi mhux fl-aqwa tal-istaġun, billi jiddefinixxu rotot ta' interess strateġiku, frekwenzi, offerti ta' kapaċità u objettivi tat-traffiku sussegwenti. Jekk dawn il-miri jintlaħqu, jasal il-kumpens finanzjarju; jekk dawn il-miri ma jintlaħqux, iridu jitħallsu l-penali.

(b) *Il-promozzjoni ta' Sardinja bħala destinazzjoni turistika minn linji tal-ajru ("attività 2")*. Fil-"pjanijiet ta' attivitajiet" imsemmija qabel, linji tal-ajru u operaturi tal-ajruport jinħtieġ li jiddefinixxu wkoll attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u reklamar immirati sabiex iżidu n-numru ta' passiġġieri u għall-promozzjoni taż-żona ta' kummerċ tal-ajruport.

(c) Attivitajiet promozzjonali oħrajn inkarigati minn operaturi tal-ajruport lil fornituri terzi tas-servizz apparti linji tal-ajru ([23]) f'isem ir-Reġjun ("attività 3").

(45) Ladarba r-Reġjun japprova l-pjanijiet ta' attivitajiet, jivvaluta l-attivitajiet proposti fihom abbażi tal-impatt ekonomiku tagħhom fuq l-ajruport u l-attività ekonomika ta' Sardinja b'mod ġenerali, dan iqassam kif xieraq ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għal kull sena u kull ajruport.

(46) Il-kumpens għal operaturi tal-ajruport huwa kkalkolat abbażi tal-ispejjeż stmati mġarrba mil-linji tal-ajru għal titjiriet ta' rotot strateġiċi, nazzjonali jew internazzjonali, u sabiex jintlaħqu l-miri tal-passiġġieri għal kull sena. Ladarba l-miri tal-passiġġieri jkunu ġew iddefiniti, l-operaturi tal-ajruport jagħżlu l-linji tal-ajru mitlubin sabiex joperaw is-servizzi inkwistjoni. Trasportaturi magħżulin jirċievu l-kumpens li jkopri d-differenza bejn l-ispejjeż tal-operazzjoni tagħhom u l-qligħ attwali jew preżunt mill-biljetti tal-passiġġieri.

(47) Id-dokument ta' notifika mill-Italja jsemmi li r-Reġjun għandu japprova l-proċess ta' sejħa għall-offerti organizzat minn operaturi tal-ajruport sabiex jintgħażlu linji tal-ajru interessati. Il-Kummissjoni ma ġiet informata bl-ebda

([20]) Legge Regionale 7 agosto 2012, No 15, Art. 2.
([21]) Determinazione Prot. No 7641 Rep. No 694 del 2 ottobre 2012 — Legge regionale 30 giugno 2011, No 12 — Art. 4, commi 32 e 33, modificata e integrata dalla legge regionale 7 agosto 2012, No 15, art. 2 — Fondo regionale per anticipazioni finanziarie — Rimodulazione e integrazione Regolamento attuativo.
([22]) Deliberazione No 4/34 del 5.2.2014 — Legge regionale 13 aprile 2010, n.10. Misure per lo sviluppo del trasporto aereo. Riparto risorse annualità 2013.
([23]) Aġenziji ta' reklamar jew tat-turisti pereżempju.

sejħa organizzata minn operaturi tal-ajruport. Skont l-Italja, il-linji tal-ajru ntgħażlu abbażi tal-aħjar offerti kummerċjali sottomessi lil operaturi tal-ajruport mal-pubblikazzjoni tal-avviżi fuq is-siti web tagħhom. Fir-rigward ta' ajruporti, l-iskema ta' għajnuna hija maħsuba sabiex jiġi kkoordinat l-iżvilupp tas-sistema tal-ajruport reġjonali billi l-ajruporti reġjonali jitpoġġew f'pożizzjoni kumplimentari għal xulxin ([24]).

2.5. *ATTIVITAJIET TA' KUMMERĊJALIZZAZZJONI IMWETTQA MINN LINJI TAL-AJRU*

(48) Il-Liġi 10/2010 tipprevedi li, fil-kuntest ta' attività 2, l-operaturi tal-ajruport għandhom jikkonkludu ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni mal-linji tal-ajru bil-ħsieb li jippromwovu lil Sardinja bħala destinazzjoni turistika. Il-pjanijiet ta' attivitajiet iridu għalhekk jiddefinixxu strateġiji speċifiċi ta' kummerċjalizzazzjoni u reklamar immirati sabiex iżidu l-għadd ta' passiġġieri u sabiex iżidu l-promozzjoni taż-żona li l-ajruport jilħaq.

(49) L-operaturi tal-ajruport daħlu f'żewġ tipi differenti ta' ftehimiet, skont il-linja tal-ajru: jew ftehim wieħed li jinkludi kemm servizzi tal-ajruport u servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni, jew żewġ kuntratti separati, bħal fil-każ ta' Ryanair, fejn hemm ftehim ta' servizzi tal-ajruport ma' Ryanair u ftehim ta' servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni mal-kumpanija ta' kummerċjalizzazzjoni AMS (Airport Marketing Services) li hija kompletament il-proprjetà tagħha. Il-ftehimiet jikkombinaw u jagħqdu miżuri dwar iż-żieda fit-traffiku u l-kummerċjalizzazzjoni u huma bbażati fuq sistema ta' primjum skont is-suċċess tal-miżuri dwar iż-żieda tfit-traffiku. Skont il-ftehimiet, it-trasportatur għandu jopera programm ta' titjiriet definit u fl-istess ħin jiżviluppa pjan ta' kummerċjalizzazzjoni u reklamar.

(50) Il-kummerċjalizzazzjoni hija bbażata fuq paġna apposta dwar id-destinazzjonijiet tal-ajruport fis-sit web tat-trasportaturi, li xi kultant tinkludi gwida tal-ivvjaġġar. Il-kummerċjalizzazzjoni hija mmirata sabiex tippromwovi l-attrazzjonijiet turistiċi u ta' negozju fir-reġjun u timmassimizza s-sehem ta' vjaġġaturi li ġejjin minn barra.

2.6. *AJRUPORT KKONĊERNATI*

(51) Fl-2010, Sardinja kellha ħames ajruporti:

(a) Alghero, li l-operatur tal-ajruport tiegħu huwa SO.GE.A.AL S.p.A. ("*SOGEAAL*")

(b) Cagliari-Elmas, li l-operatur tal-ajruport tiegħu huwa So.G.Aer. S.p.A ("SOGAER")

(c) Olbia, li l-operatur tal-ajruport tiegħu huwa GEASAR S.p.A. ("GEASAR")

(d) Tortoli, li l-operatur tal-ajruport tiegħu huwa GE.AR.TO. S.p.A ("GEARTO")

(e) Oristano, li l-operatur tal-ajruport tiegħu huwa SO.GE.A.OR. S.p.A ("SOGEAOR".

(52) Dawn il-kumpaniji kollha huma kumpaniji b'responsabbiltà limitata. SOGEAAL u SOGAER huma pubbliċi. GEASAR hija kkontrollata mit-trasportatur tal-ajru Meridiana.

(53) L-Italja kkonfermat li, għalkemm il-Liġi 10/2010 tirreferi għall-ajruporti ta' Sardinja kollha, iż-żewġ ajruporti minuri tal-gżira, Oristani u Tortolì-Arbatax (li għandhom anqas minn 200 000 passiġġier fis-sena ([25])), ma rċevew l-ebda finanzjament skont il-Liġi 10/2010.

(54) Alghero jinsab fil-Majjistral ta' Sardinja, Olbia fil-Grigal u Cagliari fin-Nofsinhar. Id-distanzi u l-ħinijiet ta' vjaġġar permezz tat-triq bejn dawn l-ajruporti huma kif ġejjin ([26]):

Cagliari-Alghero 247 km — 2h40

Cagliari-Olbia 273 km — 2h51

Olbia-Alghero 136 km — 1h53

([24]) Deliberazione No 29/36 of 29 July 2010, p. 1.
([25]) L-ajruport ta' Oristano, imwaqqaf fl-2011, kellu madwar 7 000 passiġġier fl-2010 u madwar 1 300 ruħ fl-2011. L-ajruport ta' Tortolì-Arbatax kellu madwar 13 500 passiġġier fl-2010 u madwar 2 800 fl-2011.
([26]) *Sors:* Google Maps.

2.6.1. AJRUPORT TA' CAGLIARI

(55) L-operatur tal-ajruport SOGAER huwa ta' proprjetà pubblika, għaliex il-kamra tal-kummerċ ta' Cagliari (C.C.I.A. Cagliari) għandha l-maġġoranza tal-ishma, kif indikat fit-Tabella 1. Ir-Reġjun ma jikkontrollax il-kamra tal-kummerċ ta' Cagliari ([27]), li hija ffinanzjata b'mod awtonomu bis-saħħa ta' tariffa annwali li l-membri tal-kumpanija jħallsu. Il-kamra tal-kummerċ hija entità pubblika awtonoma li hija inkarigata mill-għoti ta' servizzi varji lill-membri tal-kumpanija ([28]).

Tabella 1

Struttura tal-parteċipazzjoni azzjonarja ta' SOGAER ([1])

(%)

C.C.I.A. Cagliari	94,35
S.F.I.R.S. SPA	3,43
Banco di Sardegna SpA	1,05
Regione Autonoma Sardegna	0,72
Meridiana SpA	0,21
C.C.I.A.A. Oristano	0,10
Corsorzio Sardegna Costa Sud	0,06
Associazione Industriali Province della Sardegna Meridionale	0,04
CONFAPI Sardegna	0,03
Editorial Airon	0,01
Fima SpA	0,01

([1]) L-azzjonist ewlieni tal-ajruport għandu l-intenzjoni li jbigħ 40 % tal-ishma tiegħu fil-futur qarib ħafna (*sors:* 2013 Rapport annwali).

(56) Fl-2014, l-ajruport laqa' 3 639 627 passiġġier ([29]). Dan jinsab fil-parti tan-Nofsinhar tal-gżira u jikkostitwixxi l-ajruport ewlieni tagħha fir-rigward tat-traffiku. Mill-2007, SOGAER kellha l-konċessjoni sħiħa għall-immaniġġjar tal-ajruport fil-pussess tagħha. L-ajruport jopera titjiriet domestiċi u internazzjonali u l-linji tal-ajru ewlenin preżenti fl-ajruport huma Ryanair, Meridianafly, Alitalia CAI, Airone, easyJet, Volotea u AirBerlin. Matul il-perjodu 2007-2009, 69 % tat-traffiku tal-passiġġieri fl-ajruport ġie rreġistrat bejn April u Ottubru.

(57) Fil-31 ta' Diċembru 2013, SOGAER irreġistrat fatturat ta' EUR 26,8 miljuni u riżultat nett pożittiv ta' EUR 1,7 miljuni. Assi totali ammontaw għal EUR 125,5 miljuni.

2.6.2. AJRUPORT TA' ALGHERO

(58) L-operatur tal-ajruport tal-ajruport ta' Alghero, SOGEAAL, huwa 80,20 % l-proprjetà tar-Reġjun ta' Sardinja u 19,80 % ta' SFIRS SpA (kumpanija interna li hija fil-proprjetà tar-Reġjun) ([30]). SOGEAAL bdiet l-attività tagħha fl-1995 permezz ta' konċessjoni parzjali u temporanja, li ġiet ittrasformata f'konċessjoni sħiħa fl-2007 ([31]).

([27]) *Sors:* L-Italja fil-komunikazzjoni tagħha lill-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2016.
([28]) Il-Liġi Nru 580 tad-29 ta' Diċembru 1993 qed tirregola l-istatus tal-kmamar tal-kummerċ fl-Italja.
([29]) *Sors:* Wikipedia.
([30]) L-istruttura tal-parteċipazzjoni azzjonarja ta' SOGEAAL tirrifletti l-bidliet li seħħew matul l-2010. L-ajruport attwalment għaddej minn privatizzazzjoni.
([31]) Concessione di gestione totale.

(59) L-ajruport jinsab fil-parti tal-Majjistral tal-gżira. Skont l-Italja, iż-żona ta' kummerċ tiegħu tkopri madwar 35 % mill-gżira u tinkludi 450 000 — 600 000 abitant fil-provinċji ta' Sassari, Oristano u Nuoro. F'sens ta' traffiku tal-passiġġieri kummerċjali, Alghero huwa t-tielet ajruport ta' Sardinja, b'total ta' 1 639 374 passiġġier fl-2014 ([32]).

(60) Tliet tipi ta' linji tal-ajru joperaw fl-ajruport: dawk tradizzjonali bħal Alitalia, Meridiana, Iberia u Lufthansa, dawk bi prezzijiet baxxi bħal easyJet u Ryanair u kumpaniji charter bħal Tui Fly u Jet Time. Matul il-perjodu 2007-2009, 75 % tat-traffiku tal-passiġġieri fl-ajruport ġie rreġistrat bejn April u Ottubru.

(61) Fil-31 ta' Diċembru 2013, SOGEAAL irreġistrat dħul ta' EUR 15,9 miljun u riżultat nett negattiv ta' EUR 1,5 miljun. L-assi totali ammontaw għal EUR 42,0 miljun.

2.6.3. AJRUPORT TA' OLBIA

(62) L-operatur tal-ajruport ta' Olbia, GEASAR, għandu l-aktar azzjonisti privati ([33]), kif indikat fit-Table 2.

Tabella 2

Struttura tal-parteċipazzjoni azzjonarja ta' GEASAR

(%)

Meridiana S.p.A.	79,79
C.C.I.A.A. di Sassari (Camera di Commercio)	10,00
C.C.I.A.A. di Nuoro (Camera di Commercio)	8,42
Regione Sardegna	1,59
Consorzio Costa Smeralda	0,20

(63) GAESAR beda l-attività tiegħu fl-1989 b'konċessjoni parzjali għall-immaniġġjar tal-ajruport ta' Olbia. Olbia tinsab fil-parti tal-Grigal ta' Sardinja. L-ajruport jilqa' fih kumpaniji tal-ajru tradizzjonali, bħal Alitalia u Lufthansa, linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi bħal easyJet u Vueling, u kumpaniji charter bħal Smartwings u Mistral Air.

(64) L-ajruport kellu 2 127 718-il passiġġier fl-2014 ([34]). Huwa primarjament iddedikat għal traffiku kummerċjali tal-passiġġieri, domestiku u internazzjonali. L-ajruport għandu vokazzjoni turistika, għaliex iservi l-*Costa Smeralda* li hija turistika ħafna. Għalhekk it-traffiku huwa l-aktar ikkonċentrat bejn Mejju u Ottubru: matul il-perjodu 2007-2009, 84 % tat-traffiku tal-passiġġieri fl-ajruport ġie rreġistrat bejn April u Ottubru.

(65) Fil-31 ta' Diċembru 2013, GEASAR irreġistrat dħul ta' EUR 27,0 miljuni u riżultat nett pożittiv ta' EUR 2,8 miljuni. Assi totali ammontaw għal EUR 57,3 miljuni.

2.7. *MEKKANIŻMU U STRUTTURA TAL-FINANZJAMENT STABBILIT MIR-REĠJUN TA' SARDINJA*

2.7.1. AMMONT GLOBALI TAL-KONTRIBUZZJONIJIET IMPENJATI MIR-REĠJUN TA' SARDINJA

(66) Oriġinarjament, l-Artikolu 3 tal-Liġi 10/2010 awtorizza lir-Reġjun sabiex jagħti lill-operaturi tal-ajruport EUR 19 700 000 għall-2010 u EUR 24 500 000 għal kull sena sussegwenti, għall-2011, l-2012 u l-2013.

([32]) *Sors:* Sit web uffiċjali tal-ajruport.
([33]) Societa per azioni costituita nel 1985.
([34]) *Sors:* Wikipedia.

(67) Matul il-perjodu kollu, bil-kunsiderazzjoni tar-riżorsi u l-pjanijiet ta' attivitajiet tiegħu stess ippreżentati mill-ajruporti, ir-Reġjun progressivament naqqas l-ammonti oriġinarjament impenjati għall-finanzjament tal-iskema kif stipulat fit-Table 3.

Tabella 3

Kumpens impenjat favur ajruporti ta' Sardinja — 2010-2013

(EUR)

	2010	**2011**	**2012**	**2013**	**Total**
Alghero	9 960 000	10 559 913,00	9 094 919,77	8 029 737,87	37 644 570,64
Cagliari	5 000 000	4 777 320,33	8 405 080,23	9 261 925,37	27 444 325,93
Olbia	4 000 000	3 057 654,00	4 000 000,00	4 208 336,76	15 265 990,76
Oristano	300 000	—	—	—	300 000
Total	19 260 000	18 394 887,33	21 500 000	21 500 000	**80 654 887,33**

(68) Id-Deċiżjoni Nru 4/34 tal-5 ta' Frar 2014 immodifikat il-kontribuzzjoni reġjonali għall-2013 u tipprevedi ammont globali ta' EUR 17 500 000 għall-2013 għat-tliet operaturi tal-ajruport kif stipulat fit-Table 4.

Tabella 4

Kumpens impenjat favur l-ajruporti ta' Sardinja — 2013 (skont id-Deċiżjoni Nru 4/34 tal-5 ta' Frar 2014

(EUR)

	Sena 2013
Alghero	8 235 603
Cagliari	5 264 397
Olbia	4 000 000
Total	17 500 000

(69) Il-kontribuzzjonijiet finali li jirriżultaw mill-modifikazzjonijiet varji, li fil-fatt ingħataw mir-Reġjun ta' Sardinja lit-tliet ajruporti, huma stipulati fit-Table 5 ([35]).

Tabella 5

Kumpens finali impenjat favur l-ajruporti ta' Sardinja — 2010-2013

(EUR)

	2010	**2011**	**2012**	**2013**	**Total**
Alghero	9 960 000	10 559 913	9 094 920	8 235 603	37 850 436
Cagliari	5 000 000	4 777 320	8 405 080	5 264 397	23 446 797
Olbia	4 000 000	3 057 654	4 000 000	4 000 000	15 057 654
Oristano	300 000	—	—	—	300 000
Total	19 260 000	18 394 887	21 500 000	17 500 000	**76 654 887**

([35]) Kif spjegat fil-Premessa 53, kumpens finanzjarju kien oriġinarjament ġie previst favur l-ajruporti ta' Sardinja kollha, inkluż l-ajruport ta' Oristano, iżda mbagħad ġie mħassar.

(70) Il-miżura tieħu l-forma ta' għotjiet diretti mir-Reġjun għall-operaturi tal-ajruport ta' Sardinja, li mbagħad se jittrasferixxu s-somom involuti lil-linji tal-ajru u lill-entitajiet l-oħra involuti. L-għotjiet huma direttament iffinanzjati mill-baġit reġjonali. L-operaturi tal-ajruport għandhom jimmaniġġjaw kontijiet separati sabiex iżommu rendikont tal-ammonti li rċevew.

2.7.2. IL-PJANIJIET TA' ATTIVITAJIET U R-ROTOT TA' INTERESS STRATEĠIKU

(71) L-operaturi tal-ajruporti ta' Sardinja huma obbligati li jabbozzaw pjanijiet ta' attivitajiet u jibagħtuhom lir-Reġjun għall-approvazzjoni. Dawn il-pjanijiet ta' attivitajiet għandhom jinkludu l-attivitajiet li jikkonsistu fl-iżvilupp ta' konnessjonijiet tal-ajru minn punt għal punt, b'destinazzjonijiet nazzjonali u Ewropej lejn u minn ajruporti ta' Sardinja, li għandhom jinkisbu permezz ta' ftehimiet mal-linji tal-ajru. Għal dan l-għan, il-pjan stess irid jindika liema inizjattivi, minn fost dawk elenkati ([36]), l-operaturi tal-ajruport jikkunsidraw fattibbli fir-rigward tal-objettivi ta' titjib u li jagħmlu t-trasport bl-ajru anqas staġjonali skont il-Liġi 10/2010.

(72) Il-pjanijiet għandhom jidentifikaw ir-rotot ta' interess strateġiku (domestiku u internazzjonali) u l-miri għal kull sena li jikkonċernaw il-frekwenza tat-titjiriet, il-fattur tat-tagħbija, in-numru ta' passiġġieri u l-attività ta' kummerċjalizzazzjoni.

(73) Il-pjanijiet tal-attivitajiet għandhom jirrispettaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) Ir-rotot ta' interess strateġiku ma jistgħux jikkoinċidu mar-rotot diġà operati taħt reġim PSO ([37]) abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([38]).

(b) Il-kontribuzzjoni finanzjarja għal kull waħda mir-rotot issussidjati jinħtieġ li tonqos maż-żmien.

(c) Il-ftehim finanzjarju konkluż mal-linji tal-ajru jinħtieġ li jinkludi pjan għall-promozzjoni tat-territorju lokali li jinħtieġ li jkun konsistenti mal-istrateġija tal-komunikazzjoni relatata mat-turiżmu tar-Reġjun.

(d) Fejn il-kumpens totali mitlub mill-ajruporti huwa ogħla mill-ammont totali awtorizzat mill-baġit reġjonali, tingħata preferenza lil konnessjonijiet internazzjonali *vis à vis* ir-rotot domestiċi (ħlief għal destinazzjonijiet li jservu aktar minn 3 miljun abitant), rotot li jagħqdu ċentri prinċipali, rotot b'potenzjal ta' traffiku kbir, rotot li għalihom is-servizzi se jkunu pprovduti matul is-sena minflok fuq bażi staġjonali u kumpaniji li jiddeċiedu li joħolqu bażi operattiva fl-ajruport lokali.

(74) L-operat tar-rotot ta' interess strateġiku jirrappreżenta l-SIEĠ li l-linji tal-ajru jinħtieġ li jipprovdu bi skambju għal kumpens (soġġett għall-issodisfar ta' miri stipulati għat-traffiku tal-passiġġieri). Il-pjanijiet ta' attivitajiet jinħtieġ li jkunu appoġġjati minn previżjonijiet ekonomiċi u finanzjarji xierqa li juru l-prospetti għall-profittabbiltà tal-inizjattivi inkwistjoni u jindikaw ir-rekwiżiti finanzjarji assoċjati ma' dawn l-attivitajiet għal kull sena kkonċernata. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu indikazzjoni tal-livell tar-riżorsi personali investiti mill-operatur tal-ajruport kif ukoll il-livell ta' investiment ta' partijiet terzi li jibbenefikaw miż-żieda fit-traffiku.

(75) Il-"pjanijiet ta' attivitajiet" reali mibgħuta mill-Italja matul il-proċedura formali jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-Premessa 73. Dawn fihom l-informazzjoni obbligatorja meħtieġa mir-Reġjun bħal preżentazzjoni tal-offerta tat-trasport issussidjata, il-kalkolu dettaljat tal-kumpens li għandu jingħata u l-benefiċċji ekonomiċi mistennija tal-appoġġ pubbliku.

(76) Ladarba l-pjanijiet tal-attività jiġu approvati, ir-Reġjun jiddeċiedi kif xieraq li jagħti riżorsi finanzjarji annwali lil kull ajruport, filwaqt li jivvaluta l-attivitajiet imwettqa abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt ekonomiku tagħhom fuq l-attività ekonomika f'Sardinja.

([36]) Ara l-Premessa 44.

([37]) Mill-2000, PSOs ġew imposti fuq rotot domestiċi bejn l-ajruporti ta' Sardinja u l-ajruporti tal-Italja kontinentali skont ir-regoli tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni.

([38]) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

(77) Il-finanzjament tal-pjanijiet huwa kif ġej:

(a) l-operatur tal-ajruport benefiċjarju se jirċievi l-ewwel ħlas bħala ħlas bil-quddiem ugwali għal 20 % tal-ammont totali previst fil-pjanijiet;

(b) 60 % tal-finanzjament totali se jitħallas bħala ħlas interim meta jasal ir-rapport ta' kull tliet xhur;

(c) il-ħlas tal-aħħar parti tal-ħlas se jsir fi żmien 60 jum minn meta tasal id-dokumentazzjoni rilevanti, wara verifika mir-Reġjun tal-attività mwettqa, ir-riżultati miksuba u l-ispejjeż imġarrba.

(78) Il-pjanijiet ta' attivitajiet ġew approvati minn żewġ deċiżjonijiet tar-Reġjun:

(a) Id-Deċiżjoni Nru 43/37 tas-6 ta' Diċembru 2010 ta' Sardinja approvat il-pjanijiet ta' attivitajiet għall-2010 sottomessi mill-operaturi ta' Cagliari, Olbia, Alghero u Oristanou u l-ammonti speċifiċi li għandhom jingħataw lil kull wieħed minnhom ([39]).

(b) Id-Deċiżjoni Nru 52/117 tat-23 ta' Diċembru 2011 ta' Sardinja approvat il-pjanijiet ta' attivitajiet sottomessi mill-operaturi ta' Cagliari, Olbia u Alghero għall-perjodu 2011 — 2013. Il-miri tal-passiġġieri annwali għal kull ajruport u t-tqassim tal-kumpens fost it-tliet ajruport huma speċifikati. Id-Deċiżjoni tikkjarifika ulterjorment li l-pjanijiet għall-2011 għandhom jitqiesu definittivi minħabba li jikkonċernaw attivitajiet diġà mwettqa, filwaqt li l-pjanijiet għas-sentejn ta' wara, l-2012 u l-2013, huma soġġetti għal tibdil.

2.7.3. IL-PROĊESS TA' MONITORAĠĠ

(79) Hija f'idejn l-operaturi tal-ajruport li jippreparaw il-pjanijiet ta' attivitajiet skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi 10/2010 u l-atti varji ta' implimentazzjoni tagħha. Huma għandhom jinteraġġixxu mal-linji tal-ajru matul dik il-preparazzjoni u l-pjan finali għandu jiġi approvat mir-Reġjun. Jekk ir-Reġjun ma jaqbilx jew jinnota inkonsistenzi mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi 10/2010, jista' jitlob tibdil fil-pjanijiet ta' attivitajiet.

(80) L-operaturi tal-ajruport huma meħtieġa mir-Reġjun sabiex jimmonitorjaw il-prestazzjoni tal-linji tal-ajru u sabiex japplikaw penali għan-nuqqas ta' twettiq tal-miri ddefiniti *ex ante*, b'mod partikolari fir-rigward ta' frekwenzi u passiġġieri. Dan il-mekkaniżmu ta' penali għandu jkun previst fil-ftehimiet ma' kumpaniji tal-ajru.

(81) Id-deċiżjonijiet tal-Eżekuttiv Reġjonali li jimplimenta l-Liġi 10/2010 jipprevedu l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ mir-Reġjun, sabiex ikun evitat kumpens żejjed għall-ispiża annwali prevista għall-attivitajiet inkwistjoni. Ir-Reġjun għandu jiddefinixxi azzjonijiet *ex ante* ta' kontroll, jiċċekkja u eventwalment jirkupra kwalunkwe kumpens żejjed b'mod partikolari billi jissorvelja n-numru attwali ta' titjiriet u passiġġieri.

(82) Ir-Reġjun jissorvelja l-ispejjeż reali mġarrba minn operaturi tal-ajruport għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet inkwistjoni billi jikkontrolla d-dokumentazzjoni xierqa u jirrapporta l-ispejjeż annwali (fatturi minn kumpaniji tal-ajru lill-operaturi tal-ajruport). L-operaturi tal-ajruport għandhom jirrappurtaw il-finanzjament tal-attivitajiet lir-Reġjun, ibbażat fuq il-fatturi li rċevew mingħand kuntratturi (kumpaniji tal-ajru għal attivitajiet 1 u 2 u kumpaniji oħrajn għal attività 3). Jikkontrolla wkoll li r-rotta soġġetta għal kumpens mhijiex rotta soġġetta għal PSO skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

(83) Il-finanzjament reġjonali skont il-Liġi 10/2010 jista' jingħata biss fil-kuntest tal-pjanijiet ta' attivitajiet imsemmija qabel, li għandhom jiġu approvati mir-Reġjun. Minħabba li dawn il-pjanijiet ġew imfasslin qabel ma twettqu l-attivitajiet previsti mil-Liġi 10/2010, jista' jkun hemm xi varjazzjonijiet fl-implimentazzjoni tagħhom. Għalhekk, il-mekkaniżmu organizzat mir-Reġjun jipprevedi li l-kontribuzzjoni finali tiegħu jinħtieġ li tiġi adattata għall-varjazzjonijiet fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet jew fl-ispejjeż imġarrba mill-ajruporti ([40]). Għalhekk

([39]) Fir-rigward ta' Tortolì-Arbatax, l-att isemmi li l-operatur tal-ajruport bagħat il-pjan għat-tielet parti biss (mhux għall-2010).

([40]) Fil-komunikazzjoni tagħha lill-Kummissjoni tal-11 ta' Settembru 2015 (il-Premessa 14), l-Italja tipprovdi l-eżempju ta' GEASAR, li, fil-2013, naqqset l-attivitajiet kummerċjali tagħha meta mqabbel mal-previżjonijiet inizjali (fl-attività 2 iffinanzjata mir-Reġjun). Ir-Reġjun konsegwentament naqqas il-kontribuzzjoni finali tiegħu.

il-kontribuzzjoni finali deċiża mir-Reġjun tikkunsidra l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet ta' attivitajiet u l-konsistenza tal-attivitajiet li għalihom jintalab il-finanzjament bl-objettivi tal-Liġi 10/2010 u skont il-pjan ta' kummerċjalizzazzjoni turistika tar-Reġjun. Fejn huma żvelati diskrepanzi, il-kontribut finali huwa adattat mir-Reġjun ([41]).

(84) Id-dokumentazzjoni sottomessa mill-Italja turi li l-operaturi tal-ajruport fil-fatt taw rendikont lir-Reġjun dwar il-finanzjament pubbliku li rċevew (inkluż evidenza ta' sostenn bħal fatturi marbutin mal-ispejjeż imġarrba) u pprovdew evidenza tal-azzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' promozzjoni. Ir-Reġjun ikkontrolla dik l-informazzjoni u ħallas il-ħlas li kien fadal lill-operaturi tal-ajruport.

2.7.4. AVVANZI FINANZJARJI U R-RWOL TAL-FOND REĠJONALI

(85) Kif diġà msemmi fit-Taqsima 2.3, il-liġi Reġjonali tat-30 ta' Ġunju 2011 tistabbilixxi l-fond reġjonali ([42]) ġestit minn SFIRS u ffinanzjat mir-Reġjun.

(86) Il-mekkaniżmu finanzjarju stabbilit mir-Reġjun skont il-Liġi 10/2010 huwa dan li ġej:

(a) Ir-riżorsi finanzjarji relatati mal-implimentazzjoni tat-tliet attivitajiet huma mgħoddija mill-operaturi tal-ajruport lill-linji tal-ajru fl-ajruporti kkonċernati (fil-każ ta' attivitajiet 1 u 2) u lill-fornituri tas-servizz oħrajn ikkonċernati (fil-każ ta' attività 3).

(b) Kull sena, wara talbiet għal finanzjament bil-quddiem minn operaturi tal-ajruport, ir-Reġjun jiddeċiedi li SFIRS — permezz tal-fond reġjonali — għandu jagħti avvanzi finanzjarji lill-ajruporti. Il-fond reġjonali mbagħad jagħti lill-operaturi tal-ajruport, fuq talba, il-finanzjament li rimunerazzjoni (tariffi pagabbli u mgħax) tagħmel tajjeb għalih bħala ħlas bil-quddiem tal-ammont imqassam skont il-Liġi 10/2010. Il-ħlas bil-quddiem għandu jikkorrispondi għal massimu ta' 85 % ([43]) tal-kontribuzzjoni impenjata mir-Reġjun għall-operaturi tal-ajruport. Il-finanzjament bil-quddiem huwa soġġett għall-imgħax (Euribor 6 M + 2 % għall-2010 u Euribor 6 M + 1,5 % għall-2011-2013) u tariffa ta' kommissjoni (1 % għall-2010 u 0,50 % għall-2011-2013), imħallsin mill-operaturi tal-ajruport lil SFIRS.

(c) Ir-Reġjun sussegwentament jikkonferma l-ammonti definittivi li għandhom jingħataw lill-operaturi tal-ajruport ("il-kontribuzzjoni" tar-Reġjun), fil-limiti tar-riżorsi disponibbli tiegħu u filwaqt li jitqiesu l-ammonti effettivament imħallsa mill-operaturi tal-ajruport fil-kuntest tal-implimentazzjoni tat-tliet attivitajiet. Għal dan l-għan, l-operaturi tal-ajruport jissottomettu rapporti xierqa li: (i) jindikaw ir-riżultati miksubin u jinkludu analiżi tal-impatt; (ii) jispeċifikaw fid-dettall l-ispejjeż attwalment imġarrba mill-ajruport għall-inizjattivi mwettqa, kif ukoll jipprovdu d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa (fatturi jew simili).

(d) Mill-ammont tal-kontribuzzjoni reġjonali, il-fond reġjonali jnaqqas it-tariffa ta' 4 %, li titħallas lura lir-Reġjun. Ladarba l-kontribuzzjoni finali tiġi deċiża, il-fond reġjonali jagħti l-parti li jkun fadal tal-finanzjament ([44]) lill-operatur tal-ajruport. Il-fond huwa mistenni li jagħti l-parti li jkun fadal lill-operatur tal-ajruport b'massimu ta' sitt xhur wara l-konklużjoni tal-pjanijiet ta' attivitajiet.

2.8. *FLUSSI FINANZJARJI*

2.8.1. FLUSSI FINANZJARJI MIR-REĠJUN GĦALL-OPERATURI TAL-AJRUPORT

(87) Għalkemm ir-Reġjun kien impenja ruħu li jagħti t-total ta' EUR 76 654 887 matul il-perjodu 2010-2013 (ara t-Tabella 5), fil-fatt ittrasferixxa EUR 68 510 256 lill-operaturi tal-ajruport għall-finanzjament tat-tliet attivitajiet skont il-Liġi 10/2010 ([45]) (ara t-Tabella 6, kolonna A): EUR 35 516 988 għal SOGEAAL, EUR 19 250 617 għal SOGAER u EUR 13 742 651 għal GEASAR.

([41]) L-Italja tipprovdi għal dan l-għan l-eżempju tal-ajruport ta' Oristano, li għalih ir-Reġjun irrifjuta rotta speċifika prevista fil-pjan ta' attivitajiet tal-ajruport — Komunikazzjoni mill-Italja lill-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2015, p. 5-6.
([42]) Fondo regionale per anticipazioni finanziarie — Legge Regionale 30 giugno 2011, n.12 Art.4, commi 32 e 33.
([43]) B'massimu sa 90 % għall-2011 — Ara Determinazione prot. No 7641 rep. No 694 del 2/10/2012.
([44]) Dan l-ammont huwa ekwivalenti għall-kontribut deċiż mir-Reġjun, bit-tnaqqis tat-tariffa ta'4 % u tal-finanzjament bil-quddiem diġà mogħti lill-operatur tal-ajruport.
([45]) L-Italja pprovdiet lill-Kummissjoni b'tabelli li jindikaw l-ammont finali impenjat mir-Reġjun.

(88) L-avvanzi finanzjarji totali ttrasferiti mill-fond reġjonali lill-operaturi tal-ajruport jammontaw għal EUR 42 987 645 (it-Tabella 6, kolonna B). It-tariffa ta' kummissjoni u l-imposta fuq l-imgħax huma kkalkolati mill-avvanz finanzjarju u mnaqqsin mill-fond meta l-avvanz finanzjarju huwa mħallas lill-operatur tal-ajruport. It-tariffa mnaqqsa tirrappreżenta 4 % tal-kontribuzzjoni impenjata mir-Reġjun u hija mnaqqsa mill-fond mill-ammont ta' kontribuzzjoni meta titħallas il-parti tas-somma li jkun fadal li tingħata mir-Reġjun lill-ajruport (wara li jkunu tħallsu l-avvanzi finanzjarji) ([46]).

(89) Għalhekk, l-ammont nett li għandu jirċievi l-operatur tal-ajruport (it-Tabella 6, il-kolonna C) jista' jiġi kkalkulat bħala l-kontribuzzjoni tar-Reġjun nieqes it-tliet imposti finanzjarji (it-tariffa ta' kummissjoni, l-imposta fuq l-imgħax u t-tariffa mnaqqsa). L-ammonti kkomunikati mill-Italja bħala l-ammonti netti li fil-fatt irċevew l-operaturi tal-ajruport (it-Tabella 6, kolonna D), huma ftit differenti mill-ammonti teoretiċi:

(a) Fil-każ ta' SOGEAAL, l-Italja tispjega li l-operatur tal-ajruport xorta għandu jirċievi EUR 167 661 mir-Reġjun fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-2013.

(b) Il-kontribuzzjonijiet reġjonali lil SOGAER u GEASAR għall-2013 (EUR 4 946 576 u EUR 3 795 930 rispettivament) ġew deċiżi mir-Reġjun fid-19 ta' Ġunju 2014 u l-10 ta' Ġunju 2014 rispettivament, iżda qatt ma tħallsu ([47]): L-Italja tirrikonoxxi li d-deċiżjoni reġjonali tikkostitwixxi impenn legalment vinkolanti sabiex jitħallsu l-ammonti inkwistjoni, li jistgħu jkunu invokati quddiem qorti nazzjonali. Madankollu l-Italja ddeċidiet li tistenna sakemm il-proċeduri ta' għajnuna mill-Istat jintemmu.

([46]) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Taljani ma jispjegawx għaliex l-avvanzi finanzjarji rrapportati fit-Tabelli xi kultant jaqbżu l-kontribuzzjoni stabbilita mir-Reġjun. Madankollu, dawn id-differenzi mhumiex rilevanti għall-iskop li jiġu vvalutati l-miżuri ta' għajnuna ladarba l-Kummissjoni żżomm biss l-impenn baġitarju (il-kolonna A) u l-ammont li fil-fatt irċevew l-operaturi tal-ajruport (il-kolonna D) — Ara t-Tabella 14.

([47]) *"Disposti ma non erogati"*.

Tabella 6

Flussi finanzjarji effettivi mir-Reġjun għall-operaturi tal-ajruport

SOGEAAL — ALGHERO

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	Kontribuzzjoni ffissata mir-Reġjun (A)		Avvanz finanzjarju (B)		Tariffi finanzjarji			Ammont li għandu jirċievi l-operatur tal-ajruport (C)	Ammont nett li effettivament irċieva l-operatur tal-ajruport (D)	*Differenza (C)-(D)*
	Ammont	Data ta' impenn	Ammont	Data tal-ħlas	Tariffa mnaqqsa ta' 4 %	Tariffa tal-Kummissjoni	L-imposta fuq l-imgħax			
2010	8 517 963	07/11/2012	[…] (*)	20/09/2011	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2011	9 041 162	12/11/2012	(…)	8/02/2012 u 23/08/2012	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2012	9 062 413	03/06/2013	(…)	22/10/2012	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2013	8 895 449	27/10/2014	(…)	17/10/2013	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Total	**35 516 988**		(…)		(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)

(*) Sigriet kummerċjali.

SOGAER — CAGLIARI

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	Kontribuzzjoni ffissata mir-Reġjun (A)		Avvanz finanzjarju (B)		Imposti finanzjarji			Ammont li għandu jirċievi l-operatur tal-ajruport (C)	Ammont nett li filfatt irċieva l-operatur tal-ajruport (D)	*Differenza (C)-(D)*
	Ammont	Data ta' impenn	Ammont	Data tal-ħlas	Tariffa mnaqqsa ta' 4 %	Tariffa ta' Kummissjoni	L-imposta fuq l-imgħax			
2010	4 657 311	07/11/2012	(…)	10/09/2012	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2011	4 777 320	07/11/2012	(…)	15/06/2012	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
2012	4 869 410	13/06/2013	—	—	(…)	—	—	(…)	(…)	(…)
2013	4 946 576	19/06/2014	—	—	(…)	—	—	(…)	(…)	(…)
Total	**19 250 617**		(…)		(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	Kontribuzzjoni ffissata mir—Reġjun (A)		Avvanz finanzjarju (B)		Imposti finanzjarji			Ammont li għandu jirċievi l-operatur tal-ajruport (C)	Ammont nett li fil-fatt irċieva l-operatur tal-ajruport (D)	*Differenza (C)-(D)*
	Ammont	Data ta' impenn	Ammont	Data tal-ħlas	Tariffa mnaqqsa ta' 4 %	Tariffa tal-Kummissjoni	L-imposta fuq l-imgħax			
2010	3 972 223	07/11/2012	(…)	19/09/2011	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	0
2011	2 945 363	07/11/2012	(…)	01/06/2012	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	0
2012	3 029 135	12/06/2013	—	—	(…)	—	—	(…)	(…)	0
2013	3 795 930	10/06/2014	—	—	(…)	—	—	(…)	(…)	(…)
Total	**13 742 651**		(…)	—	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)

2.8.2. FLUSSI FINANZJARJI MILL-OPERATURI TAL-AJRUPORT GĦAL-LINJI TAL-AJRU U GĦAL FORNITURI TAS-SERVIZZ TERZI GĦALL-FINANZJAMENT TAT-TLIET ATTIVITAJIET

(90) L-operaturi tal-ajruport ta' Alghero, Cagliari u Olbia ffinanzjaw lil linji tal-ajru u fornituri tas-servizz terzi għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet 1, 2 u 3 matul il-perjodu 2010 — 2013. Skont l-Italja, il-kumpens li rċevew l-operaturi tal-ajruport mir-Reġjun matul il-perjodu 2010 — 2013 għall-finanzjament ta' attivitajiet 1, 2 u 3 ġie mgħoddi lil linji tal-ajru u lil fornituri tas-servizz terzi. Il-linji tal-ajru rċevew finanzjament għal attivitajiet 1 u 2 u ntgħażlu abbażi tal-"aktar offerta kummerċjali vantaġġuża" ([48]). Fornituri tas-servizz terzi inkarigati minn miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni, bħal reklamar jew aġenziji tat-turisti, irċevew finanzjament għal attività 3.

(91) It-Tabella 7 tiġbor fil-qosor il-flussi finanzjarji minn operaturi tal-ajruport lil-linji tal-ajru u fornituri tas-servizz terzi għall-finanzjament ta' attivitajiet 1, 2 u 3.

Tabella 7

Flussi finanzjarji mill-operaturi tal-ajruport lil-linji tal-ajru u fornituri tas-servizz terzi għall-finanzjament ta' attivitajiet 1, 2 u 3 (f'EUR)

SOGEAAL — ALGHERO

(EUR)

Perjodu tal-attività ta' referenza	Finanzjament tal-attivitajiet		
	attivitajiet 1 u 2	attività 3	Total (A)
2010	(…)	(…)	8 517 963
2011	(…)	(…)	9 041 162
2012	(…)	(…)	9 062 413
2013	(…)	(…)	8 895 449
Total	(…)	(…)	**35 516 987 (100 %)**

SOGAER — CAGLIARI

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	Finanzjament tal-attivitajiet		
	attivitajiet 1 u 2	attività 3	Total (A)
2010	(…)	(…)	4 657 311
2011	(…)	(…)	4 977 946
2012	(…)	(…)	4 869 410
2013	(…)	(…)	4 946 576
Total	(…)	(…)	**19 451 243 (100 %)**

([48]) Ara l-Premessa 47: għalkemm offerti kienu ġew previsti mill-qafas legali ta' Sardinja, l-ebda offerta ma ġiet organizzata sabiex jintgħażlu kumpaniji tal-ajru.

GEASAR — OLBIA

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	Finanzjament tal-attivitajiet		
	attivitajiet 1 u 2	attività 3	Total (A)
2010	(…)	(…)	3 972 223
2011	(…)	[…] [1]	2 945 500
2012	(…)	(…)	3 029 160
2013	(…)	(…)	3 795 935
Total	(…)	(…)	**13 742 818 (100 %)**

[1] Fil-komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Settembru 2015, l-Italja tiddikjara ammont ta' EUR […] għall-finanzjament tal-attivita 3 fl-2011. Fil-komunikazzjoni tagħha tas-16 ta' Diċembru 2015 (rapport mid-Deloitte Financial Advisory S.r.l.), l-Italja ssemmi l-ammont ta' EUR […] minflok ta' EUR […] mingħajr ebda ġustifikazzjoni għad-differenza.

(92) Table 8 tiġbor fil-qosor il-ħlasijiet mill-operaturi tal-ajruport lil kumpaniji tal-ajru għall-finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2.

Tabella 8

Flussi finanzjarji mill-operaturi tal-ajruport lil kumpaniji tal-ajru għall-finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2

SOGEAAL — ALGHERO

(EUR)

	2010	2011	2012	2013	Total
Ryanair	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
AMS	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
easyJet	—	—	(…)	(…)	(…)
Volotea	—	—	—	(…)	(…)
Alitalia	(…)	—	—	—	(…)
Meridiana	(…)	—	(…)	—	(…)
Wizzair	—	—	(…)	(…)	(…)
Total	(…)	(…)	(…)	(…)	**35 221 513**

SOGAER — CAGLIARI

(EUR)

	2010	2011	2012	2013	Total
Ryanair	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
AMS	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
easyJet	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Germanwings	—	—	(…)	—	(…)
Tourparade	—	—	(…)	—	(…)

(EUR)

	2010	2011	2012	2013	Total
Air Berlin	—	—	—	(…)	(…)
Vueling	—	—	—	(…)	(…)
Volotea	—	—	(…)	(…)	(…)
Total	(…)	(…)	(…)	(…)	**19 018 170**

GEASAR — OLBIA

(EUR)

	2010	2011	2012	2013	Total
Meridiana Fly	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Air Italy	(…)	(…)	—	—	(…)
Air Berlin	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
easyJet	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Norwegian	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)
Jet2.com	—	(…)	(…)	(…)	(…)
NIKI	—	—	(…)	—	(…)
Vueling	—	—	—	(…)	(…)
Air Baltic	—	—	—	(…)	(…)
Volotea	—	—	(…)	(…)	(…)
Total	(…)	(…)	(…)	(…)	**12 683 623**

2.8.3. KONKLUŻJONI

(93) Kif stipulat fit-Table 6, il-finanzjament ipprovdut mir-Reġjun ġie ttrasferit kompletament għall-operaturi tal-ajruport, li huma stess ġew saħansitra pprovduti b'aktar finanzjament milli rċevew mir-Reġjun għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet 1, 2 u 3 taħt il-pjanijiet ta' attivitajiet tagħhom. (Id-differenza bejn il-finanzjament attwali pprovdut għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet 1, 2, 3 (kolonna B ta' Table 9) u l-ammont attwali li rċevew l-operaturi tal-ajruport mingħand ir-Reġjun għat-twettiq ta' dawn l-attivitajiet (kolonna C ta' Table 9) tammonta għal EUR 12 733 760).

Tabella 9

Tqabbil bejn il-finanzjament ipprovdut mir-Reġjun u l-ammonti ffinanzjati minn operaturi tal-ajruport għall-implimentazzjoni tat-tliet attivitajiet skont il-Liġi 10/2010

(EUR)

	Kontribuzzjoni ffissata mir-Reġjun (A)	Ammont totali ffinanzjat minn ajruporti għat-tliet attivitajiet (B)	Differenza (A)-(B)	Ammont nett li fil-fatt irċieva r-Reġjun mingħand operaturi tal-ajruport (C)	Differenza (B)-(C)
Alghero	35 516 988	35 516 987	1	33 028 346	2 488 641
Cagliari	19 250 617	19 451 243	– 200 625	13 607 197	5 844 045

(EUR)

	Kontribuzzjoni ffissata mir-Reġjun (A)	Ammont totali ffinanzjat minn ajruporti għat-tliet attivitajiet (B)	Differenza (A)-(B)	Ammont nett li fil-fatt irċieva r-Reġjun minghand operaturi tal-ajruport (C)	Differenza (B)-(C)
Olbia	13 742 651	13 742 818	– 167	9 341 744	4 401 074
TOTAL	**68 510 256**	**68 711 048**	**– 200 792**	**55 977 287**	**12 733 760**

(94) Barra minn hekk, fir-rigward ta' linji tal-ajru, kif stipulat fit-Table 8, il-finanzjament ipprovdut mir-Reġjun permezz ta' operaturi tal-ajruport lil linji tal-ajru għal attivitajiet 1 u 2 ġie mgħoddi lill-kumpaniji li ġejjin:

(1) Ryanair

(2) AMS

(3) Meridiana Fly

(4) Air Italy

(5) Air Berlin

(6) easyJet

(7) Norwegian

(8) Jet2.com

(9) NIKI

(10) Vueling

(11) Air Baltic

(12) Volotea

(13) Tourparade

(14) Alitalia

(15) Wizzair

(16) Germanwings

3. **RAĠUNIJIET GĦAT-TNEDIJA TAL-PROĊEDURA U L-VALUTAZZJONI INIZJALI MILL-KUMMISSJONI**

(95) Skont id-Deċiżjoni tal-Ftuħ, l-ambitu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali jinkludi l-attivitajiet li ġejjin:

(a) kumpens finanzjarju mir-Reġjun għat-tliet operaturi tal-ajruport (SOGEAAL, GEASAR u SOGAER) matul il-perjodu 2010-2013 għall-finanzjament ta' attivitajiet 1, 2 u 3;

(b) kumpensi finanzjarji pprovduti mit-tliet operaturi tal-ajruport lil kumpaniji tal-ajru għall-finanzjament ta' attivitajiet 1 u 2 matul il-perjodu 2010-2013 ([49]).

(96) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ ġie osservat li ladarba l-Kummissjoni kienet qed tinvestiga għajnuna possibbilment illegali mogħtija mill-operatur tal-ajruport ta' Alghero fil-Każ SA.23098 ([50]), il-każ attwali jkopri biss miżuri ta' għajnuna mhux eżaminati f'dak il-każ ([51]).

([49]) L-ambitu tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ma inkludietx l-għajnuna potenzjali mogħtija minn operaturi tal-ajruport lil fornituri tas-servizz apparti linji tal-ajru għal attività 3. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tieħu pożizzjoni dwar dan l-aspett.

([50]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1584 tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.23098 (C 37/07) (ex NN 36/07) implimentata mill-Italja favur is-Società di Gestione dell'Aeroporto di Alghero So.Ge.A.AL S.p.A. u diversi trasportaturi tal-ajru li joperaw fl-ajruport ta' Alghero (ĠU L 250, 25.9.2015, p. 38).

([51]) Ara l-Premessi 48-52.

(97) Fir-rigward tal-kumpens finanzjarju mir-Reġjun lit-tliet operaturi tal-ajruport, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-kumpens mogħti lil ajruporti ta' Sardinja jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u li l-Italja ma kinitx irrispettat l-obbligu ta' waqfien fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat fir-rigward ta' dak il-kumpens.

(98) Il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar il-kompatibilità tal-iskema ta' kumpens għall-operaturi tal-ajruport mas-suq intern. B'mod partikolari, il-Kummissjoni waslet għall-opinjoni preliminari li l-kumpens inkwistjoni ma jistax jitqies bħala kumpens għal SIEĠ ġenwin fdat lil operaturi tal-ajruport.

(99) Fir-rigward tal-kumpens finanzjarju pprovdut mit-tliet operaturi tal-ajruport lill-kumpaniji tal-ajru għall-finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2, il-Kummissjoni kkunsidrat li tista' tinvolvi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u li tista' tiġi kkunsidrata illegali skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, minħabba li jidher li ngħata lill-benefiċjarji bi ksur tal-obbligu ta' waqfien. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkunsidrat li r-Reġjun kellu kontroll fuq ir-riżorsi li qed jiġu kkunsidrati, li kienu impenjati b'mod ċar fil-baġit reġjonali bl-iskop preċiż, fost l-oħrajn, li jissussidjaw rotot ta' trasport bl-ajru lejn u mill-ajruporti. Għalhekk il-Kummissjoni kkunsidrat li t-trasferimenti mill-operaturi tal-ajruport għal-linji tal-ajru kienu imputabbli għall-Istat u kienu jinvolvu riżorsi tal-Istat. Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll li l-finanzjament li rċevew il-linji tal-ajru jnaqqas l-ispejjeż li kieku kellhom iġarrbu mir-riżorsi tagħhom stess li kieku kellhom joperaw l-istess skeda tat-titjira, u kkonkludiet li kien hemm vantaġġ ekonomiku għal-linji tal-ajru.

(100) Barra minn hekk, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk il-kumpens finanzjarju mħallas lil linji tal-arju li joperaw fl-ajruporti ta' Alghero, Cagliari u Olbia jistgħux jitqiesu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. B'mod partikolari l-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha fir-rigward tal-kompatibbiltà skont id-Deċiżjoni SIEĠ tal-2011 ([52]) flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, il-Qafas SIEĠ tal-2011 ([53]) flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, u l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.

4. IL-KUMMENTI TAL-ITALJA DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

4.1. *IL-LIĠI 10/2010*

(101) L-Italja tiġġustifika l-intervent finanzjarju bbażat fuq il-Liġi 10/2010 għall-perjodu 2010-2013 bl-iżvilupp tat-trasport bl-ajru bejn Sardinja u destinazzjonijiet domestiċi u Ewropej bil-għan li jiżdiedu flussi turistiċi, b'mod partikolari barra mill-istaġun tas-sajf, li huwa ta' importanza kbira għall-ekonomija ta' Sardinja.

(102) Il-liġi tassenja lill-operaturi tal-ajruporti responsabbiltà speċifika għas-sodisfazzjon tal-objettiv tagħha u t-tfassil tal-kundizzjonijiet u tal-kriterji tagħha. B'mod partikolari, l-operaturi tal-ajruport għandhom jelaboraw "pjanijiet ta' attivitajiet" soġġetti għal approvazzjoni mir-Reġjun, li jispeċifikaw l-azzjonijiet li għandhom jitwettqu li jiffavorixxu n-nuqqas ta' staġjonalità u jżidu t-trasport bl-ajru. Dawn il-"pjanijiet ta' attivitajiet" jinkludu pjan ta' negozju finanzjarju, li jippreżenta r-riżultati mistennija u r-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex jintlaħaq l-objettiv.

(103) Il-pjanijiet ta' attivitajiet għandhom jirrispettaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rotot koperti mill-pjan għandhom ikunu differenti minn dawk diġà koperti minn kumpens tas-servizz pubbliku,

(b) għandha tiġi prevista promozzjoni adegwata tal-ġżira fil-każ ta' rotot ġodda jew żieda fil-perjodu operattiv tat-titjiriet.

(104) Meta r-riżorsi finanzjarji meħtieġa jaqbżu l-baġit tar-Reġjun, il-fondi meħtieġa għandhom ikunu allokati skont il-kriterji ddefiniti fid-Deċiżjoni Nru 29/36 tad-29 ta' Lulju 2010 ([54]) ta' Sardinja (prijorità għal rotot internazzjonali, ċentri importanti servuti, nuqqas ta' staġjonalità, l-ogħla frekwenza ta' titjiriet…).

([52]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna mill-Istat taħt forma ta' kumpens għal servizzi pubbliċi mogħtija lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

([53]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011), (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15).

([54]) Ara nota 4 f'qiegħ il-paġna.

(105) Il-Liġi 10/2010 tipprevedi t-tliet kategoriji ta' attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati mir-Reġjun, kif imsemmi fil-Premessi 44 *et seq*.

(106) L-attivitajiet varji ppreparati mill-operaturi tal-ajruport huma deskritti fid-dettall fil-pjanijiet ta' attivitajiet ta' kull ajruport u l-Italja tat lill-Kummissjoni tabelli li jiġbru fil-qosor l-attivitajiet imwettqa u l-finanzjament reġjonali rilevanti. L-Italja targumenta li l-attivitajiet kellhom impatt pożittiv għar-Reġjun, għaliex fil-perjodu inkwistjoni t-traffiku tal-ajru u l-flussi tal-passiġġieri relatati żdiedu.

(107) L-Italja tispeċifika li l-benefiċjarji ewlenin tal-finanzjament reġjonali skont il-Liġi 10/2010 huma l-linji tal-ajru: tabilħaqq, il-Liġi 10/2010 tipprevedi l-finanzjament, fl-ajruporti ta' Sardinja kollha, ta' kumpaniji tal-ajru li jixtiequ jiftħu jew iżidu rotot ġodda u tipprevedi n-nuqqas ta' staġjonalità ta' rotot eżistenti fil-perjodu 2010-2013.

4.2. *AVVANZI FINANZJARJI*

(108) Il-liġi reġjonali tat-30 ta' Ġunju 2011, Nru 12 ([55]) tistipula li l-avvanzi finanzjarji previsti fil-Liġi 10/2010 għandhom jagħtu imgħax. Għal dan l-iskop, fit-9 ta' Awwissu 2011 ([56]), ir-Reġjun inkariga lil SFIRS biex joħloq u jimmaniġja l-fond reġjonali sabiex jiġġestixxi dawn l-avvanzi finanzjarji.

(109) L-Italja targumenta li dawn l-avvanzi huma self ipprovdut b'kundizzjonijiet tas-suq: skont ir-regoli li jirregolaw il-fond, self finanzjarju jagħti rata ta' mgħax ta' Euribor 6M flimkien ma' firxa ta' 2 % għall-2010 u firxa ta' 1,50 % għall-2011 u l-2012. Barra minn hekk, l-operaturi tal-ajruport għandhom iħallsu tariffa ta' mmaniġġjar ta' 1 % tal-avvanz finanzjarju għall-2010 u 0,5 % għall-2011. L-Italja hija tal-opinjoni li l-kundizzjonijiet tas-suq tal-avvanzi finanzjarji għandhom jiġu vvalutati bl-użu ta' Indikatur Sintetiku tal-Ispejjeż (ISC) ([57]), li jieħu inkonsiderazzjoni l-ispejjeż kollha relatati mas-self li għandhom jitħallsu mill-ajruport. L-Italja pprovdiet lill-Kummissjoni b'tabella li tistabbilixxi d-dettalji kollha tal-ISC għal kull avvanz finanzjarju mogħti. L-ISC marbut mal-avvanz finanzjarju għal SOGAER huwa ogħla mill-oħrajn u anke ogħla mill-kundizzjonijiet tas-suq, għaliex l-avvanz finanzjarju ngħata f'Settembru 2012 u l-kalkolu tal-ISC sar għas-sena 2012 kollha.

(110) L-Italja pprovdiet l-informazzjoni stabbilita fit-Table 10 fir-rigward tal-avvanzi finanzjarji mogħtija lit-tliet operaturi tal-ajruport għall-2010 u l-2011 u tikkonkludi li l-avvanzi finanzjarji ngħataw fuq kundizzjonijiet finanzjarji li kienu f'konformità mal-kundizzjonijiet ta' operazzjonijiet simili fis-suq. L-Italja tispeċifika li għall-2010 u l-2011 is-self kien maħsub sabiex jikkumpensa lill-operaturi tal-ajruport għall-ammonti li diġà kienu ttrasferixxew lill-linji tal-ajru għall-prestazzjoni tal-attivitajiet 1 u 2.

Tabella 10

Avvanzi finanzjarji mogħtija lit-tliet operaturi tal-ajruport għall-2010 u l-2011

Anticipazioni annualità 2010

Società di gestione	sede	Importo erogato	Data di erogazione	Interessi addebitati sino al 2012	Commissioni addebitate	Costo complessivo	ISC al 2012
SOGEAAL SPA	Alghero	(…)	01/07/2011	(…)	(…)	(…)	(…)
SOGAER SPA	Cagliari	(…)	25/09/2012	(…)	(…)	(…)	(…)
GEASAR SPA	Olbia	(…)	27/09/2011	(…)	(…)	(…)	(…)

Anticipazioni annualità 2011

Società di gestione	sede	Importo erogato	Data di erogazione	Interessi addebitati sino al 2012	Commissioni addebitate	Costo complessivo	ISC al 2012
SOGEAAL SPA	Alghero	(…)	02/01/2012	(…)	(…)	(…)	(…)
SOGAER SPA	Cagliari	(…)	05/07/2012	(…)	(…)	(…)	(…)
GEASAR SPA	Olbia	(…)	20/07/2012	(…)	(…)	(…)	(…)

([55]) Ara nota 8 f'qiegħ il-paġna.
([56]) Atto di affidamento a SFIRS, rep. 15 del 9 agosto 2011.
([57]) ISC — Indicatore Sintetico di Costo.

4.3. *INFORMAZZJONI OĦRA*

(111) L-Italja tirrimarka li d-Digriet Reġjonali Nru 122/347 tas-17 ta' Mejju 2010 ([58]) huwa l-istrument amministrattiv li jippermetti li l-fondi allokati mil-Liġi 10/2010 jiġu rreġistrati effettivament fil-baġit reġjonali.

(112) L-Italja tispeċifika li, għalkemm il-Liġi 10/2010 tirreferi għall-ajruporti ta' Sardinja kollha, l-operaturi tal-ajruport li kienu interessati li jibbenefikaw mill-attivitajiet huma l-operaturi ta' Alghero, Olbia u Cagliari. Fit-22 ta' Settembru 2010, l-operatur tal-ajruport ta' Oristano ppreżenta pjan ta' attivitajiet, u finanzjament ta' EUR 300 000 għall-2010 kien approvat mir-Reġjun. Madankollu, l-operatur tal-ajruport ta' Oristano tneħħa f'Mejju 2011 u l-ajruport issa huwa magħluq.

(113) L-Italja pprovdiet lill-Kummissjoni b'tabelli li jiġbru fil-qosor l-attivitajiet imwettqa u l-finanzjament reġjonali rilevanti kif ukoll il-kuntratti konklużi bejn SFIRS u l-operaturi tal-ajruport.

(114) L-Italja tissottometti ([59]) li kien meħtieġ intervent mill-Istat, għaliex l-ajruporti ma kinux ikunu kapaċi jkopru l-ispejjeż imġarrba għall-finanzjament tal-attivitajiet skont il-Liġi 10/2010. It-tliet operaturi tal-ajruport ma kinux ikunu kapaċi jimplimentaw u jiffinanzjaw l-attivitajiet previsti mil-Liġi 10/2010, kemm permezz tar-riżorsi tagħhom stess, kif ukoll permezz ta' finanzjament mill-bank.

(a) Ajruport ta' Cagliari: il-prestazzjoni ekonomika tal-kumpanija kienet negattiva matul il-perjodu 2007-2009 u, minkejja li EBITDA ([60]) kien pożittiv, l-attività ta' negozju ma rkupratx l-ispejjeż ta' deprezzament, li jwasslu għal EBIT ([61]) negattiv. F'dak iż-żmien, il-kumpanija kienet ikkaratterizzata minn żbilanċ ekonomiku u finanzjarju kostanti, li pperikola l-affidabbiltà kreditizja tagħha. Fl-2008, kien hemm bżonn ta' żieda kapitali ta' EUR 4,4 miljun sabiex jitkopra t-telf akkumulat. Minħabba din is-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli, l-operatur tal-ajruport ma kienx kapaċi jkopri l-ispejjeż imġarrba għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet skont il-Liġi 10/2010 bir-riżorsi tiegħu. Lanqas ma kien kapaċi jikkuntratta aktar finanzjament estern minn istituzzjonijiet finanzjarji, li ma kienx ikun kapaċi jirrimborża minħabba ġenerazzjoni insuffiċjenti ta' flussi ta' flus finanzjarji. Matul il-perjodu 2010-2013, il-marġni operattiv tal-operatur tal-ajruport naqas ftit, b'40 % fir-rigward tal-EBIT u fir-rapport finanzjarju annwali tal-2013 jidhru n-nuqqas ta' kapital tal-kumpanija u sitwazzjoni finanzjarja li tista' ssir kritika jekk il-finanzjament antiċipat mir-Reġjun għall-2014 ma jitħallasx ([62]).

(b) Ajruport ta' Alghero: il-perjodu 2007-2009 wera diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji serji b'riżultat nett negattiv ogħla mill-ekwità tal-azzjonisti, u għalhekk fl-2009 seħħet ir-rikapitalizzazzjoni tal-kumpanija. Is-sistema ta' avvanzi finanzjarji ġestita mir-Reġjun kienet immirata primarjament lejn SOGEAAL, sabiex jiġu implimentati l-attivitajiet previsti mil-Liġi 10/2010 mingħajr ma jkun impost l-ebda piż ieħor fuq il-kumpanija. L-EBITDA tal-ajruport kien pożittiv biss fl-2007 u l-EBIT tiegħu kien negattiv matul il-perjodu kollu, u mar għall-agħar għal livell ta' EUR – 11,3-il miljuni fl-2009. L-ekwità baqgħet tonqos kontinwament matul il-perjodu kkonċernat, u laħqet ammont negattiv ta' EUR – 4,8 miljuni fl-2009. Il-kumpanija għalhekk ma kinitx kapaċi tiffinanzja l-attivitajiet inkwistjoni bir-riżorsi tagħha stess, u lanqas b'aktar użu ta' finanzjament ta' bank estern minħabba n-nuqqas ta' kapaċità tagħha li tirrimborża d-dejn potenzjali. Il-perjodu 2010-2013 ra marġni operattiv negattiv kostanti fir-rigward tal-EBIT, li nbidel minn EUR – 3,6 miljun fl-2010 għal EUR – 1,5 miljun fl-2013. L-istruttura kapitali ddeterjorat matul il-perjodu, hekk kif l-ekwità naqset b'aktar min-nofs biex laħqet livell ta' EUR 2,4 miljun fl-2013 għall-assi totali ta' EUR 41,9 miljun ([63]).

(c) Ajruport ta' Olbia: matul il-perjodu 2007-2009 l-operatur tal-ajruport irreġistra tnaqqis ekonomiku sinifikanti primarjament marbut mat-tnaqqis fin-numru ta' passiġġieri. L-EBITDA naqas bi 22,8 % u l-EBIT b'41,3 % matul il-perjodu. Minkejja r-riżultati netti pożittivi, il-kumpanija ma ġġeneratx flussi ta' flus netti pożittivi minħabba żieda fil-kapital operatorju u programm ta' investiment sostanzjali fil-perjodu 2007-2009 (EUR 13,2 miljuni). Il-pożizzjoni tad-dejn globali naqset b'EUR 2 miljun matul il-perjodu u aktar dejn fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji kien ferm improbabbli, għaliex seta' jipperikola l-bilanċ finanzjarju

([58]) Ara nota f'qiegħ il-paġna 3.
([59]) L-Italja pprovdiet lill-Kummissjoni bi tliet rapporti li jippreżentaw analiżi ekonomika u finanzjarja tal-ajruporti fir-rigward tal-miżuri previsti mil-Liġi 10/2010. Il-Kummissjoni tibbaża l-analiżi tagħha fuq dawn ir-rapporti.
([60]) Il-Qligħ qabel l-Imgħax, it-Taxxi, id-Deprezzament u l-Amortizzazzjoni
([61]) Il-Qligħ qabel l-Imgħax u t-Taxxa
([62]) *Sors:* Rapporti finanzjarji annwali ta' SOGAER għall-perjodu 2010-2013.
([63]) *Sors:* Rapporti finanzjarji annwali ta' SOGEAAL għall-perjodu 2010-2013.

tal-kumpanija ([64]). Barra minn hekk, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-operatur tal-ajruport fissret li ma kienx kapaċi jiffinanzja l-attivitajiet bir-riżorsi tiegħu stess, għaliex il-ġenerazzjoni ta' flussi ta' flus finanzjarji ma kinux biżżejjed sabiex ikopru l-investimenti fil-kapital operatorju u fl-assi fissi. Għażla terza setgħet kienet żieda fil-kapital mingħand l-azzjonisti, sabiex tkun iggarantita l-likwidità meħtieġa għall-finanzjament tat-tliet attivitajiet previsti mil-Liġi 10/2010. Sabiex ikun ivvalutat jekk din kinitx tkun għażla tajba, l-investiment meħtieġ ġie vvalutat mill-perspettiva ta' investitur tal-ekonomija tas-suq. L-analiżi mwettqa minn GEASAR ([65]), abbażi ta' metodoloġija standard għall-valutazzjoni tal-profittabbiltà ta' investiment, turi li l-Valur Preżenti Nett (VPN) u r-Rata ta' Redditu Interna (IRR) ikkalkolati fuq il-ftehimiet konklużi bejn l-operatur tal-ajruport u l-kumpaniji tal-ajru kienu negattivi, u dan jeskludi kull imgħax f'żieda potenzjali ta' kapital mill-azzjonisti. Il-perjodu 2010-2013 ra staġnar relattiv fir-rigward tal-EBITDA fil-livell ta' EUR 5,9 miljuni. Għalkemm il-marġni tal-EBIT u r-riżultat nett tjiebu ftit matul il-perjodu, il-kumpanija xorta kellha diffikultà fil-ġenerazzjoni ta' flussi ta' flus netti pożittivi minħabba żidiet fil-kapital operatorju u l-investimenti ([66]).

5. KUMMENTI MINGĦAND IL-PARTIJIET INTERESSATI

5.1. *KUMMENTI MINN RYANAIR*

5.1.1. KUMMENTI DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

5.1.1.1. ***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

(115) Ryanair tenfasizza li ttir biss lejn Alghero u Cagliari u mhux lejn ajruporti ta' Sardinja oħrajn. Il-kumpanija tisħaq li d-dritt tagħha li tissottometti kummenti huwa mxekkel mill-assenza ta' deskrizzjoni dettaljata raġonevoli tal-allegata għajnuna lil Ryanair, partikolarment fir-rigward tal-ajruport ta' Cagliari. AMS u Ryanair għalhekk mhumiex kapaċi jissottomettu kummenti li jindirizzaw bis-shiħ l-arranġamenti bejn Ryanair, AMS u l-ajruport ta' Cagliari.

(116) Ryanair qabbdet ditta ta' konsulenza sabiex din tipprepara analiżi ta' referenza bil-MEIP ([67]), li turi li l-ispejjeż imħallsa minn Ryanair fl-ajruport ta' Cagliari huma konformi jew jaqbżu lil dawk imħallsa minn Ryanair f'ajruporti privati jew pubbliċi-privati kumparabbli, u għalhekk tikkonforma mal-MEIP.

(117) Ryanair targumenta li ma kinitx konxja bl-eżistenza tal-Liġi Reġjonali 10/2010 ta' Sardinja meta daħlet fi ftehimiet ma' Cagliari u Alghero. Ryanair targumenta li AMS innegozjat mal-operaturi tal-ajruport fuq bażi kummerċjali, b'referenza għat-termini applikabbli f'ajruporti kumparabbli fl-Ewropa (fil-każ ta' Ryanair) u filwaqt li tqieset l-iskeda tat-tariffi ta' AMS rilevanti applikabbli dak iż-żmien (fil-każ ta' AMS).

(118) Ryanair targumenta li l-ajruporti ta' Sardinja kienu l-benefiċjarji diretti tal-għajnuna allegata, filwaqt li l-linji tal-ajru kienu l-benefiċjarji indiretti. Ryanair tinnota li l-Kummissjoni assumiet li l-għajnuna ġiet ipprovduta lill-ajruporti permezz ta' formula, madankollu l-komponenti ta' dik il-formula biss huma pprovduti fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ, mhux il-formula nnifisha. Dan in-nuqqas ta' informazzjoni jċaħħad lil Ryanair mid-dritt tagħha li tagħmel kummenti f'dan ir-rigward.

(119) Barra minn hekk, anke jekk l-ajruporti rċevew l-għajnuna, il-Kummissjoni ma tistax sempliċiment tikkonkludi li din ingħaddiet lil-linji tal-ajru, mingħajr l-ebda evidenza speċifika li tappoġġja din is-suppożizzjoni. Ryanair tispeċifika li l-Kummissjoni ma identifikat l-ebda element fil-kuntratti bejn l-Ajruport ta' Cagliari u Ryanair/AMS li jista' jikkonsisti f'għajnuna mill-Istat.

(120) Fl-aħħar nett, Ryanair tikkontesta l-użu tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 fid-Deċiżjoni tal-Ftuħ sabiex tiddetermina jekk l-għajnuna ngħatatx lill-ajruport. Fil-fatt, il-Linji Gwida tal-2005 ma jipprovdux qafas ta' referenza affidabbli għall-valutazzjoni ta' għajnuna mill-Istat allegata lil ajruporti u linji tal-ajru bi prezz baxx.

([64]) Għal dan l-iskop GEASAR tipprovdi lill-Kummissjoni b'simulazzjoni finanzjarja li tassumi dejn ġdid meħud mill-kumpanija sabiex tiffinanzja l-miżuri skont il-Liġi 10/2010, u l-konklużjonijiet tagħha jiġbdu lejn indikaturi finanzjarji ewlenin tal-kumpanija li jiggravaw.

([65]) "Valutazione economica degli accordi tra GEASAR S.p.A. e i vettori aerei stipulati nell'ambito della legge regionale n.10/2010" — Deloitte Financial Advisory S.r.l. — 15/12/2015.

([66]) *Sors:* Rapporti finanzjarji annwali ta' GEASAR għall-perjodu 2010-2013.

([67]) Il-Prinċipju tal-Investitur f'Ekonomija tas-Suq.

5.1.1.2. ***Il-ftehimiet ta' Ryanair mal-ajruporti***

(121) Fir-rigward tal-ftehimiet mal-ajruporti, Ryanair tenfasizza l-fatt li hi tinnegozja mal-ajruport fuq bażi ġenwinament kummerċjali, u dan jispjega għalfejn ir-riżultat ta' dawn in-negozjati jvarja minn ajruport għall-ieħor. Fil-valutazzjoni tal-ftehimiet ta' Ryanair mal-ajruporti, Ryanair tirrimarka li l-Kummissjoni għandha:

(a) tikkunsidra l-fatturi rilevanti kollha billi tivvaluta l-ftehimiet mal-ajruporti, filwaqt li tikkunsidra l-implikazzjoni ta' dħul mhux ajrunawtiku u tal-esternalitajiet tan-netwerk;

(b) toqgħod fuq ajruporti ta' referenza;

(c) tikkunsidra l-pożizzjoni tas-suq ta' ajruporti reġjonali fl-Ewropa li jibqgħu aktar esposti għal kompetizzjoni b'saħħitha minn ajruporti fil-qrib, filwaqt li bilkemm jkunu konċepiti u mmaniġġjati fuq bażi kummerċjali;

(d) tikkunsidra l-ippjanar fit-tul tal-ajruporti: ajruporti reġjonali ma jirrispondux għall-applikazzjoni ta' pjan ta' negozju standard ta' ħames snin;

(e) tapplika l-approċċ tal-fond uniku, bil-kunsiderazzjoni ta' dħul tal-ajruport iġġenerat kemm minn attivitajiet ajrunawtiċi u mhux;

(f) tintegra l-esternalitajiet tan-netwerk: għadd akbar ta' utenti ta' ajruport jagħmluh aktar ta' valur għal utenti potenzjali oħrajn u għalhekk iżid il-valur ġenerali tiegħu;

(g) tikkunsidra li l-ftehimiet ta' Ryanair mal-ajruporti mhumiex konklużi fuq bażi esklussiva: normalment l-ajruporti taħt investigazzjoni jkollhom kapaċità żejda abbundanti sabiex jakkomodaw linji tal-ajru oħrajn.

(122) Fil-valutazzjoni tat-tariffi mħallsa minn Ryanair lil ajruporti għall-varji servizzi li tirċievi, il-ħtiġijiet imnaqqsa b'mod sinifikanti ta' Ryanair meta mqabbla ma' linji tal-ajru oħrajn, minħabba l-mudell ta' negozju tagħha, għandhom jiġu kkunsidrati, kif ukoll id-dħul mhux ajrunawtiku sostanzjali ġġenerat mill-ajruporti bis-saħħa ta' Ryanair.

5.1.1.3. ***Ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni***

(123) Ryanair ittenni li l-ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni ta' AMS mal-ajruporti huma nnegozjati u konklużi b'mod separat mill-ftehimiet ta' Ryanair ma' dawn l-istess ajruporti. B'mod partikolari, Ryanair u AMS jispeċifikaw li ma hemm l-ebda vantaġġ għal AMS minħabba li AMS tikkonkludi ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni ma' ajruporti pubbliċi u privati. Partijiet pubbliċi u privati għalhekk jikkompetu għall-ispazju limitat disponibbli għar-reklamar fuq Ryanair.com. Għalhekk, AMS ma tibbenefika minn l-ebda vantaġġ għall-iskop tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat, peress li l-MEIP jiġi rrispettat matul il-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet.

(124) Barra minn hekk, Ryanair targumenta li l-Kummissjoni naqset milli tippreżenta kwalunkwe bażi legali jew fattwali inkwistjoni sabiex tistħarreġ ir-raġunament kummerċjali tad-deċiżjoni tal-operaturi tal-ajruport ta' Alghero u Cagliari li jirreklamaw fuq Ryanair.com, f'ċirkostanzi fejn AMS toffri s-servizzi tagħha bi prezz tas-suq. B'riżultat ta' dan, AMS mhux qiegħda f'pożizzjoni li teżerċita d-dritt tagħha għal difiża.

(125) Ryanair ippreżentat ukoll żewġ studji oħrajn dwar it-tendenza li qed tinbidel tad-dħul tal-ajruporti. Matul is-snin, l-ajruporti żiedu b'mod sinifikanti d-dħul tagħhom minn servizzi mhux ajrunawtiċi. Skont Ryanair, ir-reklamar fuq is-sit web ta' Ryanair iżid il-proporzjon ta' passiġġieri li jaslu, u għalhekk, id-dħul mhux ajrunawtiku.

(126) Ryanair tgħid li kummerċjalizzazzjoni u reklamar fuq is-siti web tal-linji tal-ajru kollha saret prattika komuni; dan huwa partikolarment il-każ ta' kumpaniji tal-ajruport, li bdew jippromwovu l-marka kummerċjali tagħhom fuq l-Internet speċjalment permezz tas-sit web tal-linji tal-ajru.

(127) Ryanair tispeċifika li AMS ma tiddiskriminax bejn ajruporti, awtoritajiet pubbliċi u klijenti li mhumiex ajruporti. Ajruporti privati jew ikkontrollati mill-privat u partijiet privati oħrajn ikkonkludew ftehimiet ma' AMS ibbażati fuq termini simili mhux diskriminatorji.

5.1.1.4. ***Kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat***

(128) Ryanair hija tal-opinjoni li ma hemmx imputabbiltà għall-Istat fil-miżuri involuti: approvazzjoni sempliċi mill-awtoritajiet ta' Sardinja tal-pjanijiet ta' attivitajiet tal-ajruport mhijiex biżżejjed għall-imputabbiltà ta' miżura tal-Istat.

(129) Ryanair tenfasizza li l-għażla tal-linji tal-ajru abbażi ta' offerti kummerċjali — ippreżentati lill-operaturi tal-ajruport wara l-pubblikazzjoni ta' avviżi fuq is-siti web tagħhom — tirrappreżenta fiha nfisha proċedura ta' sejħa għal offerti. Barra minn hekk, ma hemmx bżonn għal sejħa għall-offerti meta l-ftehim bejn ajruport u l-linja tal-ajru jissodisfa l-MEIP u ma hemmx SCEI/PSO applikabbli għal-linja tal-ajru, bħalma hu f'dan il-każ.

(130) Ryanair tqajjem dubji wkoll dwar il-kriterji ta' għażla kkontestati mill-Kummissjoni, ladarba kwalunkwe linja tal-ajru li xtaqet tidħol fi ftehim mal-Ajruport ta' Alghero jew Cagliari setgħet tagħmel dan.

(131) Ryanair tikkonkludi billi tafferma li s-sitwazzjoni f'Sardinja ġejja minn inadegwatezza tar-regoli li jirregolaw rotot b'obbligi tas-servizz pubbliku skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u l-applikazzjonijiet tagħhom mill-awtoritajiet Taljani. Minħabba f'hekk, l-ajruporti Taljani huma ffaċċjati bl-għażliet li ġejjin: (i) iservu rotot bl-obbligi ta' servizz pubbliku operati minn linji tal-ajru tradizzjonali, bl-użu ta' ajruplani żgħar u jwasslu numru żgħir ta' passiġġieri bl-ispejjeż ta' sussidji għoljin (li xorta ma jkunux biżżejjed sabiex jiżguraw prezzijiet tal-biljetti baxxi); jew (ii) jidħlu f'relazzjonijiet ta' negozju ma' trasportaturi bi prezz baxx, b'garanziji fuq volumi ta' passiġġieri, użu ta' ajruplani kbar, twassil ta' numru kbir ta' passiġġieri, mingħajr l-ebda sussidju u bi prezzijiet baxxi tal-biljetti. Iffaċċjat b'tali għażla, kwalunkwe investitur tal-ekonomija tas-suq kien jagħżel it-tieni għażla.

(132) Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, Ryanair tikkonkludi li la Ryanair u lanqas AMS ma kienu benefiċjarji ta' għajnuna mill-Istat u li l-ajruporti ta' Sardinja aġixxew f'konformità mal-MEIP.

5.1.2. VALUTAZZJONI EKONOMIKA TAL-MEIP FIR-RIGWARD TAL-AJRUPORT INTERNAZZJONALI TA' CAGLIARI ([68])

(133) Ryanair tat struzzjonijiet lil ditta ta' konsulenza sabiex tipprepara analiżi ta' referenza MEIP iddettaljata, li turi li l-ispejjeż imħallsa minn Ryanair fl-ajruport ta' Cagliari huma f'konformità ma' jew jaqbżu dawk imħallsa minn Ryanair f'ajruporti privati jew pubbliċi-privati komparabbli, li għalhekk jikkonformaw mal-MEIP. Id-ditta ta' konsulenza li qed taġixxi f'isem Ryanair bagħtet il-verżjoni kompletament kunfidenzjali ta' dak ir-rapport direttament lill-Kummissjoni.

(134) L-analiżi turi li l-livell ġenerali ta' spejjeż imħallsin minn Ryanair fl-ajruport ta' Cagliari huwa, bħala medja, ogħla mil-livell kumparabbli ta' spejjeż imħallsin mil-linja tal-ajru matul l-istess perjodu fl-ajruporti ta' referenza. Speċifikament, l-ispejjeż medji mħallsin minn Ryanair fl-Ajruport ta' Cagliari huma minn 2,3 sa 2,4 aktar għoljin minn dawk imħallsin minn Ryanair fl-ajruporti ta' referenza, kemm fuq bażi ta' kull passiġġier kif ukoll ta' kull rotazzjoni, matul il-perjodu bejn l-2006/07 u l-2012/13.

(135) L-istudju kkonkluda li l-ftehimiet varji kkunsidrati fil-proċedura kienu kompatibbli ma' livell ta' ħlasijiet li setgħu kienu offruti lil Ryanair minn investitur tal-ekonomija tas-suq li għandu ajruport f'ċirkostanzi simili.

5.1.3. L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-VALUR REFERENZJARJU TAS-SUQ FL-ANALIŻI TA' REFERENZA GĦAT-TESTIJIET TAL-MEIP ([69])

(136) Id-ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isem Ryanair temmen li l-approċċ tal-Kummissjoni li taċċetta biss ajruporti ta' referenza fl-istess żona ta' kummerċ bħal tal-ajruport taħt investigazzjoni huwa żbaljat.

(137) Din issostni li l-prezzijiet ta' referenza tas-suq li jinkisbu mill-ajruporti ta' referenza mhumiex ikkundizzjonati mill-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-ajruporti tal-madwar. Għalhekk, huwa possibbli li l-valur referenzjarju tas-suq jiġi stmat b'mod affidabbli waqt it-testijiet tal-MEIP, għaliex:

(a) l-analiżijiet ta' referenza jintużaw b'mod wiesa' għat-testijiet tal-MEIP barra mill-qasam tal-għajnuna mill-Istat;

([68]) Ir-Rapport ta' Oxera tat-28 ta' Ġunju 2013.
([69]) Il-każijiet ta' għajnuna mill-Istat relatati ma' Ryanair, imħejjija minn Oxera għal Ryanair, fid-9 ta' April 2013.

(b) il-kumpaniji jaffettwaw id-deċiżjonijiet tal-ipprezzar ta' xulxin biss jekk il-prodotti tagħhom ikunu sostituti jew kumplimentari;

(c) l-ajruporti fl-istess żona ta' kummerċ mhux bilfors jikkompetu ma' xulxin u l-ajruporti ta' referenza użati fir-rapporti sottomessi jiffaċċjaw kompetizzjoni limitata mill-ajruporti tal-Istat fiż-żona ta' kummerċ tagħhom (< 1/3 tal-ajruporti kummerċjali fiż-żona ta' kummerċ tal-ajruporti ta' referenza huma kompletament proprjetà tal-Istat u l-ebda wieħed mill-ajruporti fl-istess żona ta' kummerċ li jaqgħu fiha l-ajruporti ta' referenza ma kien soġġett għal tħassib kontinwu dwar l-għajnuna mill-Istat (minn April 2013);

(d) anke meta l-ajruporti ta' referenza jiffaċċjaw il-kompetizzjoni minn ajruporti tal-Istat fl-istess żona ta' kummerċ, ikun hemm lok li wieħed jemmen li l-imġiba tagħhom tkun konformi mal-MEIP (pereżempju, jekk is-settur privat ikollu sehem ta' sjieda kbira jew jekk l-ajruport ikun immexxi mill-privat).

(e) l-ajruporti li jirrispettaw l-investitur li jopera f'ekonomija tas-suq ma jiffissawx il-prezzijiet tagħhom f'livell li jkun taħt il-kost inkrementali.

5.1.4. IL-PRINĊIPJI LI FUQHOM TINBENA L-ANALIŻI TAL-PROFITTABILITÀ FIT-TESTIJIET TAL-MEIP ([70])

(138) Id-ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isem Ryanair targumenta li l-analiżi tal-profittabbiltà tagħha sottomessa lill-Kummissjoni ssegwi l-prinċipji li għandhom jiġu adottati minn investitur razzjonali fis-settur privat u tirrifletti l-approċċ li jirriżulta mill-preċedenti tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-Valur Terminali jista' jiġi aġġustat abbażi ta' suppożizzjoni konservattiva rigward il-probabbiltà dwar jekk il-ftehim ma' Ryanair hux se jiġi mġedded jew hux se jiġu miftiehma kundizzjonijiet simili ma' linji tal-ajru oħrajn. Il-profittabbiltà inkrementali ta' ftehimiet ta' Ryanair ma' ajruporti għandha tiġi vvalutata abbażi ta' stimi tal-miżuri tal-VPN jew tal-IRR.

5.1.5. IL-BINI TA' MARKA KUMMERĊJALI: GĦALIEX U KIF KUMPANIJI ŻGĦAR GĦANDHOM JINVESTU FIL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI ([71])

(139) L-għan tal-istudju huwa li tiġi stabbilita l-loġika kummerċjali wara d-deċiżjonijiet tal-ajruporti reġjonali li jixtru reklamar fuq Ryanair.com mingħand AMS.

(140) Ladarba hemm numru kbir ta' ajruporti magħrufin u użati regolarment, kompetituri aktar dgħajfin iridu jegħlbu l-imġiba ta' xiri statiku tal-konsumaturi billi jsibu mod li bih jikkomunikaw konsistentement il-messaġġ tal-kumpanija tagħhom lil udjenza usa'. Madankollu, il-forom tradizzjonali ta' komunikazzjoni kummerċjali jirrikjedu nfiq li jisboq ir-riżorsi tagħhom.

(141) Minflok, ir-reklamar permezz ta' AMS:

(i) joffri opportunità li tintlaħaq udjenza sinifikanti, li tikkonsisti minn konsumaturi li diġà qed jikkunsidraw xiri ta' vjaġġ;

(ii) jinvolvi spejjeż relattivament baxxi (skeda tat-tariffi b'rati kummerċjali għal komunikazzjoni onlajn);

(iii) jippermetti komunikazzjoni matul il-fażi tax-xiri;

(iv) jagħmel possibbli r-reklamar kreattiv.

5.1.6. IS-SOTTOMISSJONI TA' RYANAIR TAL-20 TA' DIĊEMBRU 2013

(142) Ryanair issottomettiet kummenti fl-20 ta' Diċembru 2013, fir-rigward tal-ħlasijiet lil AMS, is-sussidjarja ta' reklamar fuq l-Internet kollha kemm hi ta' Ryanair.

(143) Ryanair ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-ħlasijiet lil AMS jirrappreżentaw spejjeż għall-ajruport, peress li dan l-approċċ jinjora l-valur tas-servizzi li AMS tagħti lill-ajruport. Ryanair hija konvinta wkoll li, għall-finijiet tal-analiżi abbażi tal-prinċipju ta' operatur f'ekonomija tas-suq, ix-xiri ta' servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni siewja bil-prezzijiet tas-suq għandu jiġi kkunsidrat b'mod separat minn ftehim kuntrattwali simili bejn l-ajruport u l-linja tal-ajru.

(144) B'appoġġ għal dan, Ryanair tissottometti analiżi minn ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isimha li tagħmel eżerċizzju ta' tqabbil tal-prezzijiet imħallsa minn AMS mal-prezzijiet ta' servizzi komparabbli offruti minn siti web tal-ivvjaġġar oħrajn. L-analiżi tikkonkludi li l-prezzijiet użati minn AMS kienu kemm inqas mill-medja kif ukoll fil-medda medjana tal-prezzijiet mitluba mis-siti web ta' referenza.

([70]) Il-prinċipji li fuqhom tinbena l-analiżi tal-profittabilità fit-testijiet dwar il-MEIP. Il-każijiet ta' għajnuna mill-Istat relatati ma' Ryanair, imħejjija minn Oxera għal Ryanair, fid-9 ta' April 2013.

([71]) Ippreparat għal Ryanair mill-Professur D.P. McLoughlin, l-10 ta' April 2013.

(145) Skont Ryanair, dan juri li l-prezzijiet ta' AMS huma f'konformità mal-prezzijiet tas-suq. Id-deċiżjoni minn ajruport pubbliku li jixtri servizzi ta' AMS hija għalhekk f'konformità mat-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq.

(146) Ryanair titlob lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta mill-ġdid l-approċċ tagħha adottat għall-analiżi tal-kuntratti ta' AMS. Ryanair hija tal-fehma li l-ftehimiet ma' AMS għandhom jiġu kkunsidrati b'mod separat mill-ftehimiet ta' Ryanair fuq servizzi tal-ajruport u għandhom għaldaqstant ikunu soġġetti għal test tal-operatur f'ekonomija tas-suq separat. Jekk il-Kummissjoni tinsisti li f'test konġunt tal-operatur f'ekonomija tas-suq jiġu inklużi l-ftehimiet ta' AMS u l-ftehimiet ta' Ryanair fuq is-servizzi tal-ajruport, il-valur tas-servizzi ta' AMS lill-ajruport għallinqas ma għandux jiġi injorat.

(147) Ir-rapport tad-ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isem Ryanair tal-20 ta' Diċembru 2013 dwar il-prezzijiet ta' AMS jirreferi għall-konklużjonijiet li ntlaħqu f'rapporti sottomessi preċedentament mill-konsulenti kummerċjali Mindshare (2004) u Zenobie Conseil (2011), kif ukoll fir-rapport tal-Professur McLoughlin (2012), li jispjega l-importanza tar-reklamar għal kumpaniji żgħar. Dawn ir-rapporti jikkonfermaw li Ryanair għandha marka kummerċjali pan-Ewropea b'saħħitha, li hija kapaċi tapplika prezz ogħla għas-servizzi ta' reklamar tagħha.

(148) Fl-analiżi, ir-rati ta' AMS kienu mqabbla mal-prezzijiet ta' reklamar applikati minn kampjun ta' siti web ta' referenza għall-perjodu 2004-2005, meta l-iskeda tat-tariffi ta' AMS kienet introdotta għall-ewwel darba, u s-sena 2013. Ir-riżultati juru li ryanair.com għandha aktar mid-doppju ta' viżitaturi fix-xahar mis-sit web tal-ivvjaġġar l-aktar popolari li jmiss, u li l-viżitaturi x'aktarx li jagħmlu tranżazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku minn ohrajn. Dawn il-funzjonijiet uniċi, flimkien ma' livell għoli ta' popolarità tal-marka kummerċjali jippermettu sabiex Ryanair titlob prezz ogħla.

(149) B'konklużjoni, għaż-żewġ perjodi u għas-setturi kollha, ir-rati ta' AMS instab li huma aktar baxxi jew fil-medda ta' prezzijiet mitluba mis-siti web fil-gruppi ta' referenza.

(150) B'appoġġ għal dan, Ryanair issottomettiet dejta dwar traffiku għall-paġna ewlenija tagħha tar-Renju Unit bejn Novembru 2012 u Novembru 2013, u fil-perjodu 2009-2012, kif ukoll dejta dwar servizzi ta' AMS mixtrija minn għadd ta' ajruporti u ftehimiet ta' AMS ma' dawn l-ajruporti.

(151) L-Anness B.4 għas-sottomissjoni ta' Ryanair tal-20 ta' Diċembru 2013 jikkonsisti fil-Kuntratt ta' AMS tas-27 ta' Marzu 2009. B'mod partikolari, il-kuntratt jgħid li "Servizzi ta' Kummerċjalizzazzjoni tal-Ajruport se jipprovdu pakkett ta' servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni għall-perjodu mid-29 ta' Marzu 2009 sat-28 ta' Marzu 2010 għall-valur ta' EUR 1 600 000,00. Għall-perjodu mid-29 ta' Marzu 2010 sat-28 ta' Marzu 2014, il-valur tas-servizzi tal-Internet se jammonta għal EUR 2 000 000,00 fis-sena u se jkun ibbażat fuq l-Iskeda tat-Tariffi attwali għas-Servizzi ta' Kummerċjalizzazzjoni tal-Ajruport. […]"

5.1.7. IS-SOTTOMISSJONI TA' RYANAIR TAS-17 TA' JANNAR 2014

(152) Ryanair issottomettiet rapport imħejji minn ditta ta' konsulenza dwar il-prinċipji li tqis li għandhom japplikaw għat-test ta' profittabbiltà għal operatur f'ekonomija tas-suq, li jkopri kemm il-ftehimiet tas-servizzi tal-ajru konklużi bejn Ryanair u l-ajruporti kif ukoll il-ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni konklużi bejn AMS u dawk l-ajruporti. Ryanair tenfasizza li dan huwa mingħajr ħsara għall-pożizzjoni tagħha li l-ftehimiet ta' AMS u l-ftehimiet tas-servizzi tal-ajru għandhom ikunu soġġetti għal testijiet separati tal-operatur f'ekonomija tas-suq.

(153) Ir-rapport jindika li d-dħul iġġenerat minn AMS għandu jkun inkluż fid-dħul f'analiżi konġunta tal-profittabbiltà filwaqt li n-nefqa ta' AMS għandha tkun attribwita bħala spiża. Sabiex dan isir, ir-rapport jipproponi metodoloġija bbażata fuq il-flussi tal-flus li permezz tagħha l-infiq fuq AMS jiġi ttrattat bħala nefqa operazzjonali inkrementali.

(154) Ir-rapport isostni li l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni jikkontribwixxu għall-holqien u għat-tisħiħ tal-valur tal-marka kummerċjali, li aktarx tkun tiġġenera n-negozju u l-profitti, kemm waqt il-ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni kif ukoll wara li dawn jiskadu. Minħabba ftehim ma' Ryanair, linji tal-ajru oħrajn aktarx li se jiġu attratti aktar għall-ajruport, iżidu l-fluss ta' operaturi kummerċjali u d-dħul mhux ajrunawtiku tal-ajruport. Kieku l-Kummissjoni kellha tagħmel analiżi konġunta tal-profittabilità, dawn il-vantaġġi għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni billi l-ispejjeż għal AMS jitqiesu bħala spejjeż operatorji inkrementali u l-profitti inkrementali għandhom jiġu kkalkulati bħala nett tal-pagamenti ta' AMS. Barra minn hekk, valur terminali jista' jkun inkluż fi profitti inkrementali previsti sabiex jinqabad il-valur iġġenerat wara li jiskadi t-terminu tiegħu.

(155) B'appoġġ ta' dan l-approċċ, ir-rapport jissottometti sommarju tar-riżultati ta' studji li juru kif ir-reklamar jista' jibni valur ta' marka kummerċjali u jtejjeb il-lealtà tal-klijenti. B'mod partikolari, ir-reklamar fuq ryanair.com iżid l-esponiment għal ajruport. Speċifikament, ajruporti reġjonali iżgħar li jippruvaw iżidu t-traffiku tagħhom jistgħu jtejbu l-valur tal-marka kummerċjali tagħhom billi jidħlu fi ftehimiet ta' reklamar ma' AMS.

(156) Fl-aħħar, huwa sostnut li l-approċċ ta' fluss tal-flus huwa f'konformità mal-għajnuna mill-Istat u deċiżjonijiet ta' Kompetizzjoni ta' għajnuna mhux mill-istat mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-każ ta' BayernLB, fejn il-Kummissjoni indikat li se tuża l-mudell ta' valutazzjoni ta' skont tad-dividendi sabiex tistma flussi tal-flus u mbagħad tassenja valur terminali bbażat fuq tkabbir previst tad-dividendi, u l-każ ta' kompressjoni tal-marġni marbut ma' Telefónica, fejn il-Kummissjoni inkorporat valur terminali fl-analiżi ta' fluss tal-flus bi skont tagħha.

5.1.8. IR-RAPPORT TA' OXERA TAL-31 TA' JANNAR 2014: KIF GĦANDHOM JIĠU TTRATTATI L-FTEHIMIET TA' AMS FI ĦDAN L-ANALIŻI TAL-PROFITTABBILTÀ BĦALA PARTI MIT-TEST TAL-OPERATUR F'EKONOMIJA TAS-SUQ? APPLIKAZZJONI PRATTIKA

(157) Fil-31 ta' Jannar 2014, Ryanair ikkomunikat dwar l-investigazzjonijiet tal-għajnuna mill-Istat tal-Kummissjoni li hija attwalment involuta fihom. Abbażi ta' studji kkummissjonati lil ditta ta' konsulenza, Ryanair tiddiskuti l-prattikalitajiet tal-inkorporazzjoni ta' AMS fi ħdan ([72]) analiżi tal-profittabbiltà ([73]) konġunta ta' AMS-ASA u targumenta kif, fil-prinċipju, skont il-fehim tagħha tal-approċċ tal-Kummissjoni, ftehimiet ta' AMS jistgħu jkunu inkorporati fi ħdan analiżi tal-profittabbiltà konġunta ta' AMS-ASA.

(158) L-approċċ adottat jikkunsidra l-potenzjal għall-Ftehimiet tal-ASA u l-AMS li jsostnu l-profitti tal-ajruport lil hinn mit-tmiem skedat tal-ASAs.

(159) Ryanair targumenta li l-preżenza ta' Ryanair f'ajruport tista' tattira passiġġieri jew linji tal-ajru oħrajn sabiex jużaw l-ajruport. Ir-reklamar u promozzjoni, bħala riżultat tal-ftehimiet ta' AMS, jistgħu jwasslu għal traffiku akbar ta' passiġġieri ta' Ryanair jew mhux ta' Ryanair, wara l-iskadenza skedata tal-ASA ma' Ryanair. Barra minn hekk, dan jista' jżid ukoll id-dħul mhux ajrunawtiku tal-ajruport. Fl-opinjoni ta' Ryanair, dan huwa riżultat intuwittiv, ladarba kważi n-negozji kollha fl-ekonomija se jinvestu fil-kummerċjalizzazzjoni sabiex itejbu l-profittabbiltà permezz ta' differenzjazzjoni tal-prodott. Minħabba l-benefiċċji tipiċi tal-kummerċjalizzazzjoni, u l-effetti ta' netwerk assoċjati ma' tkabbir f'ajruporti, ikun għalhekk inkorrett li wieħed jassumi li l-uniku dħul inkrementali assoċjat mal-kummerċjalizzazzjoni ta' AMS se jkunu l-passiġġieri ta' Ryanair li jużaw l-ajruport matul l-eżistenza tal-ASA.

5.1.9. KUMMENTI MINN RYANAIR TAT-12 TA' SETTEMBRU 2014

(160) Ryanair tirrimarka li l-eżaminazzjoni tal-ftehim bejn ajruport u linja tal-ajru għandha tinvolvi analiżi tal-Operatur tal-Ekonomija tas-Suq, kif rikonoxxut mit-Taqsima 3.5 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

(161) Barra minn hekk, Ryanair targumenta li l-"approċċ tal-kapaċità" għall-allokazzjoni ta' spejjeż ta' investiment huwa kemm legalment korrett skont it-test tal-profittabbiltà *ex ante*, kif ukoll korrett bħala kwistjoni ta' ekonomija. Fil-fatt, l-"approċċ normali attwali" jonqos milli jirrifletti l-fatt li l-analiżi tal-profittabbiltà tal-MEO trid titwettaq fuq bażi *ex ante*.

5.1.10. ALLOKAZZJONI TA' SPEJJEŻ TA' INVESTIMENT ([74])

(162) Ir-rapport tad-ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isem Ryanair jenfasizza l-paragrafu 64 tal-Linji Gwida l-ġodda dwar l-Avjazzjoni u jgħid li, fil-fatt, it-terminal jew faċilitajiet ġodda ipotetiċi mhumiex meħtieġa biss għal linja tal-ajru speċifika waħda iżda kumpaniji tal-ajru oħrajn ukoll jistgħu jibbenefikaw minnhom. Dan jirrimarka li mhuwiex ġust li jiġu attribwiti 100 % tal-ispejjeż għal kumpanija waħda anke jekk hija l-unika kumpanija li topera fl-ajruport, billi l-kalkolu tal-ispejjeż ibbażat fuq l-użu tal-kapaċità maħluq mill-investiment jista' jkun mod tajjeb.

([72]) Ftehimiet tas-Servizzi tal-Ajruport.
([73]) L-analiżi tal-profittabbiltà konġunta ta' AMS-ASA saret għal dawk l-ajruporti kollha, li għalihom, ditta ta' konsulenza kienet kapaċi tikseb id-dejta meħtieġa.
([74]) Ir-Rapport ta' Oxera tat-12 ta' Settembru 2014.

(163) Ryanair tisħaq dwar id-differenza kruċjali fil-kejl tal-użu fir-rigward tal-kapaċità, aktar milli tas-sehem tat-traffiku. L-ajruport ta' Angouleme jissemma' bħala eżempju, fejn Ryanair irrappreżentat 95-97 % tat-traffiku, iżda 25-28 % biss tal-użu tal-kapaċità.

(164) Id-ditta ta' konsulenza tipprovdi lill-Kummissjoni b'għadd ta' eżempji, inkluż il-każ ta' Alghero ([75]). Fl-2004, infetaħ terminal tal-passiġġieri ġdid fl-Ajruport ta' Alghero li żied b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-passiġġieri tal-ajruport minn madwar 0,8 miljun għal 2,5 miljuni. Din iż-żieda fil-kapaċità tat-terminal ġiet riflessa fil-pjanijiet ta' negozju ta' SOGEAAL permezz ta' rotazzjonijiet u tluq tal-passiġġieri miżjuda mill-2004 'il quddiem.

(165) Bħala konklużjoni, in-nota tgħid li l-mod xieraq għall-allokazzjoni tal-spejjeż ta' investiment huwa, b'rabta mas-sehem mistenni tal-kapaċità, irrappreżentat bi ftehim tal-linja tal-ajru partikolari.

5.1.11. EVALWAZZJONI TAL-IMPATT USA' TAL-FTEHIMIET TA' AMS FUQ IT-TRAFFIKU TA' AJRUPORT ([76])

(166) Id-ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isem Ryanair eżaminat il-profittabbiltà inkrementali mistennija tal-ftehimiet mill-perspettiva tal-ajruport, billi analizzat mhux biss l-ispejjeż tal-ħlasijiet ta' AMS, iżda anke l-benefiċċji, fir-rigward tal-attraenza akbar tal-ajruport, u l-potenzjal kemm għal livelli ogħla ta' traffiku tal-passiġġieri mhux ta' Ryanair kif ukoll livelli korrispondentement ogħla ta' dħul mhux mill-ajrunawtika.

(167) Sabiex jintwera l-impatt usa' tal-ftehimiet ta' AMS, l-Ajruport ta' Alghero ġie ttrattat bħala studju tal-każ mid-ditta ta' konsulenza. Ir-riżultati ta' din l-analiżi jikxfu impatt pożittiv fuq SOGEAAL bis-saħħa tal-ftehimiet kummerċjali ffirmati ma' AMS. B'mod partikolari l-ajruport ibbenefika minn (i) żieda possibbli fl-attrazzjoni għal linji tal-ajru oħrajn, (ii) tnaqqis limitat f'numru ta' passiġġieri minħabba l-kriżi finanzjarja u (iii) udjenza potenzjali ta' reklamar ta' AMS aktar minn 50 darba akbar meta mqabbla ma' ftehimiet simili ma' Alitalia.

(168) Fl-aħħar, ir-rapport jargumenta li, fl-assenza ta' kwalunkwe analiżi empirika tal-impatt ta' reklamar fuq ryanair.com, mhuwiex korrett li jkun konkluż li l-uniċi benefiċċji tar-reklamar fuq ryanair.com huma li jiżdiedu l-livelli ta' traffiku ta' Ryanair, u li l-benefiċċji tal-ftehimiet ta' AMS ma jippersistux lil hinn id-data ta' skadenza tal-ftehimiet.

5.1.12. IR-RWOL TA' ANALIŻI TA' REFERENZA FIL- ([77]) VALUTAZZJONIJIET ([78]) TAL-MEOP

(169) Ryanair targumenta li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda valutazzjoni tal-effiċjenza tal-ispejjeż tal-ajruporti meta wettqet l-analiżi tal-profittabbiltà. Għalhekk, hi tisħaq dwar il-fatt li Ryanair mhijiex f'pożizzjoni li tkun taf jekk il-ftehim hux mistenni li jkun profittabbli jew le għall-ajruport.

(170) L-analiżi mwettqa mid-ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isem Ryanair tenfasizza l-importanza ta' analiżi ta' referenza sabiex isiru magħrufa l-ispejjeż veri ta' ajruport. Din tintroduċi ħafna eżempji ta' analiżi ta' referenza użati mill-Kummissjoni riċentament u tisħaq dwar il-fatt li l-Kummissjoni stess tgħid li analiżi ta' referenza għandha importanza kbira fil-valutazzjonijiet tal-MEOP.

(171) Bħala konklużjoni, Ryanair tissuġġerixxi l-użu ta' analiżi ta' referenza għall-anqas bħala kontroverifika tar-riżultati mill-analiżi ta' profittabbiltà.

5.1.13. VALUTAZZJONIJIET TAL-MEOP EKONOMIĊI: ANALIŻI TA' REFERENZA LI TINKLUDI AMS ([79])

(172) L-istudju pprovdut minn Ryanair juri kif ir-riżultati tal-2012 u l-2013 fl-ajruporti ta' Lübeck u Cagliari ma jinbidlux wara l-inklużjoni ta' ħlasijiet ta' AMS fl-analiżi ta' referenza.

([75]) Ara nota f'qiegħ il-paġna 52.
([76]) Rapport ta' Oxera tas-26ta' Settembru 2014.
([77]) Il-Prinċipju tal-Operatur fl-Ekonomija tas-Suq.
([78]) Komunikazzjoni minn Ryanair tas-26 ta' Jannar 2015.
([79]) Komunikazzjoni minn Ryanair tas-27 ta' Frar 2015.

(173) Dan jikkonkludi li, matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat (2007-2013), ħlasijiet netti mħallsa minn Ryanair fl-Ajruport ta' Cagliari kienu, bħala medja, ogħla mill-medja fl-ajruporti ta' referenza. Dan jimplika li operatur ekonomiku tas-suq aktarx kien joffri ftehimiet simili lil Ryanair. B'mod partikolari, hi targumenta li r-riżultat mhuwiex sensittiv għat-trattament ta' ħlasijiet ta' AMS, u huwa b'saħħtu għal varji kontrolli ta' sensittività.

5.1.14. VALUTAZZJONIJI EKONOMIKA TAL-MEOP: AJRUPORT TA' CAGLIARI, ANALIŻI TAL-PROFITTABBILTÀ ([80])

(174) L-istudju għandu l-għan li juri, permezz ta' analiżi *ex ante*, li l-ftehimiet ta' ASA ta' Jannar 2007, Diċembru 2007 u Diċembru 2009 kienu kkunsidrati profittabbli minn SOGAER SpA (l-operatur tal-ajruport ta' Cagliari) u kienu jiġu kkunsidrati profittabbli wkoll minn kwalunkwe kumpanija ta' mmaniġġjar oħra, skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

(175) B'mod partikolari, l-analiżi tal-profittabbiltà bbażata fuq il-kalkolu tal-VPN turi riżultat pożittiv tal-indiċi għall-perjodu kollu (l-2007 u l-2009). Konsegwentement il-ftehimiet f'CAG jidhru li huma konformi mas-suq.

(176) L-evidenza tindika li, taħt ċirkostanzi simili, operatur tal-ekonomija tas-suq tal-ajruport ta' Cagliari kien isibha profittabbli li jiġu offruti ftehimiet simili għal dawk li ġew miftiehma bejn Ryanair u l-Ajruport ta' Cagliari.

5.1.15. L-IMPATT TAL-OPERAZZJONIJIET TA' RYANAIR FUQ ID-DĦUL MHUX AJRUNAWTIKU TAL-AJRUPORTI ([81])

(177) Id-ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isem Ryanair ikkunsidrat li l-bidu tal-operazzjonijiet ta' Ryanair kellhom impatt pożittiv sinifikanti fuq il-livell ta' dħul mhux ajrunawtiku għal kull passiġġier tal-ajruport. Abbażi ta' dan, ir-rapport jgħid li l-approċċ użat sa issa fl-analiżi tal-profittabbiltà tal-MEOP tiegħu kif ukoll fl-analiżi tal-Kummissjoni ([82]) kien konservattiv, għaliex ma kienx jinkludi din iż-żieda fid-dħul tal-ajruport.

(178) Ir-rapport iwettaq analiżi empirika bl-użu ta' kampjun ta' 57 ajruport Ewropew li suppost huma kemm jista' jkun simili għall-ajruporti vvalutati fl-investigazzjoni attwali. Ir-riżultat huwa li l-bidu tal-operazzjonijiet ta' Ryanair ([83]) f'29 minn dawn l-ajruporti wassal għal żieda ta' madwar 12,0–13,7 % fi dħul mhux ajrunawtiku għal kull passiġġier li jitlaq f'termini reali (lil hinn mill-inflazzjoni), b'dan l-effett ikun statistikament sinifikanti. Dan aktarx huwa minħabba li l-passiġġieri ta' Ryanair jonfqu aktar minn passiġġieri minn linji oħra tal-ajru, parzjalment minħabba faċilitajiet ta' provvediment tal-ikel limitati abbord trasportaturi bi prezz baxx, u minħabba l-bidu tal-operazzjonijiet ta' Ryanair li jirriżultaw fl-iżvilupp tat-terminal—pereżempju, billi jattiraw ħwienet addizzjonali.

(179) Ir-rapport sab ukoll li dan l-effett kien b'mod aktar ġenerali reali għal trasportaturi bi prezz baxx. Minħabba t-tkabbir fl-industrija tat-trasportaturi bi prezz baxx b'marki kummerċjali b'saħħithom li jittrasportaw livelli sinifikanti ta' traffiku tal-passiġġieri, il-bidu tal-operazzjonijiet ta' trasportatur bi prezz baxx f'ajruport jista' jirriżulta fi żvilupp sinifikanti tal-ajruport u għalhekk dħul mhux ajrunawtiku ogħla fuq bażi ta' kull passiġġier. Skont il-kampjun ta' ajruporti kkunsidrati, il-bidu tal-operazzjonijiet minn trasportaturi b'tariffa sħiħa, b'kuntrast, m'għandux impatt sinifikanti fuq dħul mhux ajrunawtiku tal-ajruport għal kull passiġġier.

([80]) Rapport ta' Oxera, 2 ta' Marzu 2015.

([81]) Ir-rapport ta' Oxera ppreparat għal Ryanair, fl-4 ta' Diċembru 2015.

([82]) Id-ditta ta' konsulenza rreferiet għall-approċċ użat mill-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet għall-ajruporti ta' Pau u Nîmes, fejn il-Kummissjoni kkalkolat dħul mhux ajrunawtiku mistenni għal kull passiġġier li qed jitlaq ibbażat fuq id-dejta osservata fl-ajruport qabel l-iffirmar tal-ftehimiet, b'aġġustamenti għall-inflazzjoni.
Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1227 tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.22614 (C 53/07) implimentata minn Franza favur il-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija ta' Pau-Béarn, Ryanair, is-Servizzi ta' Kummerċjalizzazzjoni tal-Ajruport u Transavia (ĠU L 201, 30.7.2015, p. 109), b'mod partikolari l-Premessa 414.
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/633 tat-23 ta' Lulju 2014 dwar għajnuna mill-Istat SA.33961 (2012/C) (ex 2012/NN) implimentata minn Franza favur il-Kamra tal-Kummerċ u l-Indsutrija ta' Nîmes — Uzès — Le Vigan, ta' Veolia Transport Aéroport de Nîmes, ta' Ryanair u tal-Kummerċjalizzazzjoni tal-Ajruport (ĠU L 113, 27.4.2016, p. 32), b'mod partikolari l-Premessa 436.

([83]) Id-ditta ta' konsulenza kkunsidrat il-bidu tal-operazzjonijiet ta' Ryanair bħala s-sena meta Ryanair bdiet operazzjonijiet "sinifikanti" f'ajruport, iddefinit bħala l-ewwel sena li fiha passiġġieri li jitilqu ta' Ryanair qabżu l-50 % tan-numru totali massimu ta' passiġġieri li jitilqu ta' Ryanair ittrasportati f'sena waħda fl-istess ajruport matul il-perjodu mill-1994 sal-2012.

(180) Skont dak ir-rapport, ir-riżultati jenfasizzaw in-natura konservattiva tal-approċċ użat s'issa fl-analiżi tal-profittabbiltà tal-MEOP kif ukoll fl-analiżi tal-Kummissjoni. Dawn l-analiżi ma jassumu l-ebda tkabbir aċċellerat fid-dħul mhux ajrunawtiku tal-ajruporti fuq bażi ta' kull passiġġier u għalhekk ma jaqbdux il-benefiċċji usa' tal-operazzjonijiet ta' Ryanair mill-ajruporti, iżda kabbru biss l-istimi ta' dħul mhux ajrunawtiku għal kull passiġġier li jitlaq b'rata ta' inflazzjoni ħafna aktar baxxa. Id-ditta ta' konsulenza għalhekk stenniet li l-analiżi tal-MEOP tagħha u l-analiżi tal-Kummissjoni sejrin jissottovalutaw il-profittabbiltà mistennja tal-ftehmiet ta' Ryanair mal-ajruport.

5.2. *KUMMENTI MINN EASYJET*

5.2.1. KUMMENTI DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

5.2.1.1. ***Operazzjonijiet ta' easyJet f'Sardinja***

(181) Matul il-perjodu 2010-2013, easyJet operat mill-ajruporti ta' Cagliari u Olbia.

Il-kuntratt mal-ajruport ta' Cagliari

(182) Il-kuntratt mal-operatur tal-ajruport ta' Cagliari kien iffirmat fl-14 ta' Diċembru 2010 u kien validu mid-29 ta' Marzu 2010 sat-28 ta' Marzu 2013 ([84]). Il-valur totali tal-kuntratt ta' Cagliari kien EUR […]: il-kuntratt jipprevedi li l-operatur tal-ajruport tal-ajruport ta' Cagliari għandu jħallas lil easyJet EUR […] għall-ewwel sena, EUR […] għat-tieni sena u EUR […] għat-tielet.

(183) Il-kuntratt mal-ajruport ta' Cagliari jiċċara li, sabiex tingħata spinta lill-ekonomija tar-Reġjun u jinkiseb redditu ekonomiku adattat, ir-Reġjun iddeċieda li jżid l-investimenti kummerċjali tiegħu fl-industrija tat-turiżmu u għalhekk ipprovda lill-operaturi tal-ajruport, sena b'sena, b'ammont li għandu jintnefaq għal dak l-iskop. EasyJet impenjat ruħha sabiex tipprovdi attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni, topera titjiriet minn punt għal ieħor, u tilħaq miri tal-passiġġieri kif indikat fil-kuntratt.

(184) Il-kuntratt jinkludi pjan ta' negozju u tal-midja ta' tliet snin ippreparat minn easyJet u miri tal-passiġġieri li għandhom jintlaħqu mill-kumpanija tal-ajru. Studju tal-impatt ekonomiku — mogħti lil konsulent estern — huwa mehmuż mal-kuntratt u jkejjel ir-redditu tal-investiment, li jirriżulta minn attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni.

(185) Nuqqas min-naħa ta' easyJet li tikkonforma mal-impenn li topera r-rotot u frekwenzi miftehmin jintitola lil SOGAER sabiex ma tħallasx l-ammont korrispondenti. EasyJet impenjat ruħha li tħallas it-tariffi u taxxi tal-ajruport standard rilevanti kollha lil SOGAER. Nuqqas milli jitħallsu t-tariffi u taxxi msemmija hawn fuq kien ikun meqjus bħala ksur tal-obbligi lejn SOGAER, li kien ikollha d-dritt li tittermina l-kuntratt.

(186) L-Artikolu 5 tal-kuntratt mal-ajruport ta' Cagliari jispeċifika li l-għoti ta' appoġġ finanzjarju huwa magħmul kondizzjonali mal-għoti tal-fondi rilevanti mir-Reġjun.

Kuntratti mal-ajruport ta' Olbia

(187) L-ewwel kuntratt ma' GEASAR kien iffirmat fis-17 ta' Marzu 2011 u kopra l-perjodu mit-28 ta' Marzu 2010 sas-27 ta' Marzu 2011 (EUR […] ħlas ta' darba). It-tieni kuntratt kien iffirmat fil-25 ta' Jannar 2012 u kopra l-perjodu mis-27 ta' Marzu 2011 sat-30 ta' Marzu 2013 ([85]) (sa EUR […] għall-istaġun tas-sajf 2011- l-istaġun tax-xitwa 2011/2012 u sa EUR […] għall-istaġun tas-sajf 2012- l-istaġun tax-xitwa 2012/2013). L-aħħar kuntratt mal-ajruport ta' Olbia kien iffirmat fl-1 ta' Marzu 2013 u kopra l-perjodu mis-27 ta' Marzu 2013 sat-30 ta' Marzu 2014 (sa EUR […]).

(188) Il-kuntratti ma jsemmux li l-fondi pubbliċi mogħtija għall-iżvilupp tat-trasport bl-ajru huma mir-Reġjun.

([84]) Il-kuntratt ta' Cagliari jikkonċerna t-tħaddim tar-rotot li ġejjin: Stansted, Geneva, Basel, Schoenefeld.
([85]) Il-kuntratt ta' Olbia jikkonċerna t-tħaddim tar-rotot li ġejjin: Bristol, Basel, Geneva, London Gatwick, Milano Malpensa, Schoenefeld, Lyon, Orly u Madrid-Barajas

(189) EasyJet tgħid li l-għan tal-kuntratt iffirmat fil-25 ta' Jannar 2012 kien biex jiżdiedu aktar l-operazzjonijiet tagħha fl-ajruport billi (i) tiftaħ konnessjoni ġdida bejn Olbia u Madrid matul l-istaġun tas-sajf 2012, (ii) iżżid il-frekwenza ta' kull ġimgħa tat-trasport minn u lejn Berlin matul l-istaġun tax-xitwa 2012/13, u (iii) tiżviluppa l-flussi tat-traffiku fi tranżitu b'mod speċjali fis-swieq internazzjonali, matul l-istaġun medju u baxx. L-iskop tal-kuntratt kien li jkun żviluppat programm ta' kummerċjalizzazzjoni u reklamar bil-parteċipazzjoni finanzjarja ta' GEASAR.

(190) EasyJet ippreparat pjan ta' negozju, eżaminat minn GEASAR, li pproduċiet il-pjan ta' negozju tagħha stess bl-iskop li tivverifika l-vijabbiltà finanzjarja tal-kuntratt. L-operatur tal-ajruport ivverifika l-valur tal-investiment ibbażat fuq ir-riżultat tal-pjan ta' negozju tiegħu stess ([86]).

5.2.1.2. ***Elementi ta' għajnuna mill-Istat***

(191) Sabiex wieħed jifhem jekk il-miżura inkwistjoni għandhiex titqies bħala għajnuna mill-Istat, easyJet iddur kull kriterju stabbilit fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Riżorsi tal-Istat

(192) EasyJet tgħid li, għalkemm il-kuntratt ma' SOGAER speċifikament jirreferi għal-Liġi 10/2010 reġjonali ta' Sardinja, li skontha r-Reġjun jagħti tali fondi lill-operatur tal-ajruport, ma hemmx evidenza li l-fondi li rċeviet easyJet mingħand SOGAER u GEASAR kienu l-istess bħal dawk mogħtija direttament mir-Reġjun lill-operaturi tal-ajruport.

(193) L-ewwel nett, easyJet targumenta li r-referenza għal-liġi reġjonali fil-kuntratt bejn SOGAER u easyJet fiha nnifisha ma turix rabta diretta bejn il-fondi reġjonali ta' Sardinja u easyJet. Barra minn hekk, il-fatt li dik ir-referenza ma kinitx magħmula fil-kuntratt bejn GEASAR u easyJet ikompli juri li l-Liġi 10/2010 imsemmija fil-kuntratt l-ieħor ma kinitx rilevanti fir-relazzjoni bejn l-operaturi tal-ajruport u easyJet.

(194) EasyJet temmen li l-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel valutazzjoni speċifika dwar il-kuntratti ta' easyJet sabiex tivverifika jekk il-fondi li easyJet irċeviet mill-operaturi tal-ajruport effettivament ġew mir-Reġjun qabel ma tasal għall-konklużjoni li l-miżura inkwistjoni hija għajnuna mill-Istat.

Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern

(195) EasyJet tgħid li l-kumpens li rċeviet mhuwiex biżżejjed sabiex jaffettwa b'mod negattiv il-kompetizzjoni. Dan ġej minn żewġ fatturi ewlenin: l-ammont relattivament baxx ta' kumpens u l-assenza ta' linji tal-ajru li joperaw fuq l-istess rotot kif imsemmi fil-kuntratti.

(196) EasyJet hija l-unika linja tal-ajru li topera r-rotot kollha msemmija fil-kuntratt ma' SOGAER u kważi r-rotot kollha msemmija fil-kuntratt ma' GEASAR. L-operaturi tal-ajru stiednu linji tal-ajru oħrajn sabiex joperaw l-istess rotot permezz tal-pubblikazzjoni fuq is-siti web tagħhom tal-istedina għal-linji tal-ajru sabiex jipprovdu pjanijiet ta' negozju biex joperaw rotot minn/lejn Cagliari u Olbia, iżda easyJet biss ħadet din l-opportunità.

(197) Ladarba easyJet hija l-unika operatur tal-linja tal-ajru fuq ir-rotot rilevanti, l-ebda kompetitur ma tista' ssirlu ħsara mill-għajnuna allegata. Għalhekk, skont easyJet, ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni.

L-assenza tal-ebda vantaġġ ekonomiku

(198) EasyJet tistqarr li l-miżura ma tinvolvi l-ebda vantaġġ ekonomiku favurha u tibbaża l-argument tagħha fuq il-prinċipju tal-investitur privat.

(199) EasyJet tistqarr li SOGAER u GEASAR kienu kapaċi jivvalutaw fuq bażi *ex ante* r-redditu ekonomiku pożittiv tal-kuntratti. Ir-redditu ekonomiku huwa bbażat fuq żewġ fatturi: (i) easyJet impenjat ruħha li tipprovdi l-attivitajiet

([86]) L-ebda pjan ta' negozju ma ġie kkomunikat lill-Kummissjoni.

ta' kummerċjalizzazzjoni, topera t-titjiriet minn punt għal ieħor u tilħaq il-miri tal-passiġġieri previsti fil-kuntratti; (ii) easyJet ipprovdiet lill-operatur tal-ajruport bi pjanijiet ta' negozju li jkopru l-perjodu tal-kuntratti kif ukoll pjanijiet tal-midja, sabiex tippermetti lill-operatur tal-ajruport biex jivverifika l-profittabbiltà; u (iii) l-operatur tal-ajruport ikkonferma r-redditu fuq l-investiment, li jirriżulta mill-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni.

(200) Fir-rigward tal-ewwel punt, easyJet tiċċara li kemm fil-kuntratt ta' Cagliari kif ukoll ta' Olbia hija impenjat ruħha sabiex topera skeda minima ta' operazzjonijiet u frekwenzi għar-rotot rilevanti.

(201) Fir-rigward tat-tieni punt, il-pjanijiet ta' negozju pprovduti minn easyJet jiddeskrivu l-offerta ta' easyJet fid-dettall, biex b'hekk l-operaturi tal-ajruport jistgħu jivvalutaw il-profittabbiltà tal-investimenti. EasyJet tiċċara li abbażi tal-informazzjoni disponibbli dak iż-żmien, iż-żewġ operaturi tal-ajruport ikkonkludew li l-investimenti rriżultaw f'redditu ekonomiku sinifikanti għall-ajruporti.

(202) SOGAER ibbażat id-deċiżjoni tagħha li topera ma' easyJet fuq ir-riżultat ta' studju tal-impatt ekonomiku, iċċertifikat minn konsulent estern, li vverifika r-redditu fuq l-investiment, filwaqt li kkonkluda li aktarx kien se jirriżulta f'redditu ekonomiku u żvilupp sinifikanti għall-ajruport. GEASAR iddikjarat fil-kuntratt li kienet eżaminat il-pjan ta' negozju ta' easyJet, evalwat is-suppożizzjonijiet u r-riżultati mistennija u kienet ipproduċiet il-pjan ta' negozju tagħha, filwaqt li kkonfermat l-interess ekonomiku fl-operazzjoni ma' easyJet.

(203) Il-kuntratti ma' SOGAER u GEASAR żiedu b'mod sinifikanti n-numru ta' passiġġieri fl-ajruporti ta' Cagliari u Olbia, u għalhekk wasslu għal dħul stabbli u dejjem jikber minn attivitajiet ajrunawtiċi u mhux.

(204) easyJet temmen li l-kuntratti ma' SOGAER u GEASAR huma bbażati fuq termini purament kummerċjali. Għalhekk il-miżura inkwistjoni ma tistax titqies għajnuna mill-Istat minħabba l-fatt li SOGAER u GEASAR aġixxew bħala investituri privati li qed ifittxu benefiċċji ekonomiċi.

5.2.1.3. ***Konformità mat-test ta' Altmark u/jew l-Artikolu 106(2) tat-Trattat***

(205) EasyJet tafferma li l-kumpens mogħti lil easyJet ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat illegali għaliex jissodisfa l-erba' kriterji kollha ddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza ta' *Altmark* ([87]) sabiex jiġi stabbilit jekk il-kumpens tas-servizz pubbliku jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

(206) Il-miżura tikkostitwixxi kumpens għall-impenn li jiġu operati rotot internazzjonali strateġiċi identifikati speċifikament lejn/mill-ajruporti ta' Cagliari u Olbia u jiġu pprovduti s-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' reklamar relatati, b'mod partikolari matul l-istaġun kwiet mhux profittabbli. Barra minn hekk il-finanzjament tagħha taħt l-iskema huwa limitat għal kumpens (parzjali) għall-ispejjeż fil-fatt imġarrba minn easyJet biex twettaq il-missjoni tas-servizz pubbliku tagħha, u eventwalment tippermetti lil easyJet sabiex tikseb profitt raġonevoli.

(207) EasyJet temmen li l-ewwel kundizzjoni ta' Altmark (affidament b'obbligu ddefinit tajjeb ta' servizz pubbliku) hija ssodisfata ladarba l-kompitu ta' operazzjoni ta' rotot internazzjonali strateġiċi ngħata lil easyJet mill-Istat, u li l-kompitu ta' servizz pubbliku ġie ddefinit b'mod preċiż. EasyJet daħlet f'kuntratti vinkolanti ma' SOGAER u GEASAR minħabba l-Liġi 10/2010 ta' Sardinja u atti ta' implimentazzjoni sussegwenti. Tali kuntratti jimponu obbligi speċifiċi fuq easyJet sabiex tiżgura li l-prinċipji ta' kontinwità territorjali jinżammu u li numru ta' titjiriet suffiċjenti huwa pprovdut sabiex jittrasporta passiġġieri lejn/minn Sardinja anke matul l-istaġun kwiet. Il-kumpens taħt skrutinju huwa marbut ma' SIEĠ assenjat lil easyJet mir-Reġjun permezz ta' SOGAER u GEASAR.

(208) Fl-analiżi tagħha tat-tieni kundizzjoni (parametri għall-kalkolu tal-kumpens huma ddefiniti qabel b'mod oġġettiv u trasparenti), easyJet issostni li l-kuntratti li jagħtu lil easyJet il-kompitu li tipprovdi servizzi ta' trasport bl-ajru fuq ir-rotot strateġiċi jispeċifikaw biżżejjed, minn qabel, il-kumpens sabiex jitwettaq il-kompitu, minħabba li jindikaw ammont fiss għal kull sena li speċifikament huwa marbut mal-operazzjoni tar-rotot ikkonċernati matul is-sena.

([87]) Sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg*, C-280/00, EU:C:2003:415.

(209) B'referenza għat-tielet kundizzjoni (kumpens riċevut li ma jaqbiżx dak li hu meħtieġ sabiex jitkoprew l-ispejjeż u jinkiseb profitt raġjonevoli), easyJet tgħid li l-provvista ta' servizzi ta' trasport bl-ajru speċifikata fil-kuntratti ma' SOGAER u GEASAR tinvolvi spejjeż fissi u operazzjonali ewlenin għal easyJet. […] easyJet tikkonferma li mingħajr l-appoġġ li rċeviet mill-ajruporti, qatt ma kienet topera xi rotta minn ajruporti ta' Sardinja, ħlief għal dawk matul l-istaġun attiv.

(210) EasyJet tgħid li anki r-raba' kundizzjoni ta' Altmark hija ssodisfata (il-kumpens riċevut ma jaqbiżx l-ispejjeż ta' impriża mmexxija tajjeb li hija mgħammra b'mod adegwat bil-mezzi sabiex tipprovdi s-servizz pubbliku). EasyJet issostni li tista' titqies bħala impriża tipika, immexxija tajjeb u mgħammra b'mod adegwat bil-mezzi sabiex tipprovdi s-servizz pubbliku. Dak li easyJet tixtieq tenfasizza huwa li hija waħda mill-aktar linji tal-ajru Ewropej immexxijin tajjeb u hija kapaċi toffri lill-klijenti tariffi baxxi minħabba li tiffoka fuq l-effiċjenza u dipendenza fuq l-użu kbir tal-flotta u l-użu intensiv tal-IT, li kollha jnaqqsu l-prezz għal kull passiġġier.

(211) Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kundizzjonijiet ta' Altmark mhumiex issodisfati, easyJet tikkunsidra li l-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat huma ssodisfati u li l-attivitajiet kienu meħtieġa sabiex jitwettqu s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. L-attivitajiet għalhekk xorta jistgħu jkunu ġġustifikati bħala kompatibbli skont l-eċċezzjoni pprovduta mill-Artikolu 106(2) tat-Trattat.

5.2.1.4. ***It-test tal-bilanċ***

(212) Skont easyJet, anke jekk l-iskema taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti u tal-linji gwida, ir-riżultat pożittiv tat-test tal-bilanċ jagħmilha legali b'mod sħiħ, irrispettivament mill-ammont ta' għajnuna jew il-kobor tal-benefiċjarju. L-għajnuna hija kkunsidrata li għandha effetti negattivi mhux dovuti meta:

(a) tingħata lil kumpaniji mhux effiċjenti jew dominanti f'setturi li sejrin lura;

(b) tisposta investiment privat jew sforzi ta' riċerka;

(c) tiddiskrimina kontra ċerti kumpaniji jew teknoloġiji.

(213) L-ebda waħda mid-distorsjonijiet kompetittivi li huma normalment assoċjati ma' għajnuna mill-Istat problematika ma jinstabu f'dan il-każ: (i) ir-riċevituri ma qabdux l-ishma tas-suq b'detriment għal kompetituri potenzjalment aktar effiċjenti; (ii) il-kompetituri barranin ma ġewx iddiskriminati biex il-"promoturi nazzjonali" ingħataw vantaġġ; (iii) il-konsumaturi ma tilfux għax ma kellhomx aċċess għal prodotti irħas jew aħjar.

(214) EasyJet tgħid li l-iskema inkwistjoni tissodisfa r-rekwiżiti ta' ħtieġa u proporzjonalità. L-iskema hija meħtieġa għaliex easyJet kieku ma toperax ir-rotot matul is-sena. L-iskema hija proporzjonali, għaliex il-kontribuzzjoni tirrappreżenta biss frazzjoni tal-ispejjeż ta' operazzjoni ta' easyJet.

5.2.1.5. ***Konklużjoni***

(215) EasyJet tikkonkludi li hi ma rċeviet l-ebda għajnuna mill-Istat illegali la minn ajruporti ta' Sardinja u lanqas minn awtoritajiet ta' Sardinja matul il-perjodu li qed jiġi investigat.

5.2.2. KUMMENTI PPROVDUTI DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-LINJI GWIDA DWAR L-AVJAZZJONI TAL-2014 GĦALL-MIŻURI INKWISTJONI

(216) EasyJet tafferma li diġà wriet li hi ma rċeviet l-ebda għajnuna mill-Istat illegali għal numru ta' raġunijiet, li mhumiex affettwati mil-linji gwida ġodda. EasyJet tenfasizza li hemm żewġ metodi, f'Taqsima 3.5 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, għad-determinazzjoni ta' jekk kuntratti bejn ajruporti u linji tal-ajru jissodisfawx it-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq u, għaldaqstant, huma ħielsa minn għajnuna mill-Istat.

(217) L-ewwel wieħed huwa l-metodu ta' referenza, iżda l-Kummissjoni tiċħad dan il-metodu minħabba l-preżenza sostanzjali ta' sussidji mill-Istat fis-suq tal-ajruporti.

(218) Il-metodu alternattiv propost jikkonsisti fl-aċċertazzjoni ta' jekk il-ftehim kummerċjali kkonċernat jikkontribwixxix inkrementalment għall-profittabbiltà tal-ajruport minn perspettiva *ex ante* (Taqsima 3.5.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014). EasyJet tispeċifika li "l-Kummissjoni tikkunsidra analiżi ta' profittabbiltà inkrementali *ex ante* bħala l-aktar kriterju rilevanti għall-valutazzjoni tal-ftehimiet konklużi minn ajruporti b'linji tal-ajru ndividwali". Fl-opinjoni tal-kumpanija, din il-valutazzjoni jenħtieġ li, fil-prinċipju, tkun ibbażata fuq pjan ta' negozju li jikkunsidra l-informazzjoni disponibbli u l-iżviluppi prevedibbli fil-mument meta l-kuntratt ġie konklużż.

(219) EasyJet tenfasizza li, kif spjegat fil-kummenti sottomessi fit-30 ta' Lulju 2013, SOGAER u GEASAR kienu kapaċi jantiċipaw fuq bażi *ex ante* r-redditu ekonomiku pożittiv tal-kuntratti.

(220) EasyJet tinnota li r-redditu ekonomiku pożittiv huwa bbażat fuq il-fatturi li ġejjin: i) easyJet impenjat ruħha li tipprovdi l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni, topera t-titjiriet minn punt għal ieħor u tilħaq il-miri tal-passiġġieri previsti fil-kuntratti; ii) easyJet ipprovdiet lill-operatur tal-ajruport bi pjanijiet ta' negozju li jkopru l-perjodu tal-kuntratti kif ukoll pjanijiet tal-midja, sabiex tippermetti lill-operatur tal-ajruport biex jivverifika l-profittabbiltà; u (iii) l-operatur tal-ajruport ikkonferma r-redditu fuq l-investiment, li jirriżulta mill-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni. EasyJet tirrimarka li, skont l-informazzjoni disponibbli f'dan il-mument, iż-żewġ operaturi tal-ajruport ikkonkludew li l-investimenti jirriżultaw f'redditu ekonomiku sinifikanti għall-ajruporti. Fil-fatt, SOGAER ibbażat id-deċiżjoni tagħha li tidħol fil-kuntratt ma' easyJet fuq ir-riżultat ta' studju tal-impatt ekonomiku.

(221) EasyJet tirrimarka wkoll li l-attivitajiet ta' reklamar u kummerċjalizzazzjoni tagħha żiedu b'mod sinifikanti l-viżibilità tal-ajruporti ta' Cagliari u Olbia u għalhekk il-flussi tal-passiġġieri f'rotot lejn dawn l-ajruporti.

(222) Fir-rigward tal-punt 5.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, easyJet tosserva li hemm xi tibdiliet fil-kundizzjonijiet li skonthom, il-linji tal-ajru jistgħu jirċievu għajnuna għat-tnedija ta' rotot ġodda. EasyJet issostni li, għal dan il-każ, taħt il-linji gwida l-ġodda, arranġamenti aktar flessibbli, f'termini ta' daqs tal-ajruport u destinazzjonijiet eliġibbli, jistgħu jkunu ġġustifikati għal ajruporti li jinstabu f'reġjuni remoti, bħal f'dan il-każ fuq ġzira. EasyJet issostni li l-kriterji l-ġodda għall-ammissibbiltà ta' għajnuna għat-tnedija huma sostanzjalment ssodisfati.

(223) Il-kumpanija tinnota li l-punt 5.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 jgħid li għajnuna għall-bidu lil linji tal-ajru se tkun ikkunsidrata bħala kontribuzzjoni għall-ilħuq ta' objettiv ta' interess komuni, jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun issodisfata: (i) l-għajnuna żżid il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi jinfetħu rotot ġodda, jew (ii) l-għajnuna tiffaċilita żvilupp reġjonali ta' reġjuni remoti. Skont il-punt 2.2 tal-linji gwida, "reġjuni remoti" tfisser "reġjuni ultraperiferiċi, Malta, Ċipru, Ceuta, Melilla, gżejjer li huma parti mit-territorju ta' Stat Membru, u żoni skarsament popolati". EasyJet issostni li dawn il-kriterji t-tnejn huma ssodisfati. Barra minn hekk, ir-rekwiżit ta' ħtieġa ta' trasport ġenwin jidher li huwa ssodisfat ukoll, minħabba nuqqas ta' metodi ta' trasport alternattivi reali.

(224) EasyJet tfakkar li għajnuna għall-bidu tista' tingħata lil linji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti b'anqas minn 3 miljun passiġġier fis-sena (il-punt 142 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni), u, fuq bażi ta' każ b'każ, anke għal dawk li jitilqu minn ajruporti b'aktar minn 3 miljun u anqas minn 5 miljun passiġġier fis-sena (il-punt 144). Fir-rigward tal-ajruport ta' Olbia — li l-kuntratt tiegħu ma' easyJet kien iffirmat fl-2011 — il-volumi ta' traffiku rreġistrati fl-2009 u l-2010 ammontaw għal 1 621 945 u 1 591 821 passiġġier rispettivament. Fir-rigward tal-ajruport ta' Cagliari — li l-kuntratt tiegħu ma' easyJet kien iffirmat fl-2010 — il-volumi ta' traffiku rreġistrati fl-2008 u l-2009 ammontaw għal 2 924 805 u 3 317 262 passiġġier rispettivament. F'kull każ, il-Kummissjoni, fl-opinjoni ta' easyJet, jinħtieġ li tikkonkludi li l-għajnuna għat-tnedija hija meħtieġa skont il-punt 142 (fil-każ tal-ajruport ta' Cagliari), jew għall-anqas skont il-punt 144 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

(225) Fir-rigward tal-adegwatezza tal-għajnuna mill-Istat bħala strument ta' politika, il-punt 147 jipprevedi li dan il-kriterju jiġi ssodisfat jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun ssodisfata: (i) pjan ta' negozju *ex ante* ppreparat mil-linja tal-ajru jistabbilixxi li r-rotta li tirċievi l-għajnuna għandha prospetti li ssir profittabbli għal linja tal-ajru mingħajr finanzjament pubbliku wara 3 snin, jew (ii) fl-assenza ta' pjan ta' negozju għal rotta, il-linji tal-ajru jipprovdu impenn irrevokabbli lill-ajruport sabiex jopera r-rotta għal perjodu li njkun mill-anqas ugwali għall-perjodu li matulu huma rċevew l-għajnuna għat-tnedija. EasyJet tenfasizza l-fatt li l-pjanijiet ta' negozju abbozzati fil-mument li l-kuntratti kienu ffirmati kkonfermaw il-konvenjenza u s-sostenibbiltà tal-ftehimiet għall-ajruporti.

(226) Filwaqt li ma ġie pprovdut l-ebda impenn formali għal operazzjoni lil hinn mill-perjodu inizjali ta' 3 snin, *de facto* din il-kundizzjoni attwalment qed tiġi ssodisfata, għaliex easyJet baqgħet topera fl-ajruporti ta' Cagliari u Olbia wara l-iskadenza tal-kuntratt fl-2013.

(227) Fir-rigward tal-eżistenza ta' effett ta' inċentiv, easyJet tfakkar li għajnuna għat-tnedija lil linji tal-ajru għandha effett ta' inċentiv jekk probabbilment, fin-nuqqas ta' għajnuna, il-livell ta' attività ekonomika tal-linja tal-ajru fl-ajruport ikkonċernat ma jitkabbarx. EasyJet, filwaqt li tirreferi għall-kummenti li ssottomettiet fit-30 ta' Lulju 2013, tirrimarka li, mingħajr l-appoġġ li rċeviet mingħand SOGAER u GEASAR, ma kienet topera l-ebda waħda mir-rotot ikkonċernati, barra mill-istaġun ta' attività għolja.

(228) Fir-rigward tal-proporzjonalità tal-ammont ta' għajnuna, easyJet tistma li kien hemm konformità ma' dan il-kriterju f'dan il-każ. Fl-aħħar, fir-rigward tal-evitar ta' effetti negattivi mhux dovuti fuq il-kompetizzjoni u n-negozju, easyJet tgħid li r-rotot operati ma jistgħux ikunu moqdija minn kwalunkwe servizz tal-ferrovija b'veloċità għolja jew forom oħrajn ta' trasport. Barra minn hekk, ma hemmx ajruporti oħrajn fl-istess żoni ta' kummerċ tal-ajruporti ta' Cagliari u Olbia.

5.2.3. KUMMENTI ADDIZZJONALI DWAR L-ANALIŻI TAL-MEOP FIR-RIGWARD TAL-AJRUPORT TA' OLBIA

(229) EasyJet tgħid li l-kuntratti mal-Ajruport ta' Olbia huma konformi mal-prinċipju tal-operatur ekonomiku tas-suq. Għal dak il-għan, easyJet ipprovdiet lill-Kummissjoni b'rapport wieħed ippreparat minn ditta ta' konsulenza. Dan l-istudju janalizza l-profittabbiltà mistennija minn kull kuntratt kummerċjali konkluż minn easyJet ma' Olbia fuq bażi *ex ante* sħiħa, f'konformità mal-fehim tagħha tal-approċċ tal-Kummissjoni li jsegwi l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 u l-prattika tal-każ riċenti ([88]).

(230) Ir-riżultati juru li, skont suppożizzjonijiet rilevanti fil-mument meta l-ftehimiet kummerċjali tal-2010 u l-2011 ġew ffirmati, kull ftehim kien mistenni li jkun profittabbli biżżejjed ([89]). Fil-fatt, fir-rigward tal-Kuntratti tal-2010 u l-2011, il-VPN huwa strettament pożittiv kemm fil-każ bażi rrapportat kif ukoll f'għadd ta' testijiet tas-sensittività, li jissuġġerixxi li investitur privat raġonevoli aktarx kien joffri kuntratti simili.

(231) Għalhekk l-evidenza ppreżentata tindika li, taħt ċirkostanzi simili, investitur tal-ekonomija tas-suq raġonevoli kien ikun lest li jidħol f'kuntratti simili ma' easyJet, filwaqt li jkollu aspettattivi *ex ante* raġonevoli għal GEASAR. Dik l-analiżi timplika li, permezz tal-konklużjoni tal-kuntratti varji ma' easyJet, GEASAR kienet qed iġġib ruħha b'mod simili għal investitur privat.

5.3. *KUMMENTI MINN GEASAR S.P.A. (L-OPERATUR TAL-AJRUPORT TAL-AJRUPORT TA' OLBIA)*

5.3.1. KUMMENTI DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

(232) L-ajruport ta' Olbia primarjament jimmaniġġja traffiku tal-passiġġieri kummerċjali domestiku u internazzjonali, b'enfasi fuq traffiku turistiku. Traffiku tal-ajru minn u lejn l-ajruport ta' Olbia jkun fl-aqwa tiegħu fl-istaġun tas-sajf, bejn Mejju u Ottubru.

(233) GEASAR tisħaq li l-lokazzjoni tal-ajruport f'reġjun ġżira bħal Sardinja jfisser li:

(a) ma jistax jitqies li qed jikkoinċidi ma' ajruporti fi Stati Membri oħrajn jew fl-Italja kontinentali;

(b) L-ajruport ta' Olbia mhuwiex f'kompetizzjoni mal-ajruporti l-oħrajn tal-ġżira (b'mod partikolari l-ajruport Mario Mameli f'Cagliari-Elmas u l-ajruport Alghero-Fertilia). It-tliet ajruporti ta' Sardinja ma jistgħux jitqiesu li huma reċiprokament sostitwibbli, għaliex għandhom żoni ta' kummerċ differenti. Ir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' sostitwibbiltà tagħhom huma: it-topografija tal-ġżira, il-preżenza mifruxa tal-popolazzjoni fit-territorju, id-distanzi twal bejniethom u n-nuqqas ta' konnessjonijiet tat-toroq veloċi bejn iż-żoni differenti tal-ġżira.

([88]) Primarjament id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/393/KE tat-12 ta' Frar 2004 dwar il-vantaġġi mogħtija mir-Reġjun tal-Vallonja u Brussels South Charleroi Airport lill-kumpannija tal-ajru Ryanair meta hija stabbilixxiet ruħha f'Charleroi (ĠU L 137, 30.4.2004, p. 1), u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/664/UE tal-25 ta' Lulju 2012 dwar il-miżura SA.23324 — C 25/07 (ex NN 26/07) — il-Finlandja Finavia, Airpro u Ryanair fl-ajruport ta' Tampere-Pirkkala (ĠU L 309, 19.11.2013, p. 27).

([89]) L-analiżi saret mingħajr aċċess għall-ajruport sabiex jiddiskuti dejta miksuba minn sorsi pubbliċi u easyJet, l-informazzjoni inkisbet mill-kuntratti kummerċjali rilevanti, dejta tal-fatturi, arranġamenti ta' servizzi fuq l-art, tariffi ppubblikati u l-kontijiet annwali tal-Ajruport ta' Olbia.

(234) Barra minn hekk, it-traffiku tal-ajru fl-ajruport ta' Olbia mhuwiex f'kompetizzjoni ma' mezzi ta' trasport oħrajn minn u lejn Sardinja. L-unika alternattiva għall-ilħuq ta' Sardinja bl-ajru huwa bil-baħar, iżda b'ħin ta' vvjaġġar ħafna itwal.

5.3.1.1. ***L-azzjonijiet meħudin minn GEASAR sabiex timplimenta l-Liġi 10/2010***

(235) GEASAR issottomettiet pjanijiet ta' azzjoni għall-2010 u għall-perjodu ta' tliet snin 2011-2013 lir-Reġjun, flimkien mal-applikazzjonijiet ta' finanzjament rispettivi tagħhom. Ir-Reġjun approva l-allokazzjoni ta' finanzjament għal dawn il-perjodi, bid-Deċiżjonijiet Nru 43/37 tas-6 ta' Diċembru 2010 u Nru 52/117 tat-23 ta' Diċembru 2011.

(236) L-azzjonijiet fil-fatt implimentati minn GEASAR ikkonċernaw biss attivitajiet 2 u 3 kif previst fil-Liġi 10/2010; dawn ikkonċernaw attivitajiet li jippromwovu lil Sardinja bħala destinazzjoni turistika. GEASAR ma kkonkludiet l-ebda kuntratt għall-iżvilupp ta' rotta taħt attività 1.

Attività 2

(237) L-operatur tal-ajruport ippubblika fuq is-sit web tiegħu s-sejħa għal espressjonijiet ta' interess bl-iskop li jikkonkludi kuntratti kummerċjali u ta' reklamar li jimplimentaw il-Liġi 10/2010. Wara li rċeviet espressjonijiet ta' interess, GEASAR innegozjat il-proposti għal attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni mal-linji tal-ajru, filwaqt li kkunsidrat il-pjan kummerċjali tat-turiżmu mfassal mir-Reġjun bħala wieħed mill-istrumenti ta' ppjanar tagħha.

(238) Bħala riżultat, GEASAR ikkonkludiet, għall-perjodu 2010-2013, kuntratti *ad hoc* ma' easyJet, Meridiana, Air Berlin, Fly Niki, Volotea, Norwegian, Air Italy, Jet2.com u Air Baltic. Ħafna mill-kuntratti kellhom tul ta' sena jew sentejn.

(239) Il-kuntratti kienu bbażati fuq il-prerekwiżit li l-linji tal-ajru kkonċernati operaw ċerti rotot domestiċi u Ewropej minn u lejn Olbia. Dak ir-rekwiżit kien marbut mal-promozzjoni ta' Sardinja bħala destinazzjoni turistika mil-linji tal-ajru.

(240) L-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' promozzjoni tad-destinazzjoni li jwettqu t-trasportaturi bl-użu tal-baġit ipprovdut skont il-kuntratt huma stipulati fi pjan tal-midja speċifiku. Aktar speċifikament, dawn jikkonsistu fi: (i) reklamar "klassiku" (jiġifieri, fil-belt, fil-midja, f'rivisti ta' fuq l-ajruplani, eċċ) u (ii) reklamar "onlajn" fuq is-sit web tat-trasportatur.

Attività 3

(241) GEASAR fdat lil partijiet terzi, f'isem ir-Reġjun, b'għadd ta' inizjattivi sabiex tiġi promossa Sardinja bħala destinazzjoni, bħal reklamar fl-istampa u permezz ta' riklami televiżivi, pubblikazzjoni ta' mapep b'informazzjoni dwar Sardinja, billboards u stikers għal fuq it-twieqi biex jitpoġġew fl-ajruport, kuntratti ta' konsulenza għall-ippjanar ta' strateġiji promozzjonali, parteċipazzjoni f'fieri tas-settur u konferenzi stampa, u promozzjoni tad-destinazzjoni permezz tal-offerti ta' pakketti tal-ivvjaġġar minn aġenziji turistiċi u sit web li jippromwovi turiżmu f'Sardinja.

Flussi finanzjarji

(242) Il-ħlas ta' attivitajiet 2 u 3 huwa magħmul mill-operatur tal-ajruport lil-linji tal-ajru u lill-fornituri tas-servizzi oħrajn ikkonċernati. GEASAR issottomettiet rapporti tal-attivitajiet implimentati fil-perjodu 2010-2012, bl-ispejjeż effettivament imġarrba, lir-Reġjun. Ir-Reġjun imbagħad għandu jirrimborża l-amonti mħallsa bil-quddiem mill-operatur tal-ajruport.

(243) Ir-Reġjun irrimborża parzjalment l-ispejjeż imġarrba minn GEASAR għall-attivitajiet 2 u, saru parti mill-approprazzjonijiet baġitarji limitati tiegħu. L-akbar parti tal-fondi mħallsa mir-Reġjun skont il-Liġi 10/2010 hija relatata ma' attività 2, li tkopri l-ħlasijiet ta' GEASAR lil-linji tal-ajru permezz ta' korrispettiv taħt il-kuntratti kummerċjali u ta' reklamar.

(244) Table 11 turi l-flussi finanzjarji minn GEASAR.

Tabella 11

Flussi finanzjarji mill-ajruport ta' Olbia

(EUR)

	2010	2011	2012	TOTAL
attività 2	(…)	(…)	(…)	(…)
attività 3	(…)	(…)	(…)	(…)
Total irrapportat mill-operatur tal-ajruport lir-Reġjun	3 972 223	3 057 654	3 029 160	10 059 037
Dritt għal kontribuzzjonijiet skont il-Liġi 2010	3 972 223	2 945 363	3 029 160	9 946 747
Kontribuzzjonijiet totali skont il-Liġi tal-2010 rimborżati lill-operatur tal-ajruport	3 400 000	2 599 000	3 029 160	9 028 160

5.3.1.2. ***Valutazzjoni skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat***

(245) GEASAR mhijiex il-benefiċjarju attwali ta' attivitajiet 2 u 3 u d-Deċiżjoni tal-Ftuħ kien fiha żball għaliex inkludiet lil GEASAR fost il-benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat prevista mil-Liġi 10/2010. GEASAR ma kinitx il-benefiċjarju tal-vantaġġ ekonomiku li wasal mill-għajnuna: il-kontribuzzjonijiet mogħtija mir-Reġjun skont il-Liġi 10/2010 kienu sempliċiment "mgħoddija" mill-operaturi tal-ajruport lill-benefiċjarji aħħarin, jiġifieri l-linji tal-ajru li joperaw konnessjonijiet bl-ajru fl-ajruporti li qed jiġu eżaminati. Dan japplika wkoll għall-promozzjoni turistika ta' Sardinja kkummissjonata mill-operaturi tal-ajruport minn kumpaniji oħrajn.

(246) Skont GEASAR, il-kontribuzzjonijiet taħt il-Liġi 10/2010 ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat minħabba li mill-anqas tnejn mill-erba' kundizzjonijiet għall-identifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat mhumiex issodisfati:

(a) l-attivitajiet 2 u 3 ma jagħtu l-ebda vantaġġ lil GEASAR, li tikkunsidra li l-fondi previsti mil-Liġi 10/2010 huma konsistenti mal-MEIP: is-somom imħallsa mir-Reġjun, fir-rigward ta' attivitajiet 2 u 3, jikkonsistu f'korrispettiv għal servizz imwettaq u fi spejjeż effettivament imġarrba minn partijiet terzi. GEASAR tinnota wkoll li l-korrispettiv mħallas lil-linji tal-ajru (attività 2) u lil fornituri tas-servizz l-oħrajn (attività 3) huwa konsistenti mal-prezzijiet tas-suq attwali. Min-naħa l-oħra, il-finanzjament mogħti mir-Reġjun skont il-Liġi 10/2010 iġġenera redditu finanzjarju għar-Reġjun fuq perjodu medju u twil. L-ammont miksub mir-Reġjun fir-rigward ta' redditu akbar mit-taxxa jista' jitqies li huwa ogħla mill-ispejjeż imġarrba mir-Reġjun għall-finanzjament tal-attivitajiet li qed jiġu eżaminati. Is-self mogħti minn SFIRS tħallas ukoll taħt kundizzjonijiet tas-suq;

(b) l-attivitajiet 2 u 3 ma jaffettwawx in-negozju u ma jxekklux il-kompetizzjoni: minħabba l-lokazzjoni partikolari tiegħu, l-ajruport ta' Olbia jopera fuq livell lokali, mingħajr ma jikkompeti ma' ajruporti nazzjonali jew Ewropej oħrajn. L-immaniġġjar, minkejja li parzjali, tal-ajruport ta' Olbia kien assenjat lil GEASAR fl-1989, jiġifieri ferm qabel is-sentenza fl-*Aéroport de Paris* tat-12 ta' Diċembru 2000, li estendiet l-applikabbiltà ta' regoli tal-għajnuna mill-Istat għall-operat tal-ajruporti.

(247) GEASAR tikkonkludi li l-kontribuzzjonijiet skont il-Liġi 10/2010 ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

5.3.1.3. ***Valutazzjoni tal-kompatibilità skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat***

(248) Bħala alternattiva, GEASAR issostni li, fi kwalunkwe każ, il-kontribuzzjonijiet imħallsa skont il-Liġi 10/2010 huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Il-kompatibilità trid tiġi vvalutata skont il-Punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 ([90]):

(a) l-għajnuna titħallas lil linji tal-ajru b'liċenzja operattiva valida maħruġa minn Stat Membru skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008;

([90]) Il-kriterji inkwistjoni ġew eżaminati mill-Kummissjoni fil-punt 133 *et seq* tad-"Deċiżjoni tal-Ftuħ".

(b) il-finanzjament inkwistjoni kien immirat sabiex inaqqas l-istaġjonalità tat-traffiku tal-ajru; għaldaqstant, dan ippromwova l-ftuħ ta' rotot jew skedi ġodda, u ma kienx jikkonċerna linji tal-ajru soġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008;

(c) għal-linji tal-ajru kkonċernati, il-konnessjoni ssussidjata kienet profittabbli;

(d) il-finanzjament kopra l-ispejjeż għat-tnedija addizzjonali għat-tħaddim tar-rotta ġdida jew tal-iskeda l-ġdida; dawn l-ispejjeż huma konformi mal-prezzijiet tas-suq attwali;

(e) l-inizjattivi skont il-Liġi 10/2010 ġew ippubbliċizzati adegwatament fost il-linji tal-ajru varji interessati li joffru s-servizzi tagħhom;

(f) il-kuntratti jinkludu sistema ta' penali li jiġu attivati min-nuqqas ta' kwalunkwe linja tal-ajru li tikkonforma mal-impenji tagħha lejn l-ajruport.

(249) GEASAR tinnota li s-sussidji mħallsa skont il-Liġi 10/2010 huma mogħtija lil linji tal-ajru għal perjodu ftit itwal (erba' snin minflok tlieta) u huma ta' intensità akbar minn dak permess mil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, iżda żżid li mhux il-kuntratti kollha konklużi mal-linji tal-ajru għandhom it-tul stabbilit fil-Liġi 10/2010; l-aktar importanti, tisħaq li l-Linji Gwida jippermettu derogi mill-kriterji ta' intensità li hemm għall-każijiet ta' reġjuni assistiti u ekonomikament żvantaġġjati bħal Sardinja.

(250) Il-miżuri li qed jiġu eżaminati huma adatti sabiex jinċentivaw il-miri ta' żvilupp konsistenti mal-interessi tal-Unjoni, u ma jaffettwawx in-negozju bejn Stati Membri sa livell li jmur kontra l-interess komuni. F'dan ir-rigward, GEASAR tirreferi għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-futur ta' ajruporti reġjonali u servizzi tal-ajru fl-UE ([91]), li tisħaq dwar l-importanza ta' ajruporti reġjonali fl-Unjoni.

(251) GEASAR temmen li l-valutazzjoni tal-kompatibilità tal-miżuri li qed jiġu eżaminati mas-suq intern għandha tikkunsidra r-rwol ewlieni li għandu l-ajruport ta' Olbia fl-iżgurar tal-kontinwità territorjali ta' reġjun ġżira bħal Sardinja.

5.3.1.4. ***Valutazzjonijiet skont l-Artikolu 106 tat-Trattat***

(252) GEASAR tosserva li l-ammonti mħallsa skont il-Liġi 10/2010 ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat abbażi tal-kriterji ta' Altmark u, anki li kieku kienu, xorta kienu jkunu kompatibbli skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat.

L-issodisfar tal-kriterji ta' Altmark

(253) Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni f'Altmark, GEASAR tirrimarka li l-miżuri li qed jiġu eżaminati huma parti mill-politika ġeografika u ta' trasport usa' tar-Reġjun imfassla sabiex tiżgura minimu ta' konnessjonijiet bl-ajru bejn il-ġżira u l-bqija tal-Unjoni, li jkopru s-sena kollha.

(254) Skont GEASAR it-tieni u t-tielet kundizzjonijiet f'Altmark huma ssodisfati: il-parametri li abbażi tagħhom il-kumpens huwa kkalkolat ġew stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti, u ma hemmx riskju ta' kumpens żejjed ladarba GEASAR ġiet rimborżata biss parzjalment għall-ispejjeż imġarrba.

(255) GEASAR tikkunsidra li ġarrbet spejjeż bħala impriża privata soġġetta għal kundizzjonijiet tas-suq normali; għalhekk, ir-raba' kundizzjoni ta' Altmark hija ssodisfata wkoll.

Kompatibilità skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat

(256) GEASAR tikkunsidra li din il-kompatibilità għandha tiġi vvalutata fid-dawl tad-Deċiżjoni SIEĠ tal-2005 u, bħala alternattiva, fid-dawl tal-Qafas SIEĠ tal-2011, *mutatis mutandis*.

(257) GEASAR tinnota li l-limitu stipulat fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni SIEĠ tal-2005 huwa ssodisfat fis-sens li l-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika kien ta' madwar EUR 4 miljun fis-sena, u l-fatturat ta' GEASAR kien anqas minn EUR 100 miljun. Il-kundizzjonijiet fl-Artikoli 4, 5 u 6 tad-Deċiżjoni SIEĠ tal-2005 ukoll huma ssodisfati.

([91]) 2011/2196 (INI).

(258) Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Qafas SIEĠ tal-2011, GEASAR tirrimarka li:

(a) il-kumpens kien ingħata għal servizz ġenwin u ddefinit tajjeb ta' interess ekonomiku ġenerali;

(b) ir-responsabbiltà għat-tħaddim tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ġiet fdata lill-impriżi kkonċernati permezz ta' att wieħed jew aktar;

(c) l-ammont ta' kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispiża netta għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku, inkluż profitt raġjonevoli.

5.3.2. KUMMENTI PPROVDUTI DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-LINJI GWIDA DWAR L-AVJAZZJONI TAL-2014 GĦALL-MIŻURI INKWISTJONI

(259) GEASAR tirrimarka li l-għajnuna allegata inkwistjoni ngħatat qabel l-4 ta' April 2014 u li t-Taqsima 8.6 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 tiċċara d-data li minnha l-kriterji ta' kompatibilità stipulati fiha għandhom jiġu applikati. Il-Kummissjoni għalhekk trid tapplika l-prinċipju stabbilit fil-punt 172 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni għall-każijiet kollha li jikkonċernaw l-għajnuna operatorja (notifiki pendenti u għajnuna illegali mhux notifikata) lill-ajruporti, anke jekk l-għajnuna ngħatat qabel l-4 ta' April 2014. It-Taqsima 5 tal-Linji Gwida tistipula wkoll il-kriterji ta' kompatibilità għal għajnuna operatorja qabel l-4 ta' April 2014. Min-naħa l-oħra, il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 ma japplikawx għall-investiment u għajnuna għat-tnedija mogħtija bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat qabel l-4 ta' April 2014. Il-Kummissjoni trid tapplika għal dawn it-tipi ta' għajnuniet *"ir-regoli fis-seħħ fil-mument meta ngħatat l-għajnuna"* (il-punti 173u 174 tal-Linji Gwida).

(260) GEASAR tirreferi għall-kummenti li ssottomettiet lill-Kummissjoni fl-1 ta' Lulju 2013 sabiex turi li hi ma rċeviet l-ebda għajnuna mill-Istat. Madankollu, jekk il-Kummissjoni xorta tasal għall-konklużjoni li l-finanzjament pubbliku mħallas skont il-Liġi 10/2010 jikkwalifika bħala għajnuna operattiva li tagħha GEASAR S.p.A. kienet effettivament il-benefiċjarju, l-operatur tal-ajruport isostni li kwalunkwe għajnuna mogħtija tissodisfa l-kriterji ta' kompatibilità stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

(261) GEASAR tinnota li taħt il-punt 137 tal-Linji Gwida *"għajnuna operatorja mogħtija qabel il-bidu tal-perjodu tranżizzjonali"*, inkluża għajnuna mħallsa qabel l-4 ta' April 2014, *"tista' tiġi ddikjarata kuompatibbli"* skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, *"għall-ispejjeż kollha operatorji mhux koperti"*. Kundizzjoni oħra biex tali għajnuna tkun kompatibbli hija li:

(a) *"il-kundizzjonijiet fit-Taqsima 5.1.2 jkunu ssodisfati, bl-eċċezzjoni tal-punti 115, 119, 121, 122, 123, minn 126 sa 130, 132, 133 u 134"*;

(b) b'mod partikolari, "*distorsjonijiet tal-kompetizzjoni*" se jiġu kkunsidrati.

(262) GEASAR temmen li l-kundizzjonijiet ta' kompatibilità stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 ġew issodisfati.

5.3.2.1. ***Kontribuzzjoni għal objettiv definit sewwa ta' interess komuni (il-punti 113 u 114 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014)***

(263) GEASAR tosservva li kwalunkwe għajnuna operatorja skont il-Liġi 10/2010 bla dubju kkontribwixxiet għall-"*kisba ta' objettiv ta' interess komuni*". Dan huwa kkonfermat mill-objettivi ta' "tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-komunità ta' referenza" li r-Reġjun kien beħsiebu jsegwi permezz tal-adozzjoni tal-Liġi 10/2010. Fil-fatt, il-kontribuzzjoni pubblika mogħtija kienet maħsuba sabiex tippromwovi l-iżvilupp ta' konnessjonijiet bit-titjiriet bejn il-gżira u l-bqija tal-Unjoni u sabiex tnaqqas l-istaġjonalità tagħhom, u għamilitha possibbli li jiġi evitat "*kwalunkwe tfixkil fit-traffiku tal-ajru u l-konnettività*" (il-punt 113)

(264) GEASAR S.p.A. issostni li l-Liġi 10/2010 kkontribwixxiet għaż-"żieda tal-mobbiltà ta' ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi stabbilixxiet punti ta' aċċess għal titjiriet interni tal-Unjoni" (il-punt 113(a)). Hi żżid li l-Liġi 10/2010 "tiffaċilita l-iżvilupp reġjonali" (il-punt 113(c)); fil-fatt, l-ajruport ta' Olbia huwa portal essenzjali għal destinazzjonijiet turistiċi fil-Grigal ta' Sardinja u l-Liġi 10/2010 għenet sabiex tnaqqas l-istaġjonalità tat-traffiku tal-ajru.

5.3.2.2. ***Ħtieġa għal intervent mill-Istat (il-punti 116, 117 u 118 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014)***

(265) Skont GEASAR, dan ir-rekwiżit ukoll huwa ssodisfat, għaliex l-ajruport ta' Olbia jaqa' fil-kategorija msemmija fil-punt 118 tal-Linji Gwida, jiġifieri ajruporti li mhumiex kapaċi jkopru l-ispejjeż operatorji tagħhom. Aktar speċifikament, l-ajruport ta' Olbia jaqa' taħt l-intestatura (d), "*ajruporti bi traffiku tal-passiġġieri annwali minn miljun sa tliet miljun ruħ*". Fl-2013 it-traffiku tal-passiġġieri kummerċjali ammonta għal 1 950 615 passiġġier.

5.3.2.3. ***L-adegwatezza tal-għajnuna mill-Istat bħala strument ta' politika (il-punt 120 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014)***

(266) GEASAR temmen li ma kienx hemm strumenti ta' politika jew strumenti ta' għajnuna anqas distorsivi li kienu jagħmluha possibbli li jintlaħaq l-istess objettiv, li kien biex jiġu żgurati konnessjonijiet bl-ajru lejn il-Majjistral ta' Sardinja, li dak iż-żmien kienu primarjament ikkonċentrati fil-perjodu tas-sajf, u għalhekk jgħinu sabiex jingħeleb n-nuqqas fl-iżvilupp li jaffettwa ż-żona bħala konsegwenza tal-lokazzjoni periferika u l-iżolazzjoni tagħha. Kwalunkwe għajnuna li waslet intużat sabiex iżżomm u tiżviluppa traffiku kummerċjali, filwaqt li tiżgura konnessjonijiet tajbin bejn Stati Membri differenti.

5.3.2.4. ***L-eżistenza tal-effett ta' inċentiv (il-punt 124 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014).***

(267) GEASAR tirrimarka li kwalunkwe għajnuna mogħtija lilha skont il-Liġi 10/2010 kienet, fi kwalunkwe każ, strettament użata sabiex tippermetti l-iżvilupp ta' volumi ta' traffiku u ta' attività tal-ajruport, li huma kkunsidrati li huma konsistenti mal-objettivi ta' interess ġenerali segwiti. Fl-assenza ta' intervent pubbliku, dawn l-għanijiet ma kinux jintlaħqu u l-ajruport ta' Olbia kien iġarrab tnaqqis sinifikanti fil-livell ta' attività tiegħu matul is-sena.

5.3.2.5. ***Il-proporzjonalità tal-ammont ta' għajnuna (għajnuna limitata għall-minimu neċessarju) (il-punt 125 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014)***

(268) Dwar dan il-punt, l-operatur tal-ajruport jirreferi għall-elementi rilevanti diġà disponibbli għall-Kummissjoni u jirrimarka li l-fondi pubbliċi mogħtija huma maħsuba sabiex jirrimborżaw lill-operatur għal spejjeż fil-fatt imġarrba b'rabta mal-inizjattivi implimentati skont il-Liġi 10/2010.

5.3.2.6. ***Il-prevenzjoni ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ (il-punt 131 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014)***

(269) GEASAR tosserva li kwalunkwe għajnuna operatorja ma affettwat bl-ebda mod il-kompetizzjoni. L-operatur jinnota li minħabba l-lokazzjoni ġeografika tiegħu, l-ajruport ta' Olbia jeżerċita operat fi ġżira b'ambitu ġeografikament limitat, mhux espost għall-kompetizzjoni ta' ajruporti nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn. Barra minn hekk, minħabba l-karatteristiċi tiegħu, mhuwiex f'kompetizzjoni anke ma' ajruporti oħrajn f'Sardinja. Barra minn hekk, l-ajruport ta' Olbia ma jikkompetix ma' mezzi alternattivi ta' trasport.

(270) GEASAR fl-aħħar tirrimarka li, għal darba oħra f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ajruport ta' Olbia huwa "*miftuħ għall-utenti potenzjali kollha u (…) mhux apposta għal utent speċifiku wieħed*". Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-kumpanija temmen li kwalunkwe għajnuna operatorja mogħtija skont il-Liġi 10/2010 hija kompatibbli bis-sħiħ mal-kriterji fil-punt 5.1.2. tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 u għalhekk għandha tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

5.4. *KUMMENTI MINN SOGEAAL S.P.A. (L-OPERATUR TAL-AJRUPORT TAL-AJRUPORT TA' ALGHERO)*

5.4.1. KUMMENTI DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

(271) SOGEAAL tisħaq li l-lokazzjoni tal-ajruport ta' Alghero f'reġjun ġżira bħal Sardinja jfisser li:

(a) L-ajruport ta' Alghero ma jistax jitqies li qed jikkoinċidi ma' ajruporti fi Stati Membri oħrajn jew fl-Italja kontinentali;

(b) L-ajruport ta' Alghero mhuwiex f'kompetizzjoni mal-ajruporti l-oħrajn tal-ġżira (b'mod partikolari l-ajruport Mario Mameli f'Cagliari-Elmas u l-ajruport ta' Olbia-Costa Smeralda). It-tliet ajruporti ta' Sardinja ma jistgħux jitqiesu li huma reċiprokament sostitwibbli, għaliex għandhom żoni ta' kummerċ differenti. Ir-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' sostitwibbiltà tagħhom huma: it-topografija tal-ġżira, il-preżenza mifruxa tal-popolazzjoni fit-territorju, id-distanzi twal bejniethom u n-nuqqas ta' konnessjonijiet tat-toroq veloċi bejn iż-żoni differenti tal-ġżira.

(272) Barra minn hekk, it-traffiku tal-ajru fl-ajruport ta' Alghero mhuwiex f'kompetizzjoni ma' mezzi ta' trasport oħrajn minn u lejn Sardinja. L-unika alternattiva għall-ilħuq ta' Sardinja bl-ajru huwa bil-baħar, iżda b'ħin ta' vvjaġġar ħafna itwal.

5.4.1.1. ***L-azzjonijiet meħudin minn SOGEAAL sabiex timplimenta l-Liġi 10/2010***

(273) SOGEAAL issottomettiet pjanijiet ta' azzjoni għall-2010 u għall-perjodu ta' tliet snin 2011-2013 lir-Reġjun, flimkien mal-applikazzjonijiet ta' finanzjament rispettivi. Ir-Reġjun approva l-allokazzjoni ta' finanzjament għal dawn il-perjodi, b'Deċiżjonijiet Nru 43/37 tas-6 ta' Diċembru 2010 u Nru 52/117 tat-23 ta' Diċembru 2011.

(274) SOGEAAL ikkunsidrat li, meta implimentat attivitajiet 1, 2 u 3 previsti mil-Liġi 2010, hi qieset il-prospetti ta' profittabbiltà stmati fil-pjan ekonomiku finanzjarju.

Attività 1

(275) Wara li ppubbliċizzat l-intenzjoni tagħha li tikkonkludi kuntratti għall-iżvilupp ta' rotot skont il-Liġi 10/2010, SOGEAAL ikkonkludiet ftehimiet ma' Ryanair u ma' easyJet, għas-snin 2010-2013, skont liema, il-linji tal-ajru aċċettaw li jilħqu ċerti miri tat-traffiku, u meta jilħquhom huma jirċievu mingħand SOGEAAL, f'isem ir-Reġjun, ċertu ammont ta' flus permezz ta' ħlas għal eżitu pożittiv.

Attività 2

(276) L-operatur tal-ajruport ippubblika fuq is-sit web tiegħu l-intenzjoni tiegħu li jikkonkludi kuntratti kummerċjali u ta' reklamar skont il-Liġi 10/2010. SOGEAAL imbagħad ikkonkludiet kuntratti kummerċjali u ta' reklamar ma' AMS, Meridiana, Alitalia u WizzAir. Il-kuntratti kienu bbażati fuq il-prerekwiżit li l-linji tal-ajru kkonċernati operaw ċerti rotot domestiċi jew tal-UE minn u lejn Alghero. Dak ir-rekwiżit kien marbut mal-promozzjoni ta' Sardinja bħala destinazzjoni turistika mil-linji tal-ajru.

(277) L-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' promozzjoni tad-destinazzjoni li jwettqu t-trasportaturi bl-użu tal-kontribuzzjoni pprovduta skont il-kuntratt, jinkludu: (i) reklamar "klassiku" (jiġifieri, fil-belt, fil-midja, f'rivisti ta' fuq l-ajruplani, eċċ) u (ii) reklamar "onlajn" fuq is-sit web tat-trasportatur.

Attività 3

(278) SOGEAAL fdat lil partijiet terzi, f'isem ir-Reġjun, għadd ta' inizjattivi sabiex jippromwovu lil Sardinja bħala destinazzjoni, inkluż il-ħolqien ta' sit web li jippromwovi t-turiżmu f'Sardinja, kampanji ta' reklamar klassiku u onlajn, u l-promozzjoni tad-destinazzjoni permezz tal-offerta ta' pakketti ta' vvjaġġar minn aġenziji turistiċi.

Flussi finanzjarji

(279) Il-ħlas għall-azzjonijiet imwettqa taħt attivitajiet 1, 2 u 3 huwa magħmul fil-forma ta' avvanz mill-operaturi tal-ajruport lil-linji tal-ajru u lill-fornituri tas-servizzi l-oħrajn ikkonċernati. SOGEAAL issottomettiet ir-rapporti tal-attivitajiet implimentati fil-perjodu 2010-2012, bl-ispejjeż effettivament imġarrba, lir-Reġjun. Ir-Reġjun imbagħad irid jirrimborża s-somom magħmula mill-operatur tal-ajruport.

(280) L-akbar parti tal-fondi mħallsa mir-Reġjun skont il-Liġi 10/2010 hija marbuta ma'l-attivitajiet 1 u 2, li jkopru l-ħlasijiet ta' SOGEAAL lil-linji tal-ajru permezz ta' korrispettiv skont kuntratti kummerċjali u ta' reklamar, kif muri fit-Tabella 12.

Tabella 12

Flussi finanzjarji mill-ajruport ta' Alghero

(EUR)

	2010	2011	2012	TOTAL
attività 1	(…)	(…)	(…)	(…)
attività 2	(…)	(…)	(…)	(…)
attività 3	—	(…)	(…)	(…)

(EUR)

	2010	2011	2012	TOTAL
Total irrapportat mill-operatur tal-ajruport lir-Reġjun	8 517 962	9 041 162	9 062 413	26 621 538
Dritt għal kontribuzzjonijiet skont il-Liġi 2010	8 517 962	9 041 162	9 062 413	26 621 538
Kontribuzzjonijiet totali skont il-Liġi 2010 rimborżati lill-operatur tal-ajruport	8 517 962	9 041 162	9 062 413	26 621 538

5.4.1.2. ***Valutazzjoni skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat***

(281) SOGEAAL mhijiex effettivament il-benefiċjarju tal-attivitajiet 1, 2 u 3. SOGEAAL tallega li d-Deċiżjoni tal-Ftuħ kien fiha żball għaliex inkludiet lil SOGEAAL hija fost il-benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat prevista mil-Liġi 10/2010.

(282) SOGEAAL ma kinitx il-benefiċjarju tal-vantaġġ ekonomiku li rriżulta mill-għajnuna: il-kontribuzzjonijiet mogħtija mir-Reġjun skont il-Liġi 10/2010 kienu sempliċiment "mgħoddija" mill-operaturi tal-ajruport lill-benefiċjarji aħħarin, jiġifieri l-linji tal-ajru li joperaw konnessjonijiet bl-ajru fl-ajruporti li qed jiġu eżaminati. Dan japplika wkoll għall-promozzjoni turistika ta' Sardinja kkummissjonata mill-operaturi tal-ajruport minn kumpaniji oħrajn.

(283) Skont SOGEAAL, il-kumpens mogħti skont il-Liġi 10/2010 ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Tlieta mill-erba' kundizzjonijiet għall-identifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) mhumiex issodisfati, Attivitajiet 1, 2 u 3 ma jaffettwawx in-negozju u ma jxekklux il-kompetizzjoni: minħabba l-lokazzjoni partikolari tiegħu, l-ajruport ta' Alghero jopera fuq livell lokali, mingħajr ma jikkompeti ma' ajruporti nazzjonali jew Ewropej oħrajn. L-immaniġġjar, minkejja li parzjali, tal-ajruport ta' Alghero kien assenjat lil SOGEAAL fl-1989, jiġifieri ferm qabel is-sentenza fl-*Aéroport de Paris* tat-12 ta' Diċembru 2000, li estendiet l-applikabbiltà ta' regoli tal-għajnuna mill-Istat għall-operazzjoni ta' ajruporti.

(284) Attivitajiet 1, 2 u 3 ma jagħtu l-ebda vantaġġ ekonomiku. SOGEAAL tikkunsidra li l-fondi previsti mil-Liġi 10/2010 huma konsistenti mal-MEIP: l-amonti mħallsa mir-Reġjun, fir-rigward tat-tliet attivitajiet kollha jikkonsistu f'korrispettiv għal servizz imwettaq u spejjeż fil-fatt imġarrba minn partijiet terzi. SOGEAAL tinnota wkoll li l-korrispettiv mħallas lil-linji tal-ajru (attività 2) u lill-forniturі tas-servizz l-oħrajn (attività 3) huwa konsistenti ma' prezzijiet tas-suq attwali.

(285) Il-finanzjament mogħti mir-Reġjun skont il-Liġi 10/2010 iġġenera redditu finanzjarju għar-Reġjun fuq perjodu medju/twil. L-ammont miksub mir-Reġjun fir-rigward ta' redditu akbar mit-taxxa jista' jitqies li huwa ogħla mill-ispejjeż imġarrba mir-Reġjun fil-finanzjament tal-attivitajiet li qed jiġu eżaminati. Is-self mogħti minn SFIRS tħallas ukoll taħt il-kundizzjonijiet tas-suq.

(286) SOGEAAL tikkonkludi li l-kontribuzzjonijiet skont il-Liġi 10/2010 ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

5.4.1.3. ***Valutazzjoni tal-kompatibilità skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat***

(287) Fl-alternattiva, SOGEAAL issostni li, fi kwalunkwe każ, il-kontribuzzjonijiet imħallsa skont il-Liġi 10/2010 huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Il-kompatibilità trid tiġi vvalutata skont il-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 ([92]):

(a) l-għajnuna titħallas lil linji tal-ajru b'liċenzja operattiva valida maħruġa minn Stat Membru skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008;

(b) il-finanzjament inkwistjoni kien immirat sabiex inaqqas l-istaġjonalità tat-traffiku bl-ajru u b'mod adegwat dan ippromwova l-ftuħ ta' rotot jew skedi ġodda, u ma kienx jikkonċerna linji tal-ajru soġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008;

([92]) Il-kriterji inkwistjoni ġew eżaminati mill-Kummissjoni fil-punt 133 *et seq* tad-"Deċiżjoni tal-Ftuħ".

(c) għal-linji tal-ajru kkonċernati, il-konnessjoni ssussidjata kienet profittabbli;

(d) l-inizjattivi skont il-Liġi 10/2010 ġew ippubbliċizzati adegwatament fost il-linji tal-ajru varji interessati li joffru s-servizzi tagħhom;

(e) il-kuntratti jinkludu sistema ta' penali li jiġu attivati minn xi nuqqas ta' linja tal-ajru li tikkonforma mal-impenji tagħha mal-ajruport.

(288) SOGEAAL tinnota li s-sussidji mħallsa skont il-Liġi 10/2010 huma mogħtija lil-linji tal-ajru għal perjodu ftit itwal (erba' snin minflok tlieta) u huma ta' intensità akbar minn dik permessa mil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, iżda żżid li mhux il-kuntratti kollha konklużi mal-linji tal-ajru għandhom it-tul ta' żmien stabbilit fil-Liġi 10/2010; tisħaq li l-aktar importanti l-Linji Gwida jippermettu derogi mill-kriterji ta' intensità li hemm għall-każijiet ta' reġjuni assistiti u ekonomikament żvantaġġjati bħal Sardinja.

(289) L-attivitajiet li qed jiġu eżaminati huma adatti sabiex jinċentivaw il-miri ta' żvilupp konsistenti mal-interessi tal-Unjoni, u ma jaffettwawx in-negozju bejn Stati Membri fuq livell li jmur kontra l-interess komuni. F'dan ir-rigward, SOGEAAL tirreferi għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-futur ta' ajruporti reġjonali u servizzi tal-ajru fl-UE, li saħqet fuq l-importanza ta' ajruporti reġjonali fl-Unjoni.

(290) SOGEAAL temmen li valutazzjoni tal-kompatibilità tal-miżuri li qed jiġu eżaminati mas-suq intern għandha tikkunsidra r-rwol ewlieni li għandu l-ajruport ta' Alghero fl-iżgurar tal-kontinwità territorjali ta' reġjun ġżira bħal Sardinja.

5.4.1.4. ***Valutazzjonijiet skont l-Artikolu 106 tat-Trattat***

(291) SOGEAAL tinnota li l-ammonti mħallsa skont il-Liġi 10/2010 ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat abbażi tal-kriterji ta' Altmark u, lanqas li kieku, xorta kienu jkunu kompatibbli skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat.

L-issodisfar tal-kriterji ta' Altmark

(292) Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni f'Altmark, SOGEAAL tirrimarka li l-attivitajiet li qed jiġu eżaminati huma parti mill-politika ġeografika u ta' trasport usa' tar-Reġjun imfassla sabiex tiżgura minimu ta' konnessjonijiet bl-ajru bejn il-ġżira u l-bqija tal-Unjoni, li jkopru s-sena kollha.

(293) Skont SOGEAAL, it-tieni u t-tielet kundizzjonijiet f'Altmark huma ssodisfati: il-parametri li abbażi tagħhom il-kumpens huwa kkalkolat ġew stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti, u ma hemmx riskju ta' kumpens żejjed ladarba SOGEAAL ġiet rimborżata biss parzjalment għall-ispejjeż imġarrba.

(294) L-ispejjeż ikkunsidrati ġew imġarrba minn impriżi privati, immexxija b'mod tajjeb, għalhekk ir-raba' kundizzjoni ta' Altmark ukoll hija ssodisfata.

Kompatibilità skont l-Artikolu 106(2) tat-Trattat

(295) SOGEAAL tikkunsidra li din il-kompatibilità għandha tiġi vvalutata fid-dawl tad-Deċiżjoni SIEĠ tal-2005 u, bħala alternattiva, fid-dawl tal-Qafas SIEĠ tal-2011, *mutatis mutandis*.

(296) SOGEAAL tinnota li l-limitu stipulat fl-Artikolu 2(1)(a)tad-Deċiżjoni SIEĠ tal-2005 huwa ssodisfat fis-sens li l-ammont tal-kontribuzzjoni pubblika kien madwar EUR 4 miljun fis-sena, u l-fatturat ta' SOGEAAL kien anqas minn EUR 100 miljun. Il-kundizzjonijiet fl-Artikoli 4, 5 u 6 tad-Deċiżjoni SIEĠ tal-2005 ukoll huma ssodisfati.

(297) Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Qafas SIEĠ tal-2011, SOGEAAL tirrimarka li:

(a) il-kumpens kien ingħata għal servizz ġenwin u ddefinit tajjeb ta' interess ekonomiku ġenerali;

(b) ir-responsabbiltà tat-tħaddim tas-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali għandha tiġi fdata lill-impriżi kkonċernati permezz ta' att uffiċjali wieħed jew aktar;

(c) l-ammont ta' kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispiża netta għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku, inkluż profitt raġjonevoli.

5.4.2. KUMMENTI PPROVDUTI DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-LINJI GWIDA DWAR L-AVJAZZJONI TAL-2014 GĦALL-MIŻURI INKWISTJONI

(298) SOGEAAL tirrimarka li l-għajnuna allegata inkwistjoni ngħatat qabel l-4 ta' April 2014 u li t-Taqsima 8.6 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 tiċċara d-data li minnha l-kriterji ta' kompatibilità stipulati fiha għandhom jiġu applikati. Il-Kummissjoni għalhekk trid tapplika l-prinċipju stabbilit fil-punt 172 tal-Linji Gwida għall-każijiet kollha li jikkonċernaw l-għajnuna operatorja (notifiki pendenti u għajnuna illegali mhux notifikata) lill-ajruporti, anke jekk l-għajnuna ngħatat qabel l-4 ta' April 2014. It-Taqsima 5 tal-Linji Gwida tistipula wkoll il-kriterji ta' kompatibilità għal għajnuna mill-Istat qabel l-4 ta' April 2014. Min-naħa l-oħra, il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 ma japplikawx għal investiment u għajnuna għat-tnedija mogħtija bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat qabel l-4 ta' April 2014. Il-Kummissjoni trid tapplika għal dawn it-tipi ta' għajnuna *"r-regoli fis-seħħ fil-mument meta ngħatat l-għajnuna"* (il-punti 173 u 174 tal-Linji Gwida).

(299) SOGEAAL tirreferi għall-kummenti li ssottomettiet lill-Kummissjoni fid-29 ta' Lulju 2013 sabiex turi li hi ma rċeviet l-ebda għajnuna mill-Istat. Madankollu, jekk il-Kummissjoni xorta tasal għall-konklużjoni li l-finanzjament pubbliku mħallas skont il-Liġi 10/2010 jikkwalifika bħala għajnuna operattiva li tagħha SOGEAAL kienet il-benefiċjarju attwali, l-operatur tal-ajruport isostni li kwalunkwe għajnuna mogħtija tissodisfa l-kriterji ta' kompatibilità stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

(300) SOGEAAL tinnota li taħt il-punt 137 tal-Linji Gwida *"għajnuna operatorja mogħtija qabel il-bidu tal-perjodu tranżizzjonali"*, inkluża għajnuna mħallsa qabel l-4 ta' April 2014, *"tista' tiġi ddikjarata kompatibbli"* skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, *"għall-ispejjeż operatorji kollha mhux koperti"*. Kundizzjoni oħra biex tali għajnuna tkun kompatibbli hija li:

(a) *"il-kundizzjonijiet fit-Taqsima 5.1.2 jiġu ssodisfati, bl-eċċezzjoni tal-punti 115, 119, 121, 122, 123, minn 126 sa 130, 132, 133 u 134"*;

(b) b'mod partikolari, "*distorsjonijiet tal-kompetizzjoni*" se jittieħdu inkonsiderazzjoni.

(301) SOGEAAL temmen li l-kundizzjonijiet ta' kompatibilità kollha stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 huma ssodisfati u tinnota li fit-8 ta' Mejju 2014 hi kienet diġà ssottomettiet kumenti dwar il-kompatibilità mal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 fil-proċedura SA.23098-*Aeroporto di Alghero*.

5.4.2.1. ***Kontribuzzjoni għal objettiv iddefinit sewwa ta' interess komuni (il-punti 113 u 114 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014)***

(302) SOGEAAL tinnota li kwalunkwe għajnuna operatorja skont il-Liġi 10/2010 bla dubju kkontribwixxiet għall-"*ilħuq ta' objettiv ta' interess komuni*". Dan huwa kkonfermat mill-objettivi ta' "tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-komunità ta' referenza" li r-Reġjun kien beħsiebu jsegwi permezz tal-adozzjoni tal-Liġi 10/2010. Fil-fatt, il-kontribuzzjoni pubblika mogħtija kienet maħsuba sabiex tippromwovi l-iżvilupp ta' konnessjonijiet bit-titjiriet bejn il-gżira u l-bqija tal-Unjoni u sabiex tnaqqas l-istaġjonalità tagħhom, u għamilitha possibbli li jiġi evitat "*kwalunkwe tfixkil fit-traffiku tal-ajru u l-konnettività*" (punt 113).

(303) SOGEAAL issostni li l-Liġi 10/2010 fil-fatt għenet għaż-"żieda tal-mobbiltà ta' ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi stabbilixxiet punti ta' aċċess għal titjiriet interni tal-Unjoni" (il-punt 113(a)).

(304) L-istess operatur iżid li l-Liġi 10/2010 "*ffaċilitat l-iżvilupp reġjonali*" (il-punt 113(c)); dan huwa partikolarment minnu fir-rigward taż-żona ta' kummerċ tal-ajruport ta' Alghero, tal-Majjistral ta' Sardinja, li ssofri minn dewmien evidenti fl-iżvilupp.

5.4.2.2. ***Ħtieġa għal intervent mill-Istat (il-punti 116, 117 u 118 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014)***

(305) Skont SOGEAAL, dan ir-rekwiżit ukoll huwa ssodisfat, għaliex l-ajruport ta' Alghero jaqa' fil-kategorija msemmija fil-punt 118 tal-Linji Gwida, jiġifieri l-ajruporti li mhumiex kapaċi jkopru l-ispejjeż tal-operat tagħhom. Aktar speċifikament, l-ajruport ta' Alghero jaqa' taħt l-intestatura (d), "*ajruporti bi traffiku tal-passiġġieri annwali ta' 1-3 miljun*".

5.4.2.3. ***L-adegwatezza tal-għajnuna mill-Istat bħala strument ta' politika (il-punt 120 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014)***

(306) SOGEAAL temmen li ma kienx hemm strumenti ta' politika jew strumenti ta' għajnuna anqas distorsivi li kienu jagħmluha possibbli li jintlaħaq l-istess objettiv, li kien biex jiġu żgurati konnessjonijiet bl-ajru għall-Majjistral ta' Sardinja, li dak iż-żmien kienu primarjament ikkonċentrati fil-perjodu tas-sajf, u għalhekk jgħinu sabiex jingħeleb in-nuqqas fl-iżvilupp li jaffettwa ż-żona bħala konsegwenza tal-lokazzjoni periferika u l-iżolament tagħha. Kwalunkwe għajnuna li waslet intużat sabiex iżżomm u tiżviluppa traffiku kummerċjali, filwaqt li tiżgura konnessjonijiet tajbin bejn Stati Membri differenti.

5.4.2.4. ***L-eżistenza tal-effett ta' inċentiv (il-punt 124 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014).***

(307) SOGEAAL tirrimarka li kwalunkwe għajnuna mogħtija lilha skont il-Liġi 10/2010 kienet, f'kull każ, strettament użata sabiex tippermetti l-iżvilupp ta' volumi ta' traffiku u ta' attività fl-ajruport, li huma kkunsidrati li huma konsistenti mal-objettivi ta' interess ġenerali segwiti. Fin-nuqqas ta' intervent pubbliku, dawn l-għanijiet ma kinux jintlaħqu u l-ajruport ta' Alghero kien iġarrab tnaqqis sinifikanti fil-livell ta' attività tiegħu matul is-sena.

5.4.2.5. ***Il-proporzjonalità tal-ammont ta' għajnuna (għajnuna limitata għall-minimu neċessarju) (il-punt 125 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014)***

(308) Dwar dan il-punt, l-operatur tal-ajruport jirreferi għall-elementi rilevanti diġà disponibbli għall-Kummissjoni u jirrimarka li l-fondi pubbliċi mogħtija huma maħsuba sabiex jirrimborżaw lill-operatur għal spejjeż fil-fatt imġarrba b'rabta mal-inizjattivi implimentati skont il-Liġi 10/2010.

5.4.2.6. ***Il-prevenzjoni ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ (il-punt 131 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014)***

(309) SOGEAAL tosserva li kwalunkwe għajnuna operatorja ma affettwa bl-ebda mod il-kompetizzjoni. L-operatur jinnota li minħabba l-lokazzjoni ġeografika tiegħu, l-ajruport ta' Alghero huwa operazzjoni ta' gżira b'ambitu ġeografikament limitat, mhux espost għall-kompetizzjoni ta' ajruporti nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn. Barra minn hekk, minħabba l-karatteristiċi tiegħu, mhuwiex f'kompetizzjoni anke ma' ajruporti oħrajn f'Sardinja. Barra minn hekk, l-ajruport ta' Alghero ma jikkompetix ma' mezzi alternattivi ta' trasport.

(310) SOGEAAL fl-aħħar tirrimarka li, għal darba oħra f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ajruport ta' Alghero huwa "*miftuħ għall-utenti potenzjali kollha u (…) mhux apposta għal utent speċifiku wieħed*". Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-kumpanija temmen li kwalunkwe għajnuna operatorja mogħtija skont il-Liġi 10/2010 hija kompatibbli bis-sħiħ mal-kriterji fil-punt 5.1.2. tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 u għalhekk għandha tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

5.5. *KUMMENTI MINN SOGAER (OPERATUR TAL-AJRUPORT TA' CAGLIARI)*

5.5.1. KUMMENTI DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ

(311) SOGAER ma taqbilx mal-approċċ meħud mill-Kummissjoni meta tidher li tapplika l-prinċipju *Altmark* għal SOGAER minflok għat-trasportaturi: Ir-Reġjun qatt ma saqsa lil SOGAER sabiex twettaq xi servizz ta' interess ġenerali. SOGAER temmen li r-Reġjun ma kienx kapaċi jipproduċi xi dokument li jagħti deskrizzjoni ċara tal-obbligi tas-servizz pubbliku imposti mill-ajruporti preċiżament minħabba li l-allegati obbligi qatt ma ttieħdu bħala obbligi.

5.5.1.1. ***Identifikazzjoni żbaljata tal-benefiċjarji***

(312) SOGAER ma taqbilx mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Kummissjoni li SOGAER hija benefiċjarju ta' għajnuna mill-Istat skont il-Liġi 10/2010. SOGAER hija tal-fehma li l-iskema ta' għajnuna li qed tiġi investigata ma tikkostitwixxix għajnuna operatorja għal SOGAER jew kumpens imħallas lil SOGAER għal servizz mitlub mir-Reġjun, jiġifieri l-għażla tal-linji tal-ajru li kapaċi jilħqu miri annwali msemmija għall-frekwenza u volum tal-passiġġieri f'rotot strateġiċi lejn u mill-ajruport ta' Cagliari.

(313) SOGAER targumenta li taħt dik l-iskema, ir-Reġjun jipprovdi kumpens li huwa sempliċiment mgħoddi minn SOGAER, bħala parti minn pjan deċiż, iffinanzjat u mmonitorjat mir-Reġjun, u huwa mħallas lil linji tal-ajru talli joperaw rotot ġodda jew jiżviluppaw rotot eżistenti lejn u minn Sardinja. Li kieku ma nfetħet l-ebda rotta ġdida jew l-ebda rotta eżistenti ma twessgħet, SOGAER ma kienet tirċievi l-ebda ħlas għas-servizz ipprovdut.

(314) SOGAER tiġbed l-attenzjoni għall-obbligu ta' kontabbiltà li ġie impost fuqha: ir-Reġjun irrimborża lil SOGAER għall-fondi li din għaddiet lil linji tal-ajru biss wara li r-Reġjun aċċetta l-kontijiet ta' SOGAER, li kellhom juru li l-linji tal-ajru kienu rċevew it-total sħiħ tal-kontribuzzjonijiet reġjonali. SOGAER issostni, għalhekk, li ma kinitx benefiċjarju tal-għajnuna inkwistjoni u li mhuwiex korrett li jissemma' appoġġ finanzjarju mogħti mir-Reġjun lil SOGAER. SOGAER mhijiex konxja ta' xi preċedent dwar konstatazzjoni tal-Kummissjoni li parti hija benefiċjarju ta' għajnuna mill-Istat meta r-rwol tagħha jkun limitat li tgħaddi lil partijiet terzi r-riżorsi pubbliċi li rċeviet. Is-servizz li għalih ir-Reġjun kien qed iħallas il-kumpens kien ipprovdut mil-linja tal-ajru u mhux mill-operatur tal-ajruport. SOGAER iżżid li l-ħlas bil-quddiem mogħti minn SFIRS ma kien jinvolvi l-ebda element ta' għajnuna mill-Istat. Kien self li pproduċa interessi bit-termini tas-suq.

5.5.1.2. ***Flussi finanzjarji***

(315) Il-ħlas ta' attivitajiet 2 u 3 huwa mħallas mill-operatur tal-ajruport lil-linji tal-ajru u lill-fornituri l-oħrajn ikkonċernati. SOGEAAL issottomettiet rapporti tal-attivitajiet implimentati fil-perjodu 2010–2012 lir-Reġjun, li juru l-ispejjeż effettivament imġarrba. Ir-Reġjun imbagħad kellu jirrimborża s-somom avvanzati mill-operatur tal-ajruport. Table 13 turi l-flussi finanzjarji relatati.

Tabella 13

Flussi finanzjarji mill-ajruport ta' Alghero

(EUR)

	2010	2011	2012	TOTAL
Attivitajiet 1 u 2	(…)	(…)	(…)	(…)
Attività 3	(…)	(…)	(…)	(…)
Ammont totali mħallas lil-linji tal-ajru	4 537 447	4 941 510	4 262 250	13 741 207
Total irrapportat mill-operatur tal-ajruport lir-Reġjun	4 657 311	4 977 945	4 869 410	14 504 666
Dritt għal kontribuzzjonijiet skont il-Liġi tal-2010	5 000 000	4 777 320	8 405 080	18 182 401
Kontribuzzjonijiet totali skont il-Liġi tal-2010 rimborżati lill-operatur tal-ajruport	4 250 000	4 060 722	0	8 310 722

5.5.1.3. ***Il-benefiċjarji tal-miżuri***

(316) SOGAER hija tal-fehma li l-benefiċjarji effettivi tat-tliet attivitajiet iddefiniti skont il-Liġi 10/2010 kkonsistew mill-industrija tat-turiżmu tal-gżira u indirettament ir-Reġjun stess, bis-saħħa tad-dħul mit-taxxa miżjud li rriżulta mill-espansjoni tat-turiżmu.

(317) Bħala kundizzjoni tal-għotja magħmula lilhom mir-Reġjun, l-ajruporti kienu meħtieġa jgħaddu dak li rċevew sabiex ma jkunux meqjusa l-benefiċjarji effettivi. L-istess japplika għaż-żewġ linji tal-ajru bi prezz baxx ewlenin li joperaw f'Cagliari, Ryanair u easyJet, li t-tnejn li huma kienu kumpaniji barranin megħjunin mir-Reġjun sabiex isegwu objettivi reġjonali.

5.5.1.4. ***Assenza ta' għajnuna mill-Istat***

(318) SOGAER tanalizza l-elementi kostitwenti ta' miżura ta' għajnuna mill-Istat u b'mod partikolari tikkunsidra l-kwistjoni dwar jekk il-ħlas magħmul kienx jagħti vantaġġ kompetittiv jew le. Il-kumpanija tafferma li l-kumpens reġjonali qatt ma kopra aktar minn parti mill-ispejjeż addizzjonali mġarrba mit-trasportaturi sabiex jiftħu rotot ġodda jew jespandu dawk eżistenti. Hi tagħti l-eżempju ta' Ryanair, li għaliha l-kumpens imħallas mir-Reġjun, li ġie mgħoddi minn SOGAER, kopra madwar għaxra fil-mija tal-ispiża stmata għall-operat tar-rotot mitlubin.

(319) SOGAER tenfasizza li l-mekkaniżmu stabbilit jammonta għal soluzzjoni ta' vantaġġ għal kulħadd: il-passiġġieri jistgħu jtiru bi prezzijiet kompetittivi lejn u mill-gżira, filwaqt li r-Reġjun jirċievi dħul addizzjonali ġej mit-turiżmu. L-industrija reġjonali tat-turiżmu u l-ospitalità, il-linji tal-ajru u l-ajruport ukoll jibbenefikaw minħabba f'hekk. SOGAER konsegwentament tikkontesta l-approċċ meħud mill-Kummissjoni, li jidher li jrid ikisser dan iċ-ċirku virtuż.

(320) SOGAER dejjem għażlet trasportaturi wara li ppubblikat stedina fuq is-sit web tagħha. Il-possibbiltà li taqdi lil Cagliari kienet miftuħa għat-trasportaturi interessati kollha skont l-istess termini ekonomiċi. SOGAER targumenta li jekk il-linji tal-ajru inkwistjoni jirnexxilhom jagħmlu profitti akbar minn linji tal-ajru oħrajn, bis-saħħa tal-mudelli ta' negozju speċjali tagħhom, dan ma jistax jiġi attribwit għal għajnuna mill-Istat mogħtija mill-operatur tal-ajruport jew mir-Reġjun. Lanqas ma jistgħu jiġu penalizzati t-trasportaturi għal dan.

(321) Bħala konklużjoni, SOGAER hija tal-fehma li ma hemmx għajnuna mill-Istat, għaliex (i) il-vantaġġ mhux dovut meħtieġ għat-trasportaturi huwa nieqes; (ii) il-prinċipju tal-investitur tal-ekonomija privata huwa ssodisfat, fid-dawl tal-kisbiet għat-teżor reġjonali, li huma akbar min-nefqa skont l-Artikolu 3 tal-Liġi 10/2010; u (iii) l-għajnuna tmur għall-industrija tat-turiżmu u l-ospitalità fuq il-gżira u mhijiex fi skala li jista' jkollha effett fuq il-kummerċ intern tal-UE.

5.5.1.5. ***Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEĠ)***

(322) SOGAER tikkunsidra li l-analiżi tal-Kummissjoni tas-selettività tal-vantaġġ huwa strett wisq. Il-Kummissjoni targumenta li l-Liġi 10/2010 tirreferi mhux għal rotot speċifiċi iżda għall-objettiv ġenerali tal-iżvilupp ta' trasport bl-ajru. Il-Kummissjoni toġġezzjona li dan imur kontra l-ewwel kriterju ta' *Altmark* li tingħata definizzjoni ċara tar-rekwiżiti li l-impriża benefiċjarja trid tissodisfa sabiex tikseb kumpens għal servizz ta' interess ekonomiku ġenerali.

(323) Fil-fehma ta' SOGAER kien ċar mill-kliem tal-leġiżlazzjoni reġjonali li l-kumpens kellu jingħata biss lil linji tal-ajru li fetħu rotot ġodda jew li espandew dawk eżistenti. SOGAER tikkunsidra li bħala objettiv dak l-obbligu huwa preċiż biżżejjed.

(324) L-approċċ tal-Kummissjoni għad-definizzjoni tal-parametri għall-kalkolu tal-kumpens huwa sever b'mod simili. SOGAER targumenta li l-volum ta' kumpens imħallas lit-trasportaturi kien ikkalkolat minn kriterji aktar restrittivi minn dawk stabbiliti mir-Reġjun, u li dan għandu jkun biżżejjed sabiex jissodisfa t-tieni kriterju ta' *Altmark*.

(325) Fir-rigward tat-tielet u r-raba' kriterju ta' *Altmark*, SOGAER tgħid li ppubblikat avviż speċifiku f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-2003, li kien segwit f'Ġunju u Awwissu tal-istess sena minn riklam fil-gazzetta Ewropea ewlenija ta' kuljum. L-ebda trasportatur bl-ajru ma ppreżenta ruħu, u SOGAER ippubblikat avviż permanenti fuq is-sit web tagħha. SOGAER dejjem evitat kull forma ta' kumpens żejjed għas-servizzi mitluba, anke fejn kien hemm biss trasportatur wieħed interessat u l-marġni ta' SOGAER għan-negozjati kien konsegwentement aktar strett.

(326) SOGAER mhijiex konxja ta' xi att legali li bih ir-Reġjun ta lil operaturi tal-ajruport il-kompitu li jwettqu obbligu ta' servizz pubbliku. L-isforzi tal-Kummissjoni li tistabbilixxi jekk il-livell ta' kumpens mogħti lill-operaturi tal-ajruport kienx proporzjonat jew le għalhekk huma kkundanati li jfallu.

5.5.1.6. ***Il-prinċipju ta' investitur tal-ekonomija privat u l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014***

(327) SOGAER tgħid li hi ġabet ruħha, fil-konfront tal-linji tal-ajru bi prezz baxx, b'mod partikolari Ryanair, bl-istess mod li ġabu ruħhom l-ajruporti taħt ġestjoni privata. B'appoġġ ta' din l-affermazzjoni hi tirreferi għar-rapport tad-ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isem Ryanair tat-28 ta' Ġunju 2013.

(328) Hi targumenta li ħafna mill-kriterji ta' kompatibilità stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 huma sostanzjalment issodisfati fil-każ inkwistjoni: (i) SOGAER immaniġġjat l-għajnuna jew il-kumpens għall-ftuħ ta' rotot ġodda jew l-espansjoni ta' dawk eżistenti f'isem ir-Reġjun; (ii) il-kumpens irrappreżenta madwar wieħed minn għaxra tal-ispiża medja tal-operat; u (iii) l-linji tal-ajru li jibbenefikaw mill-attivitajiet li qed jiġu vvalutati kollha kellhom liċenzja operattiva valida. SOGAER għalhekk tikkunsidra li jekk il-Linji Gwida huma interpretati fuq linji sostantivi aktar minn dawk formalistiċi jista' jiġi konkluż li l-għajnuna inkwistjoni hija kumpatibbli.

5.5.2. KUMMENTI DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-LINJI GWIDA DWAR L-AVJAZZJONI TAL-2014 GĦALL-MIŻURI INKWISTJONI

(329) SOGAER tosserva li l-eżenzjoni prevista fil-punt 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni għandha tiġi applikata fil-każ tal-ajruport ta' Cagliari anke jekk l-ajruport jaqbeż it-tliet miljun passiġġier. Inkella Cagliari jkun ittrattat b'mod differenti miż-żewġ ajruporti oħrajn ta' Sardinja mħassbin dwar l-attivitajiet li qed jiġu vvalutati.

(330) SOGAER tenfasizza li l-għajnuna inkwistjoni serviet sabiex tkun iffaċilitata l-mobbiltà ta' ċittadini tal-Unjoni lejn u minn Cagliari, filwaqt li żżid b'mod sinifikanti n-numru ta' titjiriet ġewwa l-Unjoni lejn u mill-kapitali tal-ġżira.

(331) Dwar il-ħtieġa ta' intervent min-naħa tar-Reġjun, SOGAER tgħid li mingħajr il-kontribuzzjonijiet reġjonali sabiex jikkumpensaw dak li SOGAER għaddiet lil-linji tal-ajru u fornituri tas-servizzi oħrajn, il-kontijiet ta' SOGAER kienu juru telf. Ma kien hemm l-ebda mod ieħor li bih seta' jintlaħaq l-objettiv ta' titjib ta' konnessjonijiet bejn ir-Reġjun u l-bqija tal-Unjoni li seta' involva anqas distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(332) SOGAER tisħaq li r-Reġjun dejjem żamm l-għajnuna f'minimu, billi ħallas biss għal dawk l-affarijiet li huma mniżżlin kif suppost fir-rendikonti finanzjarji mill-operatur tal-ajruport.

(333) Fir-rigward tal-prevenzjoni ta' effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u n-negozju fl-Unjoni, SOGAER tosserva li l-iskema kienet applikabbli għall-ajruporti reġjonali l-oħrajn kollha, anke jekk kienu f'kompetizzjoni ma' xulxin, b'hekk kien hemm kopertura tad-differenzjali rispettivi bejn l-ispejjeż operatorji u r-redditu.

(334) Fl-aħħar, SOGAER tafferma li jekk il-Kummissjoni għandha tkun tal-fehma li l-iskema li qed tiġi vvalutata tikkostitwixxi għajnuna operatorja għal SOGAER, l-għajnuna għandha, fi kwalunkwe każ, tkun ikkunsidrata kompatibbli mas-suq intern, ladarba hija konformi mal-kriterji u mal-kundizzjonijiet fil-punt 5.1.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni.

6. **OSSERVAZZJONIJIET MILL-ITALJA DWAR IL-KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI**

6.1. *OSSERVAZZJONIJIET MILL-ITALJA DWAR IL-KUMMENTI TA' RYANAIR*

(335) L-awtoritajiet reġjonali ma jaqblux mal-istqarrijiet ta' Ryanair fis-sens li l-ajruporti aġixxew skont l-MEIP fiż-żamma ta' relazzjonijiet kummerċjali ma' linji tal-ajru sabiex iżidu t-traffiku tal-passiġġieri u, konsegwentement, ir-redditu. Fil-verità, il-kumpaniji ta' ġestjoni tal-ajruport aġixxew biss bħala intermedjarji, involuti f'xejn aktar ħlief it-trasferiment ta' riżorsi lil linji tal-ajru.

(336) Skont ir-Reġjun, l-investitur tal-ekonomija tas-suq f'dan ir-rigward kien ir-Reġjun, li kejjel l-investiment fir-rigward tal-impatt ekonomiku pożittiv għat-territorju.

(337) L-Italja pprovdiet nota mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili Nazzjonali Taljana ([93]), li tiddikjara li l-possibbiltà għal ajruporti reġjonali ta' reklamar fuq is-siti web ta' linji tal-ajru bi prezz baxx tirrappreżenta vantaġġ għas-setturi tat-turiżmu u dak kummerċjali, għaliex ajruporti reġjonali ma jibbenefikawx mill-pożizzjonijiet tas-suq ikkonsolidati u l-grad garantit ta' vitalità tal-ajruporti prinċipali.

(338) Kemm l-Italja kif ukoll l-ENAC ma jaqblux mal-istqarrija ta' Ryanair li s-sitwazzjoni f'Sardinja rriżultat minn regoli inadegwati fuq ir-rotot soġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u l-infurzar tagħhom mill-awtoritajiet Taljani. L-Italja tosserva li l-objettiv tal-kontinwità territorjali huwa li jkun żgurat li ċ-ċittadini kollha jistgħu jiċċaqalqu fit-territorju nazzjonali jew tal-Unjoni taħt kundizzjonijiet ugwali fir-rigward tal-kwalità u l-ispejjeż. L-obbligi tas-servizz pubbliku awtorizzati mir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jippermettu lil kwalunkwe trasportatur tal-Unjoni biex jaċċetta t-termini ta' dawn l-obbligi mingħajr kumpens finanzjarju. Jekk l-ebda trasportatur ma jaqbel li jipprovdi s-servizz, issir offerta Ewropea, bi provvediment għal kumpens finanzjarju. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Taljani jenfasizzaw li r-relazzjonijiet kummerċjali mat-trasportaturi jridu jinżammu direttament mill-ajruporti; l-għażla magħmula mill-Istat għall-iżgurar li l-kontinwità territorjali tinżamm permezz ta' obbligi ta' servizz pubbliku hija, madankollu, kwistjoni differenti.

([93]) Ente Nazionale per l'Aviazione Civile — ENAC.

6.2. *OSSERVAZZJONIJIET MILL-ITALJA DWAR IL-KUMMENTI TA' EASYJET*

(339) L-Italja ssottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kummenti mingħand easyJet u d-ditta ta' konsulenza li taġixxi f'isimha. L-Italja ma taqbilx kemm mal-approċċ ġenerali kif ukoll mal-konklużjonijiet imfassla mid-ditta ta' konsulenza fir-rapport tagħha dwar "*Valutazzjoni MEOP ekonomika tal-kuntratti bejn easyJet u l-ajruport ta' Olbia*".

(340) L-Italja tiċħad it-talba ta' easyJet għal tliet raġunijiet:

(a) L-Italja tikkunsidra li l-MEOP m'għandux jiġi applikat għall-ajruport ta' Olbia, minħabba li l-operatur tal-ajruport huwa operatur privat, GEASAR, u mhux wieħed pubbliku skont it-tifsira tar-regoli tal-Unjoni dwar għajnuna mill-Istat. L-għażliet u l-azzjonijiet tiegħu għalhekk huma bbażati fuq kriterji tas-suq, ħlief jekk dawn l-għażliet huma preskritti minn regolamenti pubbliċi *ad hoc*.

(b) F'dan il-każ, madankollu, l-Italja tassumi li, għall-kuntrarju tal-istqarrijiet tad-ditta ta' konsulenza, il-kuntratti kummerċjali inkwistjoni ma ġewx iffirmati minn GEASAR li kienet qed tfittex profittabbiltà allegata iżda mhux eżistenti, iżda biss għax dawn kienu meħtieġa u rregolati minn miżura pubblika speċifika. Il-Liġi 10/2010 b'mod speċjaliġhandha l-għan li tinċentiva t-trasport bl-ajru billi tagħti kontribuzzjonijiet lil-linji tal-ajru. Minn meta ġiet irrevokata l-Liġi 10/2010, dawn l-attivitajiet twaqqfu.

(c) It-tielet, għall-Italja l-kontribuzzjonijiet imħallsa mir-Reġjun lill-operatur tal-ajruport sabiex ikopru l-ispejjeż tal-attivitajiet inkwistjoni "għaddew" biss mill-kumpanija ta' ġestjoni tal-ajruport, li ttrasferiet l-ammont sħiħ lill-benefiċjarju reali, *id est*, il-linja tal-ajru kkonċernata.

(341) Imbagħad, jekk l-allegazzjonijiet tad-ditta ta' konsulenza jintlaqgħu, l-Italja tistma li l-kalkoli tagħha kienu żbaljati. Ir-rapport tad-ditta ta' konsulenza huwa bbażat fuq dejta li tinsab fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' GEASAR għas-snin li jibdew mill-2004, li juru r-redditu minn traffiku tal-ajruport kif ukoll id-dejta ekonomika ewlenija li tifforma r-riżultati tal-operat tas-sena iżda ma turix id-dejta ta' kontabbiltà analitika meħtieġa sabiex titwettaq b'mod preċiż analiżi tal-profittabbiltà. Id-ditta ta' konsulenza għalhekk tissopravaluta r-redditi kkaġunati mill-kuntratti, partikolarment fir-rigward ta' redditu mhux ajrunawtiku. Għall-Italja, il-kuntratti kummerċjali inkwistjoni għandhom bilanċ negattiv u mhux pożittiv, għall-kuntrarju tal-valutazzjoni tad-ditta ta' konsulenza. Dan japplika għall-kuntratti kummerċjali ffirmati ma' easyJet kif ukoll għall-kuntratti ffirmati mal-linji tal-ajru l-oħrajn kollha kkonċernati. Dan, skont l-Italja, jikkonferma l-punt li dawn il-kuntratti kienu ffirmati b'eżekuzzjoni diretta tal-Liġi 10/2010.

(342) Fl-aħħar, l-Italja tiċħad l-inklużjoni ta' mmaniġġjar ta' kuntratti ffirmati minn GAESAR mal-linji tal-ajru kkonċernati fl-analiżi mwettqa mid-ditta ta' konsulenza. Kuntratti ta' mmaniġġjar huma kuntratti tipiċi nnegozjati u eżegwiti fuq bażi ta' negozju u jikkonċernaw l-għoti ta' servizzi kontra l-ħlas ta' korrispettiv monetarju mil-linja tal-ajru. Dawn mhumiex relatati mal-Liġi 10/2010 u għall-attivitajiet implimentati skont dik il-liġi. Il-korrispettiv muri f'dawn il-kuntratti huwa bbażat fuq il-prattika ta' negozju normali tal-operatur tal-ajruport, li hija li japplika tariffi u skontijiet ibbażati fuq il-volum u fatturi oħrajn. Fil-fatt, dawn il-kuntratti baqgħu fis-seħħ anke wara r-revoka tal-Liġi 10/2010, bi prezzijiet simili jew anke aktar baxxi minn ta' snin preċedenti.

7. **VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA**

7.1. *INTRODUZZJONI U AMBITU TAD-DEĊIŻJONI*

(343) L-ewwel irid jiġi vvalutat jekk il-finanzjament ipprovdut minn operaturi tal-ajruport lil kumpaniji tal-ajru fir-rigward ta' attivitajiet 1 u 2 skont il-Liġi 10/2010 matul il-perjodu 2010-2013 jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(344) Kif stipulat fit-Taqsima 2, ġie osservat fid-deċiżjoni ta' ftuħ li ladarba l-Kummissjoni kienet qed tinvestiga għajnuna possibbilment illegali mogħtija mill-operatur tal-ajruport ta' Alghero fil-Każ SA.23098 ([94]), il-każ attwali jkopri biss miżuri ta' għajnuna mhux eżaminati f'dak il-każ ([95]).

(345) Filwaqt li mhux il-ħlasijiet kollha minn SOGEAAL għal attivitajiet 1 u 2 huma magħmula taħt kuntratti eżaminati fil-Każ SA.23098, il-maġġoranza ta' dawn il-ħlasijiet kienu vvalutati f'dan il-każ. Barra minn hekk, mhux dejjem

([94]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1584 tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.23098 (C 37/07) (ex NN 36/07) implimentata mill-Italja favur is-Società di Gestione dell'Aeroporto di Alghero So.Ge.A.AL S.p.A. u diversi trasportaturi tal-ajru li joperaw fl-ajruport ta' Alghero (ĠU L 250, 25.9.2015, p. 38).

([95]) Ara l-Premessi 51-54.

hija xi ħaġa ovvja li fil-każijiet kollha ssir distinzjoni ċara minħabba li r-relazzjoni finanzjarja bejn SOGEAAL u linja tal-ajru partikolari fil-perjodu rilevanti tista' tkun immexxija minn kuntratti varji li xi ftit minnhom biss ġew ikkunsidrati fil-Każ SA.23098. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li huwa xieraq li jiġu eskluży l-ftehimiet kollha, ma' linji tal-ajru konklużi minn SOGEAAL taħt l-iskema ivvalutata, mill-ambitu tal-proċeduri attwali ([96]).

(346) Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Ftuħ ma inkludiex l-għajnuna potenzjali mogħtija minn operaturi tal-ajruport lil fornituri tas-servizz apparti lil-linji tal-ajru għall-attività 3. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tieħu pożizzjoni dwar dak l-aspett. It-tieni kwistjoni li għandha tiġi vvalutata hija jekk l-operaturi tal-ajruport irċevewx għajnuna mir-Reġjun.

7.2. *L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA*

(347) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat "…, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

(348) Il-kriterji stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma kumulattivi. Għalhekk, sabiex il-miżuri inkwistjoni jikkostitwixxu għajnuna skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, jeħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin. Jiġifieri l-miżuri jenħtieġ li:

(a) jingħataw mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat;

(b) jiffavorixxu ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti;

(c) iwasslu għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni;

(d) jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(349) Il-Kummissjoni tosserva li l-miżuri nnotifikati jikkostitwixxu skema ta' għajnuna skont it-tifsira tal-punt (d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1589. Abbażi tal-qafas legali deskritt fit-Taqsima 2 ta' din id-Deċiżjoni, mingħajr ma jiġu implimentati miżuri oħrajn li huma meħtieġa flimkien ma' dawk diġà deskritti, għotjiet individwali ta' għajnuna jistgħu jsiru lil impriżi (bħal linji tal-ajru) iddefiniti skont il-Liġi 10/2010 b'mod ġenerali u astratt (jiġifieri l-ebda kumpanija individwali ma hija indikata).

7.2.1. FINANZJAMENT IPPROVDUT MINN OPERATURI TAL-AJRUPORT LIL KUMPANIJI TAL-AJRU FIR-RIGWARD TA' ATTIVITAJIET 1 U 2 (IL-LIĠI 10/2010) FIL-PERJODU 2010-2013 — L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT FAVUR KUMPANIJI TAL-AJRU

(350) F'din is-sottotaqsima, se jkun ivvalutat jekk il-finanzjament ipprovdut mir-Reġjun lil kumpaniji tal-ajru permezz tal-operaturi ta' ajruporti ta' Sardinja skont il-Liġi 10/2010 jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat lill-kumpaniji tal-ajru.

7.2.1.1. ***Il-kunċett ta' impriża u ta' attività ekonomika***

(351) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw biss fejn ir-riċevitur huwa "impriża". Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddefinixxiet l-intrapriżi bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, indipendentement mill-istatus legali jew is-sjieda tagħhom u l-mod kif jiġu ffinanzjati ([97]). Kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti u servizzi f'suq hija attività ekonomika ([98]).

(352) Il-linji tal-ajru joffru servizzi ta' trasport bl-ajru tal-passiġġieri skedati fis-suq. Dawn is-servizzi jikkorrispondu ma' dawk iddefiniti għal attività 1 (ara l-premessa 44) u jikkonsistu fl-operazzjoni ta' titjiriet kummerċjali u l-ġarr ta' passiġġieri bl-ajru. Dawn iwettqu attività ekonomika b'mod ċar.

([96]) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-iskema, il-Kummissjoni tosserva li l-Italja kienet diġà indikat fl-istadju tal-proċedura formali fil-Każ SA.23098 li d-deċiżjoni li jiġu konklużi kuntratti kummerċjali bejn SOGEAAL u linji tal-ajru kienet magħmula bi ftehim mar-Reġjun fil-kapaċità tiegħu bħala azzjonista ta' kontroll ta' SOGEAAL (ara b'mod partikolari l-Premessa 383).

([97]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għal kumpens mogħti għall-għoti ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4) it-Taqsima 2.1 u l-ġurisprudenza assoċjata, b'mod partikolari s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov u oħrajn*, C-180/98, C-181/98, C-182/98, C-183/98 u C-184/98, UE:C:2000:428.

([98]) Is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 1987, Il-Kummissjoni/L-Italja, Kawża 118/85, UE:C:1987:283, il-paragrafu 7; is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 1998, Il-Kummissjoni/L-Italja, C-35/96, UE:C:1998:303, il-paragrafu 36; is-sentenza f'*Pavlov u oħrajn*, UE:C:2000:428, il-paragrafu 75).

(353) AMS, li fiha nfishau mhix linja tal-ajru iżda rċeviet finanzjament fir-rigward ta' attività 2, hija 100 % sussidjarja ta' Ryanair. Għalhekk, jista' jiġi ssopponut li Ryanair għandha influwenza deċiżjonali fuq l-aġir ta' AMS. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta'r-regoli tal-għajnuna mill-Istat f'dan il-każ u skont il-prattika tal-Kummissjoni ([99]), AMS u Ryanair huma kkunsidrati li huma impriża waħda fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Għal skopijiet ta' faċilità ta' referenza, AMS, li qed tiġi kkunsidrata bħala impriża waħda ma' Ryanair, se tiġi kkunsidrata ukoll bħala linja tal-ajru.

(354) Għalhekk il-kumpaniji tal-ajru li bbenefikaw mill-fondi pprovduti mir-Reġjun permezz ta' operaturi tal-ajruport iwettqu attività ekonomika u huma kkunsidrati bħala impriżi għall-iskopijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

7.2.1.2. ***Riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat***

(355) Il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat japplika għal kwalunkwe vantaġġ mogħti permezz tar-riżorsi tal-Istat mill-Istat innifsu jew minn kwalunkwe korp intermedjarju li jaġixxi permezz tas-setgħat mogħtija lilu. Ir-riżorsi tal-awtoritajiet lokali huma, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-Trattat, riżorsi tal-Istat.

(356) L-iskema toriġina minn liġi reġjonali u hija ffinanzjata permezz ta' riżorsi li joriġinaw mir-Reġjun. Għall-iskopijiet tal-Artikolu 107 tat-Trattat, ir-riżorsi tal-awtoritajiet lokali reġjonali huma riżorsi tal-Istat, u d-deċiżjonijiet ta' tali awtoritajiet għandhom jitqiesu bħala "imputabbli għall-Istat" ([100]). L-iskema hija għaldaqstant imputabbli għall-Istat u ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat għall-iskopijiet tal-liġi dwar għajnuna mill-Istat.

(357) L-istess huwa l-każ għall-flussi finanzjarji mill-operaturi tal-ajruport lil-linji tal-ajru.

(358) Il-linji tal-ajru rċevew finanzjament mir-Reġjun permezz tal-operaturi ta' ajruporti ta' Sardinja sabiex jiftħu rotot ġodda jew iżidu l-frekwenzi jew jestendu perjodi ta' operazzjoni ta' rotot eżistenti, kif deskritt b'mod partikolari fit-Table 8, u sabiex jipprovdu servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni.

(359) L-imġiba tal-operaturi tal-ajruport kienet iddeterminata mir-Reġjun permezz tal-Liġi 10/2010 u l-pjanijiet ta' attivitajiet, li kellhom jiġu approvati mir-Reġjun qabel ma daħlu fis-seħħ. Il-mekkaniżmu stabbilit permezz tal-Liġi 10/2010 jipprevedi li r-Reġjun jittrasferixxi l-fondi pubbliċi lill-operaturi tal-ajruport, li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jgħadduhom lil operaturi tal-ajruport skont l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tal-pjanijiet ta' attività approvati mir-Reġjun. Il-pjanijiet ta' attività kienu mfassla u proposti l-ewwel minn operaturi tal-ajruport iżda r-Reġjun irrieżamina l-pjanijiet, approvahom, u determina l-finanzjament ipprovdut lill-operatur tal-ajruport abbażi ta' dan. Permezz tal-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' attività dettaljati, ir-Reġjun iddetermina b'mod preċiż kif kull operatur tal-ajruport għandu jalloka l-finanzjament li rċieva mir-Reġjun għal-linji tal-ajru. Kif deskritt fit-Taqsima 2.7.3, il-proċess ta' monitoraġġ fis-seħħ (li jiddetermina l-ħlas tal-aħħar parti lill-operaturi tal-ajruport) jiżgura wkoll konformità ma' dawn l-obbligi.

(360) Għalhekk l-operaturi tal-ajruport jistgħu jiġu kkunsidrati bħala intermedjarji bejn ir-Reġjun u l-linji tal-ajru. Dawn kienu qed jimplimentaw l-iskema ta' għajnuna, jittrasferixxu lil-linji tal-ajru l-finanzjament kollu li rċevew mir-Reġjun. B'dan il-mod huma aġixxew skont l-istruzzjonijiet li rċevew mir-Reġjun permezz tal-pjanijiet ta' attività approvati.

(361) Fid-dawl ta' dak li hawn miktub fuq, il-ħlasijiet mill-operaturi tal-ajruport lil linji tal-ajru għall-finanzjament ta' attivitajiet 1 u 2 huma ffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat (sal-punt li l-operaturi tal-ajruport irċevew finanzjament mir-Reġjun sabiex jiffinanzjaw dawn l-attivitajiet ([101])) u huma imputabbli għall-Istat.

([99]) Għal dan l-iskop, ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1227 tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.22614 (C 53/07) implimentata minn Franza favur il-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija ta' Pau-Béarn, Ryanair, Airport Marketing Services u Transavia (ĠU L 201, 30.7.2015, p. 109), b'mod partikolari l-premessa 290. Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ajruport ta' Altenburg — s'issa mhux ippubblikata.

([100]) Is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, *Région Nord-Pas-de-Calais/Il-Kummissjoni* T-267/08 u T-279/08, UE:T:2011:209.

([101]) L-ammont limitat ta' finanzjament personali tal-miżuri minn operaturi tal-ajruport ma jirriżultax mid-deċiżjonijiet diskrezzjonarji ta' dawn tal-aħħar, iżda jirrifletti l-fatt li r-Reġjun naqqas *ex post* il-livell ta' finanzjament pubbliku li jgħaddi għal operaturi tal-ajruport minkejja li dawn tal-aħħar diġà jkunu ġarrbu l-ispiża korrispondenti tal-finanzjament tal-linji tal-ajru. Ara t-Taqsima 2.7 b'mod partikolari l-Premessi 83, 86 u 89.

7.2.1.3. ***Vantaġġ ekonomiku***

(362) Skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, vantaġġ huwa kwalunkwe benefiċċju ekonomiku li intrapriża ma setgħetx tikseb taħt kundizzjonijiet tas-suq normali, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat. Huwa biss l-effett tal-miżura fuq l-impriża li huwa rilevanti, mhux il-kawża jew l-objettiv tal-intervent mill-Istat. Kull meta awtorità pubblika tipprovdi lil impriża b'finanzjament li jeħlisha mill-ispejjeż li normalment hija ġġarrab, dan joħloq vantaġġ ekonomiku.

(363) Madankollu, ma jkun ingħata l-ebda vantaġġ jekk il-finanzjament jista' jiġi kkunsidrat bħala kumpens għal servizz pubbliku skont il-kriterji stipulati fis-sentenza Altmark. Barra minn hekk, ma jingħata l-ebda ma vantaġġ meta Stat Membru jaġixxi skont il-prinċipju tal-Investitur Ekonomiku tas-Suq.

(364) Bħala l-ewwel pass, huwa meħtieġ li tiġi eżaminata n-natura tal-finanzjament ipprovdut mir-Reġjun lil-linji tal-ajru fil-kuntest ta' attivitajiet 1 u 2, u sa fejn dan jiffinanzja l-attivitajiet tagħhom jew, fi kliem ieħor, itaffilhom l-ispejjeż li normalment jenħtieġ li jġarrbu.

(365) Fil-kuntest tal-attività 1, ir-Reġjun jobbliga lill-operaturi tal-ajruport sabiex jidħlu f'kuntratti ma' linji tal-ajru li jipprovdu inċentivi finanzjarji lil dawn tal-aħħar sabiex iżidu t-traffiku tal-ajru (partikolarment matul staġuni kwieti). Il-linji tal-ajru għandhom jilħqu miri fir-rigward tat-traffiku; huma jirċievu kumpens finanzjarju, jekk jilħqu dawn il-miri u jġarrbu penali jekk jonqsu milli jagħmlu hekk. Il-ħlasijiet korrispondenti jirriżultaw mill-iskema ta' finanzjament mgħoddija mir-Reġjun lil linji tal-ajru permezz ta' operaturi tal-ajruport, li jikkumpensaw parti mill-ispejjeż imġarrba minn dawn il-linji tal-ajru meta jtiru fir-rotot ikkonċernati.

(366) Fil-kuntest tal-attività 2, ir-Reġjun jagħmel ħlasijiet lil linji tal-ajru permezz ta' operaturi tal-ajruporti bi skambju għal servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni pprovduti mil-linji tal-ajru kkonċernati. Dawn il-ħlasijiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala korrispetiv veru għal servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni, iżda jammontaw ukoll għal ħlasijiet lil-linji tal-ajru talli jżidu l-attivitajiet tagħhom fir-Reġjun. Kif se jintwera hawn taħt fil-Premessi 368 *et seq*., l-iskema hija mfassla b'tali mod li s-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni li se jiġu pprovduti minn linji tal-ajru fil-kuntest tal-attività 2 huma maħsuba sabiex jippromwovu, qabel xejn, is-servizzi ta' trasport bl-ajru pprovduti minn dawk l-istess linji tal-ajru minn u lejn Sardinja.

(367) L-Italja saħqet fid-dokumenti ta' notifika ([102]) li, taħt l-iskema, l-azzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ffinanzjati mir-Reġjun fil-kuntest ta' attività 2 iridu jitwettqu minn linji tal-ajru u jimmiraw li jżidu n-numru ta' passiġġieri fuq rotot miftuħin jew estiżi bħala riżultat tal-iskema ([103]).

(368) Il-fatt li s-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni fil-kuntest tal-attività 2 se jiġu pprovduti minn linji tal-ajru minflok minn kwalunkwe tip ieħor ta' kumpaniji li kapaċi joffru servizzi bħal dawn huwa, fih innifsu huwa fattur li naturalment iwassal biex dawn is-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni jippromwovu, qabel xejn, is-servizzi ta' trasport bl-ajru offruti mil-linji tal-ajru kkonċernati. Fil-fatt, il-linji tal-ajru normalment jippromwovu reġjuni u bliet, b'mod partikolari fuq is-siti web tagħhom, meta joperaw titjiriet lejn tali reġjuni u territorji, bil-ħsieb li jħajru klijenti potenzjali sabiex jużaw is-servizzi tagħhom sabiex itiru lejn dawn iż-żoni. Barra minn hekk, fuq is-siti web tal-linji tal-ajru, il-promozzjoni ta' ċerti reġjuni u bliet normalment hija intrinsikament marbuta mal-promozzjoni tat-titjiriet operati mil-linji tal-ajru għal dak ir-reġjun, jew għallinqas ma' informazzjoni fornuta dwar l-eżistenza u l-karatteristiċi ta' dawn it-titjiriet. Pereżempju, fil-każ ta' Ryanair, waħda mil-linji tal-ajru Ewropej li żviluppat l-aktar il-promozzjoni ta' reġjuni u bliet fuq is-sit web tagħha, il-paġni tal-Internet iddedikati għall-promozzjoni ta' reġjuni u destinazzjonijiet pjuttost sistematikament jipprovdu wkoll informazzjoni dwar titjiriet operati minn Ryanair lejn dawn ir-reġjuni u destinazzjonijiet ([104]).

(369) Barra minn hekk, l-att li jimplimenta l-Liġi 10/2010 li tiddefinixxi l-kontenut tal-pjanijiet ta' attività tal-ajruporti ([105]) jipprevedi li l-azzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jitwettqu taħt attività 2 "fil-każ li jinfetħu rotot ġodda jew il-perjodu ta' operazzjoni tat-titjiriet jiġi estiż" ([106]). Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi

([102]) Dokument "OGGETTO: Attuazione della Legge regionale 13 aprile 2010, No 10 'Misure per lo sviluppo del trasporto aereo' Finanziamento degli aeroporti isolani per il potenziamento e lo sviluppo del trasporto aereo quale servizio di interesse economico generale", innotifikata mill-Italja fit-30.11.2011.

([103]) "*Definizione, attraverso gli* ***stessi*** *'Piani di attività', di adeguate strategie di marketing and pubblicita finalizzate all'incremento del numero di passeggeri nelle rotte oggetto della gara*" (l-enfasi hija miżjuda), p. 7.

([104]) Ara pereżempju l-paġna ta' Milan ta' Rynair (https://www.ryanair.com/gb/en/plan-trip/destinations/flights-to-milan, ikkonsultata fis-6 ta' Lulju 2016).

([105]) Deliberazione nr 29/36 of 29 July 2010.

([106]) "*I programmi dovranno prevedere la realizzazione di attività in coerenza con le seguenti direttive: (…) deve essere prevista adeguata promozione del territorio* ***in caso di lancio di nuove rotte o di aumento di operatività dei voli***" (l-enfasi hija miżjuda), p. 3.

konnessjoni ċara bejn is-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni li għandha titwettaq fil-kuntest ta' attività 2 u l-ftuħ ta' rotot ġodda jew l-espansjoni ta' operazzjonijiet fuq rotot eżistenti. Dan ifisser li s-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni li se jiġu proposti fil-pjanijiet ta' attività għandhom jippromwovu s-servizzi tat-trasport bl-ajru ġodda jew estiżi huma stess, sabiex jistimulaw l-għadd ta' passiġġieri li jużaw is-servizzi kkonċernati. Kif diġà indikat fil-premessa 367, din l-interpretazzjoni ġiet ikkonfermata espliċitament mill-Italja.

(370) Barra minn hekk, ikun inkonċepibbli li s-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni inkwistjoni, li bilfors għandhom jitwettqu minn linji tal-ajru, ikunu pprovduti minn linji tal-ajru li mhumiex dawk li joperaw is-servizzi tat-trasport bl-ajru l-ġodda jew dawk estiżi, li magħhom għandhom ikunu marbutin is-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni. Linja tal-ajru għandha inċentivi limitati ħafna sabiex tippromwovi s-servizzi ta' kompetitur, anke bi ħlas.

(371) Il-promozzjoni tad-destinazzjonijiet tagħha stess hija parti mill-attivitajiet normali ta' linja tal-ajru. Id-destinazzjonijiet u r-reġjuni li huma jtiru lejhom hija waħda mill-karatteristiċi tas-servizzi tat-trasport tagħhom li l-linji tal-ajru normalment jirreklamaw, flimkien ma' firxa ta' aspetti oħrajn (it-tariffi tal-ajru, il-kumdità abbord, is-servizzi matul it-titjira, l-affidabbiltà, il-flessibbiltà tal-biljetti, il-programm għal passiġġieri li jivvjaġġjaw bl-ajru ta' spiss eċċ.).

(372) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li ħlasijiet magħmula mir-Reġjun lil linji tal-ajru fil-kuntest ta' attività 2 jissussidjaw l-ispejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni li l-linji tal-ajru normalment jenħtieġ li jġarrbu fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' trasport bl-ajru tagħhom. Barra minn hekk, sakemm dawn huma konnessi mal-ftuħ ta' rotot ġodda jew estensjoni ta' operazzjonijiet fuq rotot eżistenti, dawn il-ħlasijiet jaġixxu bħala inċentivi lil linji tal-ajru sabiex iżidu t-traffiku bl-ajru għal Sardinja. F'dak ir-rigward, dawn huma simili għall-ħlasijiet magħmula fil-kuntest ta' attività 1, bid-differenza li dawn jirrelataw ma' aspett partikolari tas-servizzi tat-trasport bl-ajru tal-linji tal-ajru, jiġifieri l-promozzjoni ta' dawn is-servizzi.

(373) Barra minn hekk, kif enfasizzat l-Italja fin-notifika ([107]), taħt l-iskema, l-azzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ffinanzjati mir-Reġjun fil-kuntest ta' attività 2 għandhom ikunu parti mill-istess pjanijiet ta' attività msemmija fil-kuntest ta' attività 1 ([108]). Dan jistabbilixxi konnessjoni oħra bejn il-ftuħ u l-estensjoni ta' rotot (li huwa l-objettiv ta' attività 1) u l-kuntratti ta' kummerċjalizzazzjoni li għandhom jiġu konklużi fil-kuntest ta' attività 2. Dan jappoġġja l-konklużjoni li l-ħlasijiet magħmula mir-Reġjun lil linji tal-ajru permezz tal-operaturi tal-ajruport fil-kuntest ta' attività 1 u attività 2 huma ta' natura simili: dawn huma essenzjalment inċentivi finanzjarji li jissussidjaw parti mill-ispejjeż tal-linji tal-ajru bi skambju għall-espansjoni tal-operazzjonijiet ta' trasport bl-ajru minn dawn il-linji tal-ajru minn u lejn Sardinja.

(374) Barra minn hekk, taħt l-iskema, issir distinzjoni ċara bejn is-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni li għandhom jiġu pprovduti fil-kuntest tal-attività 2, jiġifieri minn linji tal-ajru, u servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni li għandhom jiġu pprovduti fil-kuntest tal-attività 3, jiġifieri minn tipi ta' kumpaniji oħrajn, li tikkonferma l-konstatazzjoni li s-servizzi mwettqa fil-kuntest tal-attività 2 iservu skop distint, differenti mill-attività 3, marbutin bilfors mal-fatt li l-forniturі huma involuti f'operazzjonijiet ta' trasport bl-ajru. B'mod loġiku, dan l-iskop ma tantx jista' jkun xi ħaġa oħra ħlief żieda fit-traffiku bl-ajru mil-linji tal-ajru kkonċernati minn u lejn Sardinja.

(375) Ir-rieżami tal-Kummissjoni tal-ftehimiet konklużi bejn l-operaturi tal-ajruport u l-linji tal-ajru fil-kuntest tal-iskema turi dan. Pereżempju, il-kuntratti ta' easyJet direttament jorbtu s-servizzi tal-ajruport mas-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni. Il-punt 3 tal-ftehim mal-operatur tal-ajruport ta' Olbia jgħid li t-trasportatur beħsiebu jżid l-operat tiegħu minn u lejn Olbia u li, sabiex jitkabbru tali attivitajiet ta' titjiriet, it-trasportatur żviluppa programm ta' kummerċjalizzazzjoni u reklamar sabiex jippromwovi d-destinazzjonijiet u jiżviluppa l-flussi tat-traffiku fit-tranżitu, b'mod speċjali lejn is-swieq internazzjonali.

(376) Analiżi tal-varji kuntratti ta' kummerċjalizzazzjoni konklużi bejn operaturi tal-ajruport u linji tal-ajru fil-qafas tal-iskema turi li s-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni huma konnessi direttament mat-titjiriet operati minn dawn il-linji tal-ajru. Għalhekk is-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni huma mmirati direttament lejn vjaġġaturi li potenzjalment jistgħu jużaw servizzi tat-trasport offruti mil-linji tal-ajru msemmija fil-kuntratti ta' kummerċjalizzazzjoni.

([107]) Dokument "OGGETTO: Attuazione della Legge regionale 13 aprile 2010, No 10 'Misure per lo sviluppo del trasporto aereo' Finanziamento degli aeroporti isolani per il potenziamento e lo sviluppo del trasporto aereo quale servizio di interesse economico generale", innotifikat mill-Italja fit-30 ta' Novembru 2011.

([108]) "*Definizione, attraverso gli* ***stessi*** *'Piani di attività', di adeguate strategie di marketing and pubblicita finalizzate all'incremento del numero di passeggeri nelle rotte oggetto della gara*" (l-enfasi hija miżjuda), p. 7.

(377) B'konklużjoni, il-ħlasijiet mir-Reġjun permezz tal-operaturi tal-ajruport lil-linji tal-ajru fil-kuntest tal-attività 1 u l-attività 2 iridu jiġu kkunsidrati bħala sussidji lil-linji tal-ajru għall-operazzjoni ta' aktar titjiriet lejn u minn Sardinja.

(378) Għad irid jiġi analizzat jekk il-ħlasijiet mir-Reġjun lil linji tal-ajru permezz ta' operaturi tal-ajruport għaż-żieda ta' operazzjonijiet tat-trasport bl-ajru tagħhom lejn Sardinja jikkostitwixxux kumpens għal obbligu ta' servizz pubbliku skont il-kriterji Altmark u jekk dawn jikkonformawx mal-MEOP.

(379) L-ewwel kriterju ta' Altmark jgħid li l-impriża benefiċjarja jrid ikollha obbligi ta' servizz pubbliku xi twettaq, u li l-obbligi għandom ikunu ddefiniti b'mod ċar. Kif indikat fil-punt 70 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, "*fir-rigward tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, obbligi tas-servizz pubbliku jistgħu jiġu imposti biss skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008. B'mod partikolari, tali obbligi jistgħu jiġu imposti biss fir-rigward ta' rotta jew grupp ta' rotot speċifiċi, u mhux fir-rigward ta' kwalunkwe rotta ġenerika li toriġina minn ajruport, belt jew reġjun partikolari. Barra minn hekk, obbligi ta' servizz pubbliku jistgħu jiġu imposti biss fir-rigward ta' rotta sabiex jissodisfaw ħtiġijiet tat-trasport li ma jistgħux ikunu milħuqa b'mod adegwat minn rotta tal-ajru eżistenti jew minn mezz ieħor ta' trasport*" (noti f'qiegħ il-paġna t̄hallew barra). Fil-fatt, it-trasport bl-ajru huwa settur fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li jirristrinġi l-marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni li normalment jitgawda minn Stati Membri meta ċerti attivitajiet jiġu kkwalifikati bħala SIEĠ, billi jiġu imposti kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008. Madankollu, rotot li huma s-suġġett ta' obbligi ta' servizz pubbliku skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, li jeżistu f'Sardinja ([109]), huma espliċitament eskluż mill-ambitu ta' applikazzjoni tal-Liġi 10/2010, li hija mfassla b'mod ċar bħala sistema parallela għas-sistema ta' obbligi ta' servizz pubbliku skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008. Għalhekk, il-finanzjament ipprovdut minn operaturi tal-ajruport lil linji tal-ajru skont il-Liġi 10/2010 ma jistax jiġi kkunsidrat bħala kumpens ipprovdut lil linji tal-ajru għall-operazzjoni ta' servizzi ġenwini ta' interess ekonomiku ġenerali. Minħabba f'hekk, waħda mill-erba' kundizzjonijiet kumulattivi tas-sentenza Altmark, jiġifieri l-ewwel waħda, mhijiex issodisfata.

(380) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-MEOP, għandu jiġi nnutat li l-Italja ma ddipendietx fuq dak il-prinċipju ([110]). Ma hemm l-ebda indikazzjoni wkoll li r-Reġjun aġixxa bħala operatur tal-ekonomija tas-suq fl-istabbiliment tal-iskema; fil-fatt, huwa ċar li dan fittex li jikseb objettivi ta' politika pubblika, b'mod partikolari billi saħħaħ l-ekonomija reġjonali billi jattira aktar flussi turistiċi, aktar minn profitti fil-kapaċità tiegħu bħala sid ta' ajruport.

(381) It-tieni, ir-Reġjun jipprovdi finanzjament lil-linji tal-ajru permezz ta' operaturi varji tal-ajruport fil-qafas ta' skema reġjonali applikabbli għal għadd ta' ajruporti. Ma jistax jiġi kkunsidrat bħala operatur tal-ajruport, aktar u aktar ladarba r-reġjun jikkontrolla biss wieħed mill-operaturi tal-ajruport ikkonċernati. Għalhekk l-"analiżi tal-profittabbiltà inkrementali *ex ante*" ppreżentata fil-punti 61 sa 66 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 ma tistax tiġi applikata f'dan il-każ. Skont dan il-metodu, sabiex jiġi vvalutat jekk operatur tal-ajruport, meta jidħol fi ftehimiet ma' linja tal-ajru, ġabx ruħu bħalma operatur tal-ekonomija tas-suq immexxi minn prospetti ta' profittabbiltà kien jagħmel taħt ċirkostanzi simili, għandu jkun ivvalutat jekk il-ftehimiet inkwistjoni huwiex mistenni li, meta jiġu konklużi, jikkontribwixxu b'mod inkrementali għall-profittabbiltà tal-ajruport u humiex parti mill-istrateġija ġenerali li twassal għal profittabbiltà fit-tul. Madankollu, dan it-test mhuwiex applikabbli f'dan il-każ għaliex il-miżuri li qed jiġu vvalutati huma skema stabbilita minn awtorità pubblika, għal raġunijiet ta' politika pubblika, li tkopri għadd ta' ajruporti, u mhux ftehim individwali bejn ajruport u linja tal-ajru.

(382) Meta jagħti l-finanzjament ikkonċernat lil linji tal-ajru fil-kuntest ta' attività 1 u attività 2, ir-Reġjun ma seta' jistenna l-ebda redditu li operatur tal-ekonomija tas-suq immexxi mill-profitt kien jikkunsidra f'ċirkostanzi simili. L-effetti mistennija tal-finanzjament kienu żieda fin-numru ta' passiġġieri li jivvjaġġjaw bl-ajru lejn Sardinja, li bħala tali ma tagħtix lok għal dividendi, qligħ kapitali jew kwalunkwe forma oħra ta' profitt għar-Reġjun. L-Italja naqset milli tidentifika xi element ta' profittabbiltà mistenni li jirriżulta għar-Reġjun bħala riżultat tal-finanzjament inkwistjoni. L-effett ewlieni taż-żieda fit-traffiku bl-ajru huwa li jistimula l-iżvilupp ekonomiku fir-reġjun, partikolarment fil-livell ta' ċerti setturi bħat-turiżmu, il-ħwienet, ir-ristoranti eċċ, b'effetti pożittivi fuq l-iżvilupp ekonomiku reġjonali u l-impjieg. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita ([111]), tali "benefiċċji tal-politika pubblika" ma jiġux ikkunsidrati minn operatur tal-ekonomija tas-suq xprunat mill-profitt u għalhekk se jiġu mwarrba meta jiġi applikat l-MEOP.

([109]) Mill-2000, ġew imposti obbligi ta' servizz pubbliku fuq rotot domestiċi bejn ajruporti ta' Sardinja u ajruporti tal-Italja kontinentali skont ir-regoli tat-trasport bl-ajru tal-Unjoni.

([110]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs EDF*, C-124/10, UE:C:2012:318, il-paragrafu 82.

([111]) Ara s-sentenza *Il-Kummissjoni vs EDF*, UE:C:2012:318, il-paragrafu 79.

(383) Għall-istess raġunijiet, eżerċizzju ta' tqabbil, kif deskritt fil-punti 54 sa 60 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, mhuwiex rilevanti fil-każ attwali.

(384) Fi kwalunkwe każ, l-Italja ma ssottomettiet l-ebda pjan ta' negozju, analiżi ta' profittabbiltà *ex ante* jew dokumenti interni li juru b'mod ċar li analiżi mwettqa qabel l-għoti tal-finanzjament pubbliku uriet li r-redditi finanzjarji li pereżempju operatur f'ekonomija ta' suq mmexxi mill-profitti kieku kien jeħodhom inkonsiderazzjoni, seta' jippretendihom ir-Reġjun bħala riżultat tal-finanzjament inkwistjoni. Ir-Reġjun lanqas ma wettaq eżerċizzju ta' tqabbil, kif iddefinit fil-punti 54 sa 60 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014. L-Italja naqset b'mod partikolari milli tipprovdi tqabbil tal-ispejjeż tal-ajruport, netti minn kwalunkwe benefiċċju pprovdut lil-linji tal-ajru (bħal appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni, skontijiet jew kwalunkwe inċentiv ieħor), f'għadd biżżejjed ta' "ajruporti ta' referenza" adatti, li l-operaturi tagħhom aġixxew bħala operaturi tal-ekonomija tas-suq.

(385) Dan jikkonferma li r-Reġjun ma ġabx ruħu bħala operatur tal-ekonomija tas-suq immexxi minn proseptti ta' profittabbiltà, vis-à-vis il-linji tal-ajru.

(386) Barra minn hekk, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Liġi 10/2010, ma ġiet stabbilita l-ebda proċedura ta' ħruġ ta' offerti bil-ħsieb li jintgħażlu linji tal-ajru u jiġu ffinanzjati pjanijiet ta' attività. L-operaturi tal-ajruport ippubblikaw avviżi fis-siti web rispettivi tagħhom u għażlu l-aħjar offerta, jiġifieri l-appoġġ finanzjarju pprovdut lil linji tal-ajru ma segwiex proċedura ta' ħruġ ta' offerti miftuħa u trasparenti. Barra minn hekk, kif diġà spjegat, l-iskema hija maħsuba primarjament sabiex tħallas fondi pubbliċi lil linji tal-ajru u dan il-finanzjament la jikkorrispondi għal kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku ġenwin u lanqas għal rimunerazzjoni għal prodotti jew servizzi li jissodisfaw il-ħtiġijiet ġenwini tar-Reġjun. Minħabba f'hekk, anke jekk saru proċeduri ta' ħruġ ta' offerti tajbin sabiex jintgħażlu l-linji tal-ajru, dan ma jeliminax l-eżistenza ta' vantaġġ.

(387) Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, lanqas ma hemm ambitu għall-valutazzjoni tar-relazzjoni finanzjarja individwali bejn l-ajruporti u l-linji tal-ajru li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-iskema bil-mod previst fil-punti 53-66 tal-Linji gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014. Dawn il-punti jipprovdu gwida sabiex jiġi ddeterminat jekk il-prezzijiet mitluba minn ajruport li għandu riżorsi pubbliċi jikkonformawx mal-MEOP. Madankollu, f'dan il-każ, huwa ċar li l-operaturi tal-ajruport ma kinux qed jaġixxu bħala operaturi tal-ekonomija tas-suq meta daħlu fil-varji kuntratti mal-linji tal-ajru. Dawn kienu qed jimplimentaw skema ta' għajnuna mfassla mir-Reġjun sabiex iżidu t-trasport bl-ajru għall-benefiċċju ġenerali tat-territorju.

(388) Fid-dawl ta' t'hawn fuq kollu, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-finanzjament ipprovdut mir-Reġjun lil linji tal-ajru permezz ta' operaturi tal-ajruport għall-finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2 fil-qafas tal-iskema kien ta' vantaġġ ekonomiku għal-linji tal-ajru kkonċernati.

7.2.1.4. ***Selettività***

(389) F'dan il-każ, il-finanzjament tal-iskema mir-Reġjun ma jistax jitqies bħala skema ta' applikazzjoni ġenerali. Il-Kummissjoni tikkunsidra fil-fatt li t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-iskema kienu għall-benefiċċju esklussiv ta' ċerti impriżi jew ċerti setturi ta' attività, jiġifieri linji tal-ajru ffinanzjati mir-Reġjun permezz ta' operaturi tal-ajruport taħt l-iskema taħt skrutinju ([112]). Linji tal-ajru li jtiru lejn Sardinja, li ma kkonkludewx dawn il-kuntratti, ma bbenefikawx mill-istess appoġġ finanzjarju mir-Reġjun, jew mhux taħt il-kundizzjonijiet previsti mil-Liġi 10/2010. Minħabba li l-benefiċjarji tal-vantaġġ ekonomiku kkonċernat huma limitati għal xi impriżi speċifiċi ta' settur wieħed speċifiku (trasport bl-ajru), il-miżuri huma selettivi.

7.2.1.5. ***Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ***

(390) Meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħra li jikkompetu fil-kummerċ intern tal-Unjoni, din tal-aħħar għandu jitqies li tiġi affettwat minn dik l-għajnuna. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, għal miżura li tfixkel il-kompetizzjoni, huwa biżżejjed li r-riċevitur tal-għajnuna jikkompeti ma' intrapriżi oħra fi swieq miftuħin għall-kompetizzjoni.

(391) Il-kumpens imħallas lil kumpaniji tal-ajru permezz ta' operaturi tal-ajruport huwa vantaġġ ekonomiku għal-linji tal-ajru inkwistjoni, li huma kapaċi jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq. Is-settur tat-trasport bl-ajru huwa kkaratterizzat minn kompetizzjoni ħarxa bejn l-operaturi minn Stati Membri differenti, b'mod partikolari mindu daħal

([112]) Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, *il-Belġju vs il-Kummissjoni*, C-270/15, UE:C:2016:489, b'mod partikolari l-paragrafu 50.

fis-seħħ it-tielet stadju tal-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru ("it-tielet pakkett") fl-1 ta' Jannar 1993. Minn dan isegwi li l-miżuri jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u jxekklu jew jheddu li jxekklu l-kompetizzjoni fis-settur tal-avjazzjoni

(392) Għalhekk, il-kumpens finanzjarju pprovdut permezz ta' operaturi tal-ajruport lil kumpaniji tal-ajru għall-finanzjament ta' attivitajiet 1 u 2 (il-Liġi 10/2010) fil-perjodu 2010-2013 ifixkel jew jhedded li jfixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa n-negozju bejn Stati Membri.

7.2.1.6. ***Konklużjoni***

(393) Il-Kummissjoni tikkonkludi li finanzjament ipprovdut mir-reġjun lil linji tal-ajru permezz ta' operatur tal-ajruport għall-finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lil kumpaniji tal-ajru skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

7.2.2. EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT FAVUR L-OPERATURI TAL-AJRUPORT

(394) F'din is-sottotaqsima, il-kwistjoni hija jekk il-finanzjament ipprovdut mir-Reġjun lill-operaturi ta' ajruporti ta' Sardinja skont il-Liġi 10/2010 jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat lil dawn l-ajruporti. Il-Kummissjoni issa se tivvaluta jekk il-kriterju relatat mal-preżenza ta' vantaġġ ekonomiku huwiex issodisfat.

(395) Skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, vantaġġ huwa kwalunkwe benefiċċju ekonomiku li intrapriża ma setgħetx tikseb taħt kundizzjonijiet tas-suq normali, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat. Huwa biss l-effett tal-miżuri fuq l-impriża li huwa rilevanti, mhux il-kawża jew l-għan tal-intervent mill-Istat. Kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża titjieb bħala riżultat ta' intervent mill-Istat, ikun hemm il-preżenza ta' vantaġġ.

(396) Kif hu spjegat taħt it-Taqsima 7.2.1, skont il-Liġi 10/2010, l-operaturi tal-ajruport għaddew bis-sħiħ il-fondi li rċevew mingħand ir-Reġjun sabiex jiffinanzjaw inċentivi finanzjarji għall-espansjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru kif ukoll kuntratti ta' kummerċjalizzazzjoni, li huma kkofinanzjaw permezz tar-riżorsi tagħhom stess. L-operaturi tal-ajruport kienu għalhekk intermedjarji u ma żammewx il-fondi li rċevew mir-Reġjun. Għalhekk, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala benefiċjarji diretti tal-iskema ta' għajnuna.

(397) Madankollu, minħabba li l-inċentivi finanzjarji u l-ħlasijiet ta' kummerċjalizzazzjoni lil-linji tal-arju kienu maħsuba u kellhom l-effett ta' żieda fit-traffiku tal-ajru, irid jiġi vvalutat jekk dik iż-żieda fit-traffiku tal-arju tagħtix vantaġġ indirett lill-ajruporti kkonċernati.

(398) Fl-avviż riċenti tagħha dwar il-prinċipju tal-għajnuna mill-Istat ([113]), il-Kummissjoni indikat li "[…] *vantaġġi indiretti bħal dawn jenħtieġ li jiġu distinti minn sempliċi effetti ekonomiċi sekondarji li huma inerenti fi kważi kull miżura ta' għajnuna mill-Istat (pereżempju permezz ta' żieda ta' produzzjoni). Għal dan l-iskop, l-effetti prevedibbli tal-miżuri għandhom jiġu eżaminati mil-lat ex ante. Vantaġġ indirett huwa preżenti jekk il-miżuri huma mfassla b'tali mod li jiggwidaw l-effetti sekondarji tagħhom lejn impriżi identifikabbli jew gruppi ta' impriżi. Dan ikun il-każ, pereżempju, jekk għajnuna diretta hija, de facto jew de jure, kundizzjonali fuq ix-xiri ta' merkanzija jew servizzi prodotti minn ċerti impriżi biss (pereżempju impriżi stabbiliti f'ċerti oqsma biss).*"

(399) L-avviż ikompli f'nota f'qiegħ il-paġna ([114]) għal dak it-test: *"B'kuntrast għal dan, sempliċiment effett ekonomiku sekondarju fil-forma ta' żieda fil-produzzjoni (li ma tammontax għal għajnuna indiretta) jista' jinsab meta l-għajnuna titwassal sempliċiment permezz ta' impriża (eż. intermedjarju finanzjarju) li tgħaddiha bis-sħiħ lill-benefiċjarju tal-għajnuna."*

(400) L-attivitajiet li qed jiġu vvalutati f'dan il-każ ma tfasslux sabiex iwasslu l-effetti sekondarji tagħhom lejn l-ajruporti ta' Sardinja. Minflok, l-attivitajiet tfasslu sabiex jibbenefikaw minnhom grupp kbir ta' impriżi fir-reġjun, b'mod partikolari dawk li joffru servizzi għat-turisti.

([113]) Il-punt 116 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE, ippubblikat fid-19 ta' Mejju 2016, http://ec.europa.eu/competition/state_aid/modernisation/notice_of_aid_en.pdf

([114]) Nota f'qiegħ il-paġna 181.

(401) Kif diġà ġie stabbilit, l-iskop tal-iskema jikkonsisti mit-twassil ta' fondi pubbliċi lil għadd ta' linji tal-ajru u fornituri tas-servizzi oħrajn bil-għan li jinfetħu rotot ġodda (jew jiżdiedu l-frekwenzi) kif ukoll għar-reklamar ta' Sardinja bħala destinazzjoni turistika aċċessibbli bit-trasport bl-ajru. Taħt il-mekkaniżmu stabbilit mir-Reġjun permezz tal-Liġi 10/2010 (kif deskritt fit-Taqsima 2.7.2), ir-Reġjun jittrasferixxi l-fondi pubbliċi korrispondenti lill-operaturi tal-ajruport, li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jgħadduhom lil partijiet terzi skont l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tal-pjanijiet ta' attività approvati mir-Reġjun. Kif deskritt fit-Taqsima 2.7.3, il-proċess ta' monitoraġġ fis-seħħ (li jiddetermina l-ħlas tal-aħħar parti lill-operaturi tal-ajruport) jiżgura wkoll konformità ma' dawn l-obbligi.

(402) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-għajnuna hi mgħoddija permezz tal-operaturi tal-ajruport li jgħadduha kollha lil-linji tal-ajru, li huma l-uniċi benefiċjarji veri tal-iskema. L-operaturi tal-ajruport għandhom jiġu kkunsidrati *de jure* (minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Liġi 10/2010) u *de facto* (minħabba l-flussi finanzjarji effettivi analizzati mill-Kummissjoni) bħala vetturi użati sabiex jgħaddu finanzjament pubbliku lil-linji tal-ajru.

(403) Il-Kummissjoni tinnota li l-operaturi tal-ajruport jistgħu jibbenefikaw miż-żieda fit-traffiku tal-ajru li tirriżulta mill-għajnuna lil-linji tal-ajru fl-iskema. Tali effetti huma, madankollu, simili għall-effetti pożittivi fuq operaturi ekonomiċi f'setturi oħrajn li r-redditu tagħhom huwa konness mal-għadd ta' passiġġieri bl-ajru, b'mod partikolari t-turiżmu (il-kiri ta' karozzi, il-lukandi, ir-ristoranti, il-provvista tal-ikel, l-għoti ta' fjuwil, il-ħwienet eċċ…). Dawn is-setturi huma dipendenti ħafna fuq in-numru ta' passiġġieri li jaslu/jitilqu mill-ajruporti ta' Sardinja. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-iskema ma ġietx imfassla b'tali mod li tgħaddi l-effetti sekondarji tagħha lejn l-operaturi tal-ajruport, iżda aktar sabiex tkun ta' benefiċċju għall-ħafna setturi relatati mat-turiżmu f'Sardinja.

(404) Barra minn hekk, l-effett tal-miżuri fuq l-ajruporti huwa parti intrinsika min-natura u l-objettiv tal-iskema, li huwa li jiżdied it-traffiku tal-ajru lejn Sardinja billi jkunu pprovduti inċentivi xieraq għal-linji tal-ajru. Il-fatt li l-linji tal-ajru jixtru servizzi tal-ajruport mill-operaturi tat-tliet ajruporti ta' Sardinja kkonċernati hija karatteristika intrinsika tal-iskema u ma tistax tkun isseparata minnha, minħabba li l-iskema tikkonsisti fl-għoti ta' inċentivi finanzjarji għal-linji tal-ajru sabiex jiżdied it-traffiku tal-ajru. Għalhekk mhijiex kundizzjoni indipendenti addizzjonali li tikkonċerna l-akkwist ta' oġġetti jew servizzi li r-Reġjun żied mat-tfassil tal-iskema tiegħu sabiex jipproduċi effett apparti dak l-effett ewlieni mistenni tal-iskema, jiġifieri ż-żieda fit-traffiku tal-ajru lejn Sardinja.

(405) Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li attivitajiet 1, 2 u 3 ma jagħtu l-ebda vantaġġ indirett lill-operaturi tal-ajruport. Minħabba li waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi għall-preżenza ta' għajnuna mill-Istat mhijiex issodisfata, il-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li l-attivitajiet 1 u 2 ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat.

(406) Għar-raġunijiet stipulati hawn fuq, qiegħed jiġi konkluż li l-operaturi tal-ajruport ikkonċernati ma rċevewx għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

7.3. *IL-LEGALITÀ TAL-GĦAJNUNA MOGĦTIJA LIL-LINJI TAL-AJRU*

(407) Il-miżuri ġew innotifikati lill-Kummissjoni fit-30 ta' Novembru 2011. Madankollu, l-Italja implimentat l-iskema mingħajr ma approvatha l-Kummissjoni. Finanzjament skont il-Liġi 10/2010 kien ipprovdut mir-Reġjun lil operaturi tal-ajruport u minn operaturi tal-ajruport lil linji tal-ajru matul il-perjodu 2010-2013 ([115]).

(408) Barra minn hekk, l-ebda regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija ma jkopri l-iskema inkwistjoni. B'mod partikolari, id-Deċiżjoni ta' SIEĠ mhijiex applikabbli għaliex il-finanzjament tal-linji tal-ajru taħt l-iskema ma jistax jiġi kkunsidrat bħala kumpens għal SIEĠ ġenwin fdat lil linji tal-ajru ([116]).

(409) Għalhekk, l-Italja ma kkonformatx mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 108 tat-Trattat u għalhekk il-finanzjament ta' linji tal-ajru skont l-iskema huwa kkunsidrat bħala illegali skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

([115]) Ara t-Table 6 fit-Taqsima 2.8.1.
([116]) Ara l-Premessa 379.

7.4. *IL-KOMPATIBILITÀ TAL-GĦAJNUNA MOGĦTIJA LIL-LINJI TAL-AJRU*

(410) L-oneru tal-prova fir-rigward tal-kompatibilità ta' għajnuna mas-suq intern, permezz ta' deroga mill-Artikolu 107(1) tat-Trattat, irid isir primarjament mill-Istat Membru kkonċernat. L-Italja tinnota ([117]) li l-Liġi 10/2010 ma ġietx imfassla bħala skema sabiex tappoġġja rotot tal-bidu u li l-iskema ma tissodisfax il-kriterji ta' kompatibilità kollha għal għajnuna għall-bidu kif iddefiniti fl-Artikolu 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005. L-Italja madankollu tissuġġerixxi li l-Kummissjoni tenħtieġ li, f'dan il-każ, tapplika l-punt 81 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, li jgħid li "*Il-Kummissjoni tista' twettaq, skont il-każ, valutazzjoni ta' għajnuna jew ta' skema li tonqos milli tikkonforma bis-sħiħ ma' dawn il-kriterji [tal-punt 79], iżda li r-riżultat aħħari tagħhom għandu jkun simili.*" ([118])

7.4.1. QAFAS LEGALI APPLIKABBLI

(411) Minħabba li l-attivitajiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala kumpens lil linji tal-ajru għal SIEĠ ġenwin, il-Qafas SIEĠ ibbażat fuq l-Artikolu 106(2) tat-Trattat ma jistax japplika f'dan il-każ.

(412) Fir-rigward tal-għajnuna għat-tnedija, il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 jgħidu li "Fir-rigward ta' għajnuna għat-tnedija lil linji tal-ajru, il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stipulati f'dawn il-linji gwida għall-miżuri ta' għajnuna għat-tnedija nnotifikati kollha li fir-rigward tagħhom hija mitluba tieħu deċiżjoni mill-4 ta' April 2014, anke meta l-miżuri kienu nnotifikati qabel din id-data. Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni ta' għajnuna mill-Istat illegali, il-Kummissjoni se tapplika r-regoli fis-seħħ dakinhar li tkun ingħatat l-għajnuna fuq l-għajnuna għat-tnedija mhux skont il-liġi lil-linji tal-ajru. Għaldaqstant, hi mhux se tapplika l-prinċipji stipulati f'dawn il-linji gwida fil-każ tal-għajnuna għat-tnedija mhux skont il-liġi lil-linji tal-ajru mogħtija qabel l-4 ta' April 2014" ([119]).

(413) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, min-naħa l-oħra, jistipulaw li "l-Kummissjoni sejra teżamina l-kompatibilità ta' (…) għajnuna għat-tnedija mogħtija mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha u allura bi ksur tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat [issa l-Artikolu 108(3) tat-Trattat], fuq il-bażi ta' dawn il-linji gwida jekk l-għajnuna bdiet tingħata wara l-pubblikazzjoni tal-linji gwida f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*" ([120]).

(414) Il-finanzjament reġjonali ngħata bejn l-2010 u l-2013, qabel il-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014. Għalhekk il-Kummissjoni se tapplika l-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 għall-valutazzjoni tal-kumpens finanzjarju pprovdut minn operaturi tal-ajruport lil kumpaniji tal-ajru għall-finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2 (Liġi 10/2010) fil-perjodu 2010-2013.

7.4.2. VALUTAZZJONI TAL-KOMPATIBILITÀ TAL-KUMPENS FINANZJARJU PPROVDUT MINN OPERATURI TAL-AJRUPORT LIL KUMPANIJI TAL-AJRU GĦALL-FINANZJAMENT TAL-ATTIVITAJIET 1 U 2 (LIĠI 10/2010) FIL-PERJODU 2010-2013

(415) Peress li l-kundizzjonijiet għall-kompatibilità tal-għajnuna għat-tnedija stipulati fil-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 huma kumulattivi, irid jintwera biss li waħda minn dawn il-kundizzjonijiet mhijiex issodisfata sabiex tiġi stabbilita l-inkompatibilità tal-għajnuna għal-linji tal-ajru. Minkejja dan, il-Kummissjoni ser teżamina bosta mill-kriterji stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 fil-valutazzjoni tagħha tal-kompatibilità tal-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni.

(416) Il-punt 79(d) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 jeħtieġ vijabbiltà fit-tul u digressività tal-miżura inkwistjoni: "fl-aħħar mill-aħħar, ir-rotta li tirċievi l-għajnuna trid turi li hija profittabbli, jiġifieri trid mill-inqas tkopri l-ispejjeż tagħha, mingħajr finanzjament pubbliku. Għal din ir-raġuni, l-għajnuna għall-bidu għandha tkun digressiva u ta' tul limitat". L-attivitajiet stabbiliti skont il-Liġi 10/2010 qatt ma ġew iddefiniti sabiex jimmiraw il-vijabbiltà fit-tul tar-rotot inkwistjoni, u xejn fis-sistema stabbilita mil-Liġi 10/2010 ma jiżgura li l-ammont ta' għajnuna huwa digressiv matul il-perjodu 2010-2013 ([121]). Ma hemm l-ebda indikazzjoni li r-rotot ikkonċernati jistgħu jsiru profittabbli għal-linji tal-ajru mingħajr il-finanzjament pubbliku.

([117]) Komunikazzjoni mir-Reġjun ta' Sardinja tat-18 ta' Mejju 2015, punt 10, p. 12.
([118]) Komunikazzjoni mill-Italja tat-18 ta' Mejju 2015 (referenza 4812), bħala tweġiba għat-talba tal-Kummissjoni — p. 12-13.
([119]) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-punt 174.
([120]) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, il-punt 85.
([121]) Ara Table 5 fil-premessa 69.

(417) Il-punt 79(e) tal-Linji Gwida tal-2005 dwar l-Avjazzjoni jżid il-kriterju ta' kumpens għall-ispejjeż tal-bidu addizzjonali: "L-ammont tal-għajnuna jrid ikun strettament marbut mal-ispejjeż addizzjonali tal-bidu li huma marbutin mat-tnedija tar-rotta jew il-frekwenza l-ġdida u li l-operatur ma jkollux iġarrab ladarba din tkun attiva". Il-finanzjament reġjonali mhuwiex relatat ma' spejjeż tat-tnedija speċifiċi u xejn fis-sistema stabbilita mil-Liġi 10/2010 ma jiżgura li l-ammont tal-għajnuna huwa limitat għal tali spejjeż. L-Italja qatt ma pprovdiet xi evidenza li turi li l-finanzjament ipprovdut mir-Reġjun fir-rigward tal-attivitajiet 1 u 2 kien ikkalkolat abbażi tal-ispejjeż tal-bidu tal-linji tal-ajru jew limitat għal tali spejjeż. Ir-Reġjun, meta ffinanzja operaturi tal-ajruport, kellu l-ħsieb li jiżviluppa t-traffiku tal-ajru permezz tal-ftuħ ta' rotot ġodda, iż-żieda ta' frekwenzi f'rotot eżistenti, u n-nuqqas ta' staġjonalità ta' rotot eżistenti u li jtejjeb l-iżvilupp reġjonali u t-turiżmu permezz ta' azzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni mwettqa minn linji tal-ajru. Ir-Reġjun għalhekk qatt ma kellu l-ħsieb li jikkumpensa lil-linji tal-ajru għal spejjeż tat-tnedija addizzjonali. Għalhekk, dan il-kriterju ma ġiex issodisfat.

(418) Barra minn hekk, il-punt 79(f) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 jistipula kundizzjonijiet ta' intensità u tul: "L-ammont ta' għajnuna fi kwalunkwe sena waħda ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli totali għal dik is-sena u l-għajnuna totali ma tistax taqbeż il-medja ta' 30 % tal-ispejjeż eliġibbli." L-Italja fl-ebda punt ma semmiet il-kunċett ta' "spejjeż eliġibbli" kif spjegat fil-Linji Gwida u lanqas l-ebda limiti għal tali spejjeż. L-operaturi tal-ajruport ippreżentaw il-pjanijiet ta' attivitajiet tagħhom lir-Reġjun b'indikazzjoni tal-ammont totali tal-ispejjeż imġarrba għall-implimentazzjoni tal-miżuri. Ir-Reġjun imbagħad iddeċieda l-ammont li għandu jingħata lil kull operatur tal-ajruport kull sena, iżda dak l-ammont qatt ma kien limitat għal 50 % tal-ispejjeż imġarrba f'sena. Ma hemm l-ebda evidenza li n-nefqa reġjonali fir-rigward tal-attivitajiet 1 u 2 ammontat għal darbtejn l-ammont tal-għajnuna. Għalhekk, dan il-kriterju ma ġiex issodisfat.

(419) Il-punt 79(e) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 iżid il-kriterju ta' allokazzjoni mhux diskriminatorja: "kwalunkwe korp pubbliku li jippjana li jagħti għajnuna għat-tnedija lil linja tal-ajru għal rotta ġdida, kemm jekk permezz ta' ajruport kif ukoll jekk le, għandu jagħmel il-pjanijiet tiegħu pubbliċi fi żmien tajjeb u b'pubbliċità adegwata sabiex il-linji tal-ajru interessati kollha jkunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom. B'mod partikolari, in-notifika trid tinkludi d-deskrizzjoni tar-rotta, kif ukoll il-kriterji oġġettivi f'termini tal-ammont u t-tul tal-għajnuna. Ir-regoli u prinċipji marbutin mal-akkwist pubbliku u konċessjonijiet għandhom jiġu rrispettati fejn applikabbli". La r-Reġjun u lanqas l-operaturi tal-ajruport ma organizzaw sejħiet għall-offerti xierqa li jikkonformaw mar-regoli tal-akkwisti pubbliċi sabiex jagħżlu l-linji tal-ajru inkarigati mill-implimentazzjoni ta' attivitajiet 1 u 2. Id-dokument ta' notifika mill-Italja jsemmi li r-Reġjun għandu japprova l-proċess ta' sejħa għall-offerti organizzat minn operaturi tal-ajruport sabiex jintgħażlu linji tal-ajru interessati. Il-Kummissjoni ma ġiet infurmata bl-ebda sejħa organizzata minn operaturi tal-ajruport u, skont l-Italja, il-linji tal-ajru ntgħażlu abbażi tal-aħjar offerti kummerċjali sottomessi lil operaturi tal-ajruport fuq pubblikazzjoni ta' avviżi fuq is-siti web tagħhom. Għalhekk, dan il-kriterju ma ġiex issodisfat.

(420) Għalhekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-punt 81 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 ma jistax jiġi applikat f'dan il-każ, għaliex għadd ta' kriterji fil-punt 79 mhumiex issodisfati. Il-konformità ma' dawn il-kriterji hija essenzjali sabiex għajnuna tal-bidu tiġi kkunsidrata kompatibbli. Minħabba li l-kriterji ta' kompatibilità f'punt 79 mhumiex issodisfati, l-għajnuna mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

7.4.3. KONKLUŻJONI

(421) Il-kumpens finanzjarju pprovdut minn operaturi tal-ajruport lil kumpaniji tal-ajru għall-finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2 skont il-Liġi 10/2010 fil-perjodu 2010-2013 ma jistax jiġi kkunsidrat kompatibbli mas-suq intern, għaliex il-kriterji ta' kompatibilità msemmija fil-punt 79 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 mhumiex issodisfati. L-għajnuna mill-Istat mogħtija lil-linji tal-ajru mir-Reġjun għalhekk tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali li mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

8. **IRKUPRU**

(422) Skont it-Trattat u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat iridx jabolixxi jew jimmodifika l-għajnuna meta jinstab li kienet inkompatibbli mas-suq intern ([122]). Il-Qorti sostniet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat Membru li jabolixxi l-għajnuna li l-Kummissjoni tqisha inkompatibbli mas-suq intern huwa mfassal biex jistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni kif kienet qabel ([123]).

([122]) Ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 1973, *Kummissjoni/Ġermanja*, Każ 70/72, UE: C:1973:87, paragrafu 13.
([123]) Ara s-sentenza tal-14 ta' Settembru 1994, *Spanja/Kummissjoni*, C-278/92, C-279/92 u C-280/92, UE: C: 1994:325, paragrafu 75.

(423) F'dan il-kuntest, il-Qorti stabbilixxiet li dan l-objettiv jintlaħaq ġaladarba r-riċevitur ikun ħallas lura l-ammonti mogħtija bħala għajnuna mhux skont il-liġi, b'hekk jitlef il-vantaġġ li jkun ibbenefika minnu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u s-sitwazzjoni ta' qabel il-ħlas tal-għajnuna terġa' tiġi kif kienet ([124]).

(424) F'konformità mal-ġurisprudenza, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589 jiddikjara li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna mhux skont il-liġi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju […]".

(425) B'hekk, minħabba li l-miżuri inkwistjoni ġew implimentati bi ksur tal-Artikolu 108 tat-Trattat, u għandhom jitqiesu bħala għajnuna illegali u inkompatibbli, dawn iridu jiġu rkuprati sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti fis-suq qabel l-għoti tagħhom. L-irkupru għandu għalhekk ikopri ż-żmien minn meta seħħ il-vantaġġ għall-benefiċjarju, jiġifieri meta l-għajnuna tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sal-irkupru effettiv tagħha u s-somom li għandhom jiġu rkuprati għandu jkollhom imgħax sal-irkupru effettiv.

(426) Fir-rigward tal-ammonti li se jiġu rkuprati, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-ammonti li fil-fatt tħallsu mir-Reġjun u ngħaddew minn GEASAR u SOGAER lil-linji tal-ajru matul il-perjodu 2010-2013 għall-implimentazzjoni ta' miżuri 1 u 2. Kif muri fit-Table 6 fil-Premessa 89, l-operaturi tal-ajruport, fil-prattika, ipprovdew aktar finanzjament milli rċevew mir-Reġjun: l-operaturi tal-ajruport kienu kkumpensati anqas mir-Reġjun minħabba li riedu jħallsu l-imgħax finanzjarju fuq l-avvanzi finanzjarji li rċevew ([125]) u minħabba li l-kontribuzzjonijiet reġjonali għall-2014 għadhom ma tħallsux lill-operaturi tal-ajruport ta' Cagliari u ta' Olbia. Table 14 tiġbor fil-qosor dawn is-sejbiet.

Tabella 14

Differenza bejn l-ammont fil-fatt imħallas lil-linji tal-ajru għall-miżuri 1 u 2 u l-finanzjament li wasal mingħand ir-Reġjun u li ġie mgħoddi minn GEASAR u SOGAER

(EUR)

	Kontribuzzjoni ffissata mir-Reġjun (A)	Ammont nett li fil-fatt irċieva r-Reġjun mingħand operaturi tal-ajruport (B)	Ammont totali mħallas minn operaturi tal-ajruport lil linji tal-ajru għal miżuri 1 u 2 (C)	Differenza (B)-(C)
Cagliari	19 250 617	13 607 197	19 018 170	– 5 410 973
Olbia	13 742 651	9 341 744	12 683 623	– 3 341 879
TOTAL	**32 993 268**	**22 948 941**	**31 701 793**	**– 8 752 852**

(427) Table 15 turi d-dettalji tal-ħlasijiet annwali magħmula lil-linji tal-ajru minn GEASAR u SOGAER matul l-erba' snin 2010-2013. L-Italja pprovdiet lill-Kummissjoni b'kull data ta' ħlas.

([124]) Ara s-sentenza tas-17 ta' Ġunju 1999, *Belġju/Kummissjoni*, C-75/97, UE: C:1999:311, paragrafi 64 u 65.
([125]) Ara t-Taqsima 2.7.4.

Tabella 15

Ħlasijiet li waslu għand il-linji tal-ajru mill-operaturi tal-ajruporti ta' Olbia u Cagliari

(EUR)

	RYANAIR/AMS								
	2010		2011		2012		2013		**TOTAL**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
CAGLIARI	(…)	13/07/2010	(…)	22/07/2011	(…)	06/03/2012	(…)	24/06/2013	
	(…)	13/07/2010	(…)	22/07/2011	(…)	12/04/2012	(…)	24/06/2013	
	(…)	13/07/2010	(…)	22/07/2011	(…)	02/05/2012	(…)	24/06/2013	
	(…)	13/07/2010	(…)	26/09/2011	(…)	07/06/2012	(…)	13/08/2013	
	(…)	13/07/2010	(…)	26/09/2011	(…)	17/07/2012	(…)	06/09/2013	
	(…)	13/07/2010	(…)	26/09/2011	(…)	02/08/2012	(…)	06/09/2013	
	(…)	13/07/2010	(…)	18/10/2011	(…)	14/09/2012	(…)	18/10/2013	
	(…)	13/07/2010	(…)	18/10/2011	(…)	02/10/2012	(…)	11/11/2013	
	(…)	13/07/2010	(…)	03/11/2011	(…)	06/11/2012	(…)	09/12/2013	
	(…)	13/07/2010	(…)	06/12/2011	(…)	05/12/2012	(…)	15/01/2014	
	(…)	11/08/2010	(…)	04/01/2012	(…)	07/01/2013	(…)	13/08/2013	
	(…)	11/08/2010	(…)	31/01/2012	(…)	05/02/2013	(…)	14/05/2013	
	(…)	07/10/2010	(…)	22/07/2011	(…)	17/07/2012	(…)	14/05/2013	
	(…)	10/02/2011	(…)	17/07/2012	(…)	24/06/2013	(…)	02/07/2013	
	(…)	10/02/2011	(…)	12/07/2011	(…)	02/07/2013	(…)	13/08/2013	
	(…)	10/02/2011	(…)	26/07/2011	(…)	12/03/2012	(…)	06/09/2013	
	(…)	10/02/2011	(…)	26/07/2011	(…)	17/04/2012	(…)	06/09/2013	
	(…)	12/07/2011	(…)	26/07/2011	(…)	08/05/2012	(…)	18/10/2013	
	(…)	12/07/2011	(…)	30/09/2011	(…)	10/07/2012	(…)	11/11/2013	
	(…)	26/07/2011	(…)	30/09/2011	(…)	06/09/2012	(…)	09/12/2013	
	(…)	26/07/2011	(…)	30/09/2011	(…)	06/09/2012	(…)	15/01/2014	

(EUR)

	RYANAIR/AMS								
	2010		2011		2012		2013		**TOTAL**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
	(…)	26/07/2011	(…)	04/11/2011	(…)	19/10/2012	(…)	13/08/2013	
	(…)	26/07/2011	(…)	14/11/2011	(…)	19/10/2012	(…)	13/02/2014	
	(…)	26/07/2011	(…)	13/12/2011	(…)	14/11/2012	(…)	13/03/2014	
	(…)	26/07/2011	(…)	12/01/2012	(…)	14/11/2012	(…)	03/09/2014	
	(…)	26/07/2011	(…)	12/01/2012	(…)	21/12/2012	(…)	13/02/2014	
	(…)	26/07/2011	(…)	12/01/2012	(…)	08/02/2013	(…)	13/03/2014	
	(…)	26/07/2011	(…)	12/01/2012	(…)	10/07/2012	(…)	03/09/2014	
	(…)	26/07/2011	(…)	26/07/2011	(…)	02/07/2013	(…)	14/04/2014	
	(…)	26/07/2011	(…)	26/07/2011					
	(…)	26/07/2011	(…)	26/07/2011					
	(…)	26/07/2011	(…)	26/07/2011					
	(…)	26/07/2011	(…)	26/07/2011					
	(…)	26/07/2011	(…)	10/07/2012					
	(…)	11/07/2011	(…)	11/07/2011					
	(…)	02/04/2010							
	(…)	02/04/2010							
	(…)	06/07/2010							
	(…)	06/07/2010							
	(…)	06/07/2010							
	(…)	30/08/2010							
	(…)	30/08/2010							
	(…)	30/08/2010							

(EUR)

RYANAIR/AMS									
	2010		2011		2012		2013		**TOTAL**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
	(…)	05/10/2010							
	(…)	02/02/2011							
	(…)	02/02/2011							
	(…)	05/04/2011							
	(…)	05/04/2011							
	(…)	22/07/2011							
Total	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)		[EUR 8-20 mil]

(EUR)

EASYJET									
	2010		2011		2012		2013		**TOTAL**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
OLBIA	(…)	21/10/2010	(…)	17/08/2012	(…)	19/07/2013 u	(…)	13/09/2013 u	
	(…)	21/10/2010				13/09/2013		02/05/2014	
	(…)	30/05/2011							
	(…)	30/05/2011							
Total	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[EUR 0-10 mil]
CAGLIARI	(…)	29/10/2010	(…)	06/10/2011	(…)	16/11/2012	(…)	24/09/2013	
	(…)	29/10/2010	(…)	06/04/2012	(…)	16/10/2013			
	(…)	17/08/2011	(…)	17/08/2012	(…)	24/09/2013			
	(…)	06/10/2011							
Total	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[EUR 0-10 mil]

(EUR)

AIR BERLIN									
	2010		2011		2012		2013		**TOTAL**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
CAGLIARI							(…)	07/04/2014	
							(…)	13/05/2014	
							(…)	06/06/2014	
Total							(…)		[EUR 0-1 mil]
OLBIA	(…)	11/01/2011	(…)	04/01/2012	(…)	06/02/2013	(…)	04/12/2013 u	
	(…)	11/01/2011				12/03/2013 04/12/2013		26/06/2014	
	(…)	01/07/2011 u 12/07/2011							
	(…)	12/07/2011 u 04/11/2011							
	(…)	04/11/2011 u 04/01/2012							
Total	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)		[EUR 2-10 mil]

(EUR)

MERIDIANA									
	2010		2011		2012		2013		**TOTAL**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
OLBIA	(…)	01/04/2015	(…)	31/12/2011	(…)	30/05/2013	(…)	30/06/2014	
	(…)	01/04/2015							
Total	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)		[EUR 0-7 mil]

(EUR)

AIR ITALY					
	2010		2011		**TOTAL**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
OLBIA	(…)	17/05/2011 u 23/05/2011 u 02/08/2011	(…)	23/05/2011	
TOTAL	(…)	(…)	(…)		[EUR 0-1 mil]

(EUR)

VUELING		
	2013	
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS
OLBIA	(…)	05/02/2014
CAGLIARI	(…)	17/03/2014
TOTAL	[EUR 0-1 mil]	

(EUR)

VOLOTEA					
	2012		2013		**TOTAL**
OLBIA	(…)	29/10/2012 u 16/01/2013 u 30/09/2013	(…)	15/07/2013 u 30/09/2013 u 29/01/2014 u 30/01/2014	(…)
CAGLIARI	(…)	23/04/2015	(…)	23/04/2015	(…)
TOTAL	(…)	(…)	(…)		[EUR 0-1 mil]

(EUR)

JET2.COM							
	2011		2012		2013		**TOTAL**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
OLBIA	(…)	20/12/2011	(…)	16/01/2013	(…)	16/05/2013 u 07/08/2014	
TOTAL	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[EUR 0-1 mil]

(EUR)

AIR BALTIC		
	2013	
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS
OLBIA	(…)	15/10/2013 u 06/12/2013 u 03/02/2014
TOTAL	[EUR 0-1 mil]	

(EUR)

NORWEGIAN									
	2010		2011		2012		2013		**TOTAL**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
OLBIA	(…) (…)	19/04/2011 19/04/2011	(…)	31/05/2012	(…)	31/12/2013	(…)	19/12/2014	
TOTAL	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)		[EUR 0-1 mil]

(EUR)

NIKI		
	2012	
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS
OLBIA	(…)	25/09/2012
TOTAL	[EUR 0-1 mil]	

(EUR)

TOURPARADE		
	2012	
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS
CAGLIARI	(…)	22/08/2013
TOTAL	[EUR 0-1 mil]	

(EUR)

GERMANWINGS		
	2012	
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS
CAGLIARI	(…)	18/04/2013
TOTAL	[EUR 0-1 mil]	

(428) L-ammont globali li rċevew iż-żewġ operaturi tal-ajruport mingħand ir-Reġjun intuża sabiex jiffinanzja t-tliet miżuri 1, 2 u 3. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda informazzjoni mill-Italja dwar l-allokazzjoni eżatta tal-fondi reġjonali skont it-tip ta' miżura u skont it-trasportatur tal-ajru. Għalhekk il-Kummissjoni tipproponi allokazzjoni skont it-tip ta' miżura u skont it-trasportatur tal-ajru bbażati fuq perċentwali mnaqqsa mill-ammonti murija fit-Table 16. Kif muri fit-Table 7 fil-Premessa 91 u kif ripetut fir-Tabella 16, id-distribuzzjoni bejn miżuri 1 u 2 (imħallsa lil-linji tal-ajru) u miżura 3 (imħallsa lill-forniturі tas-servizz terzi) hija indikata bħala perċentwal tat-total.

Tabella 16

Flussi finanzjarji minn GEASAR u SOGAER lil-linji tal-ajru u forniturі ta' servizz terzi għall-finanzjament ta' miżuri 1, 2 u 3

SOGAER — CAGLIARI

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	**Finanzjament tal-attivitajiet**		
	attivitajiet 1 u 2	**attività 3**	**Total (A)**
2010	(…)	(…)	4 657 311
2011	(…)	(…)	4 977 946
2012	(…)	(…)	4 869 410

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	Finanzjament tal-attivitajiet		
	attivitajiet 1 u 2	attività 3	Total (A)
2013	(…)	(…)	4 946 576
Total	(…)	(…)	**19 451 243 (100 %)**

GEASAR — OLBIA

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	Finanzjament tal-attivitajiet		
	attivitajiet 1 u 2	attività 3	Total (A)
2010	(…)	(…)	3 972 223
2011	(…)	(…)	2 945 500
2012	(…)	(…)	3 029 160
2013	(…)	(…)	3 795 935
Total	(…)	(…)	**13 742 818 (100 %)**

(429) Għal kull direttur tal-ajruport, il-Kummissjoni tapplika l-perċentwali li jirrappreżentaw is-sehem tal-miżuri 1 u 2 fil-finanzjament ġlobali pprovdut mill-maniġers tal-ajruport, għall-ammont nett li fil-fatt irċevew iż-żewġ operaturi tal-ajruport mir-Reġjun. Ir-riżultat miksub għandu jipprova jindika l-ammont reali ta' finanzjament pubbliku pprovdut mir-Reġjun u minfuq għall-miżuri 1 u 2 (ara t- Table 17).

Tabella 17

L-ammont indikattiv li ngħata mir-Reġjun u minfuq għal miżuri 1 u 2

(EUR)

	Kontribuzzjoni ffissata mir-Reġjun (A)	Ammont nett li fil-fatt ngħata mir-Reġjun minghand l-operaturi tal-ajruport (B)	Ammont nett li fil-fatt ngħata mir-Reġjun minghand l-operaturi tal-ajruport u minfuq għall-miżuri 1 u 2
Cagliari	19 250 617	(…)	13 303 757 […]
Olbia	13 742 651	(…)	8 621 496 […]
TOTAL	**32 993 268**	**22 948 941**	**21 925 253**

(430) It-tqassim annwali għal kull ajruport u l-parti tal-finanzjament ipprovduta lil-linji tal-ajru għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet 1 u 2 u li ngħatat minghand ir-Reġjun, huwa indikat fit-tabelli li ġejjin:

Tabella 18

Tqassim annwali għal kull operatur tal-ajruport għall-finanzjament ta' attivitajiet 1 u 2

SOGAER — CAGLIARI

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	Ammont nett li effettivament irċieva l-operatur tal-ajruport (D)	Finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2	Parti mill-finanzjament tal-attivitajiet li ngħatat mir-Reġjun (%)
2010	4 306 635	(…)	94,94
2011	4 426 733	(…)	89,56

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	Ammont nett li effettivament irċieva l-operatur tal-ajruport (D)	Finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2	Parti mill-finanzjament tal-attivitajiet li ngħatat mir-Reġjun (%)
2012	4 570 389	(…)	96,27
2013	0	(…)	0,00
Total	**13 303 757**	**19 018 170**	

GEASAR — OLBIA

(EUR)

Perjodu ta' attività ta' referenza	Ammont nett li effettivament irċieva l-operatur tal-ajruport (D)	Finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2	Parti mill-finanzjament tal-attivitajiet li ngħatat mir-Reġjun (%)
2010	3 360 349	(…)	88,48
2011	2 577 381	(…)	96,44 %
2012	2 683 765	(…)	98,74
2013	0	(…)	0,00
Total	**8 621 496**	**12 683 623**	

(431) Il-Kummissjoni se tapplika dawn il-perċentwali għal-livell ta' finanzjament ipprovdut minn kull operatur tal-ajruport lil-linji tal-ajru benefiċjarji kif muri fit-Tabella 15 sabiex ikollha l-ammont li għandu jiġi rkuprat minn kull ajruport u għal kull kumpanija tal-ajru. L-ammonti indikattivi li għandhom jiġu rkuprati mill-Italja mil-linji tal-ajru varji huma indikati fit-Table 19, abbażi tal-informazzjoni magħmula disponibbli lill-Kummissjoni.

Tabella 19

Ammonti indikattivi li għandhom jiġu rkuprati mil-linji tal-ajru

(EUR)

	RYANAIR/AMS								TOTAL	TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT
	2010		2011		2012		2013			
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS		
CAGLIARI	(…)	13/07/2010	(…)	22/07/2011	(…)	06/03/2012	(…)	24/06/2013		
	(…)	13/07/2010	(…)	22/07/2011	(…)	12/04/2012	(…)	24/06/2013		
	(…)	13/07/2010	(…)	22/07/2011	(…)	02/05/2012	(…)	24/06/2013		
	(…)	13/07/2010	(…)	26/09/2011	(…)	07/06/2012	(…)	13/08/2013		
	(…)	13/07/2010	(…)	26/09/2011	(…)	17/07/2012	(…)	06/09/2013		
	(…)	13/07/2010	(…)	26/09/2011	(…)	02/08/2012	(…)	06/09/2013		
	(…)	13/07/2010	(…)	18/10/2011	(…)	14/09/2012	(…)	18/10/2013		
	(…)	13/07/2010	(…)	18/10/2011	(…)	02/10/2012	(…)	11/11/2013		
	(…)	13/07/2010	(…)	03/11/2011	(…)	06/11/2012	(…)	09/12/2013		
	(…)	13/07/2010	(…)	06/12/2011	(…)	05/12/2012	(…)	15/01/2014		
	(…)	11/08/2010	(…)	04/01/2012	(…)	07/01/2013	(…)	13/08/2013		
	(…)	11/08/2010	(…)	31/01/2012	(…)	05/02/2013	(…)	14/05/2013		
	(…)	07/10/2010	(…)	22/07/2011	(…)	17/07/2012	(…)	14/05/2013		
	(…)	10/02/2011	(…)	17/07/2012	(…)	24/06/2013	(…)	02/07/2013		
	(…)	10/02/2011	(…)	12/07/2011	(…)	02/07/2013	(…)	13/08/2013		
	(…)	10/02/2011	(…)	26/07/2011	(…)	12/03/2012	(…)	06/09/2013		
	(…)	10/02/2011	(…)	26/07/2011	(…)	17/04/2012	(…)	06/09/2013		
	(…)	12/07/2011	(…)	26/07/2011	(…)	08/05/2012	(…)	18/10/2013		
	(…)	12/07/2011	(…)	30/09/2011	(…)	10/07/2012	(…)	11/11/2013		
	(…)	26/07/2011	(…)	30/09/2011	(…)	06/09/2012	(…)	09/12/2013		
	(…)	26/07/2011	(…)	30/09/2011	(…)	06/09/2012	(…)	15/01/2014		

(EUR)

	RYANAIR/AMS									
	2010		2011		2012		2013		TOTAL	TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS		
	(…)	26/07/2011	(…)	04/11/2011	(…)	19/10/2012	(…)	13/08/2013		
	(…)	26/07/2011	(…)	14/11/2011	(…)	19/10/2012	(…)	13/02/2014		
	(…)	26/07/2011	(…)	13/12/2011	(…)	14/11/2012	(…)	13/03/2014		
	(…)	26/07/2011	(…)	12/01/2012	(…)	14/11/2012	(…)	03/09/2014		
	(…)	26/07/2011	(…)	12/01/2012	(…)	21/12/2012	(…)	13/02/2014		
	(…)	26/07/2011	(…)	12/01/2012	(…)	08/02/2013	(…)	13/03/2014		
	(…)	26/07/2011	(…)	12/01/2012	(…)	10/07/2012	(…)	03/09/2014		
	(…)	26/07/2011	(…)	26/07/2011	(…)	02/07/2013	(…)	14/04/2014		
	(…)	26/07/2011	(…)	26/07/2011						
	(…)	26/07/2011	(…)	26/07/2011						
	(…)	26/07/2011	(…)	26/07/2011						
	(…)	26/07/2011	(…)	26/07/2011						
	(…)	26/07/2011	(…)	10/07/2012						
	(…)	11/07/2011	(…)	11/07/2011						
	(…)	02/04/2010								
	(…)	02/04/2010								
	(…)	06/07/2010								
	(…)	06/07/2010								
	(…)	06/07/2010								
	(…)	30/08/2010								
	(…)	30/08/2010								
	(…)	30/08/2010								

(EUR)

	RYANAIR/AMS									
	2010		2011		2012		2013		TOTAL	TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS		
	(…)	05/10/2010								
	(…)	02/02/2011								
	(…)	02/02/2011								
	(…)	05/04/2011								
	(…)	05/04/2011								
	(…)	22/07/2011								
Total	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	(…)	[EUR 8-20 mil]	[EUR 8-20 mil]

(EUR)

	EASYJET									
	2010		2011		2012		2013		TOTAL	TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS		
OLBIA	(…)	21/10/2010	(…)	17/08/2012	(…)	19/07/2013 u	(…)	13/09/2013 u		
	(…)	21/10/2010				13/09/2013		02/05/2014		
	(…)	30/05/2011								
	(…)	30/05/2011								
Total	(…)		(…)		(…)		(…)		[EUR 0-10 mil]	[EUR 0-10 mil]
CAGLIARI	(…)	29/10/2010	(…)	06/10/2011	(…)	16/11/2012	(…)	24/09/2013		
	(…)	29/10/2010	(…)	06/04/2012	(…)	16/10/2013				
	(…)	17/08/2011	(…)	17/08/2012	(…)	24/09/2013				
	(…)	06/10/2011								
Total	(…)		(…)		(…)		(…)		[EUR 0-10 mil]	[EUR 0-10 mil]

(EUR)

	AIR BERLIN									
	2010		2011		2012		2013		**TOTAL**	**TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS		
CAGLIARI							(…)	07/04/2014		
							(…)	13/05/2014		
							(…)	06/06/2014		
Total							(…)		[EUR 0-1 mil]	**għad irid jiġi ddeterminat**
OLBIA	(…)	11/01/2011	(…)	04/01/2012	(…)	06/02/2013	(…)	04/12/2013 u		
	(…)	11/01/2011				12/03/2013		26/06/2014		
						04/12/2013				
	(…)	01/07/2011 u 12/07/2011								
	(…)	12/07/2011 u 04/11/2011								
	(…)	04/11/2011 u 04/01/2012								
Total	(…)		(…)	(…)	(…)	(…)	(…)		[EUR 2-10 mil]	[EUR 2-10 mil]

(EUR)

	MERIDIANA									
	2010		2011		2012		2013		**TOTAL**	**TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT**
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS		
OLBIA	(…)	01/04/2015	(…)	31/12/2011	(…)	30/05/2013	(…)	30/06/2014		
	(…)	01/04/2015								
Total	(…)		(…)	(…)	(…)	(…)	(…)		[EUR 0-7 mil]	[EUR 0-7 mil]

(EUR)

AIR ITALY					TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT
	2010		2011		TOTAL
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
OLBIA	(…)	17/05/2011 u 23/05/2011 u 02/08/2011	(…)	23/05/2011	(…)	(…)
TOTAL	(…)		(…)		[EUR 0-1 mil]	[EUR 0-1 mil]

(EUR)

VOLOTEA						**TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT**
	2012		2013		**TOTAL**	
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS		
OLBIA	(…)	29/10/2012 u 16/01/2013 u 30/09/2013	(…)	15/07/2013 u 30/09/2013 u 29/01/2014 u 30/01/2014	[EUR 0-1 mil]	[EUR 0-1 mil]
CAGLIARI	(…)	23/04/2015	(…)	23/04/2015	[EUR 0-1 mil]	[EUR 0-1 mil]

(EUR)

AIR BALTIC			**TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT**
	2013		
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
OLBIA	(…)	15/10/2013 u 06/12/2013 u 03/02/2014	
TOTAL	[EUR 0-1 mil]		għad irid jiġi ddeterminat

(EUR)

	VUELING		TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT
	2013		
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
OLBIA	(…)	05/02/2014	għad irid jiġi ddeterminat
CAGLIARI	(…)	17/03/2014	
TOTAL	[EUR 0-1 mil]		għad irid jiġi ddeterminat

(EUR)

	NORWEGIAN								TOTAL	TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT
	2010		2011		2012		2013			
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS		
OLBIA	(…)	19/04/2011	(…)	31/05/2012	(…)	31/12/2013	(…)	19/12/2014		
	(…)	19/04/2011								(…)
TOTAL	[EUR 0-1 mil]		[EUR 0-1 mil]		[EUR 0-1 mil]		[EUR 0-1 mil]		[EUR 0-1 mil]	[EUR 0-1 mil]

(EUR)

	JET2.COM						TOTAL	TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT
	2011		2012		2013			
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS		
OLBIA	(…)	20/12/2011	(…)	16/01/2013	(…)	16/05/2013 u 07/08/2014		
TOTAL	[EUR 0-1 mil]		[EUR 0-1 mil]		[EUR 0-1 mil]		[EUR 0-1 mil]	[EUR 0-1 mil]

(EUR)

NIKI			**TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT**
	2012		
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
OLBIA	(…)	25/09/2012	
TOTAL	[EUR 0-1 mil]		[EUR 0-1 mil]

(EUR)

TOURPARADE			**TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT**
	2012		
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
CAGLIARI	(…)	22/08/2013	
TOTAL	[EUR 0-1 mil]		[EUR 0-1 mil]

(EUR)

GERMANWINGS			**TOTAL LI GĦANDU JIĠI RKUPRAT**
	2012		
	AMMONT	DATA TAL-ĦLAS	
CAGLIARI	(…)	18/04/2013	
TOTAL	[EUR 0-1 mil]		[EUR 0-1 mil]

(432) Sabiex jiġi kkunsidrat il-vantaġġ attwali li rċevew il-linji tal-ajru, l-ammonti indikati fit-Table 19 jistgħu jiġu aġġustati, skont l-evidenza ta' sostenn ipprovduta mill-Italja, b'mod partikolari d-data eżatta tal-ħlasijiet kollha.

(433) Kif spjegat fil-premessa 353, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat f'dan il-każ, AMS u Ryanair huma meqjusin impriża waħda. Għalhekk, Ryanair u AMS għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt u *in solidum* għar-rimborż tal-ammont totali ta' għajnuna li rċevew.

(434) Barra minn hekk, l-Italja għandha żżid imgħax fuq l-irkupru mal-ammont tal-għajnuna, ikkalkolat mid-data li fiha l-għajnuna illegali kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sad-data tal-irkupru tagħha ([126]), skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([127]).

9. **KONKLUŻJONI**

9.1. *IL-FINANZJAMENT IPPROVDUT MINN OPERATURI TAL-AJRUPORT LIL KUMPANIJI TAL-AJRU FIR-RIGWARD TAL-ATTIVITAJIET 1 U 2 (IL-LIĠI 10/2010) FIL-PERJODU 2010-2013 — L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT FAVUR IL-KUMPANIJI TAL-AJRU*

(435) L-Italja implimentat mhux skont il-liġi l-għajnuna pprovduta lill-kumpaniji tal-ajru li joperaw fiż-żewġ ajruporti kkonċernati, skont il-Liġi 10/2010, għall-finanzjament tal-attivitajiet 1 u 2 matul il-perjodu 2010-2013, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

([126]) Ara l-Artikolu 16(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 imsemmi qabel.
([127]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat KE, (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

(436) L-għajnuna pprovduta lill-kumpaniji tal-ajru li joperaw fl-ajruporti kkonċernati, skont il-Liġi 10/2010 għall-finanzjament ta' attivitajiet 1 u 2 matul il-perjodu 2010-2013 mhijiex kompatibbli mas-suq intern. L-għajnuna li mhijiex kompatibbli jinħtieġ li tiġi rkuprata mill-kumpaniji tal-ajru, li operaw fl-ajruporti ta' Olbia u Cagliari u bbenefikaw mill-finanzjament ta' attivitajiet 1 u 2 skont il-Liġi 10/2010. L-Italja jinħtieġ li tiżgura li l-miżuri nazzjonali kollha jittieħdu sabiex ikun żgurat li r-riċevituri tal-għajnuna jirrimborżaw dak il-vantaġġ mhux dovut lilhom.

9.2. *KUMPENS FINANZJARJU MIR-REĠJUN LIL OPERATURI TAL-AJRUPORT TA' SARDINJA GĦALL-FINANZJAMENT TAL-ATTIVITAJIET 1, 2 U 3 (IL-LIĠI 10/2010) MATUL IL-PERJODU 2010 — 2013 — L-EŻISTENZA TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT FAVUR L-OPERATURI TAL-AJRUPORT*

(437) Il-Kummissjoni tikkunsidra li taħt l-iskema stabbilita mil-Liġi 10/2010 matul il-perjodu 2010 — 2013, it-tliet maniġers tal-ajruporti SOGEAAL, SOGAER u GEASAR ma rċevewx għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat skont l-iskema stabbilita mil-Liġi 10/2010 matul il-perjodu 2010 — 2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-iskema li l-Italja stabbilixxiet bil-liġi Reġjonali ta' Sardinja tat-13 ta' April 2010, Nru 10 — *Misure per lo sviluppo del trasporto aereo* ma tinvolvix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat favur SOGEAAL S.p.A., SOGAER. S.p.A., l-operatur tal-ajruport ta' Cagliari-Elmas u GEASAR S.p.A., l-operatur tal-ajruport ta' Olbia.

2. L-iskema li stabbiliet l-Italja permezz tal-Liġi 10/2010 tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat favur Ryanair/AMS, easyJet, Air Berlin, Meridiana, Alitalia, Air Italy, Volotea, Wizzair, Norwegian, JET2.COM, Niki, Tourparade, Germanwings, Air Baltic u Vueling, għaliex din hija marbuta mal-operazzjonijiet ta' dawn il-linji tal-ajru fl-ajruport Cagliari-Elmas u l-ajruport ta' Olbia.

3. L-għajnuna tal-Istat imsemmija fil-Paragrafu 2 iddaħħlet fis-seħħ mill-Italja bil-ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

4. L-għajnuna mill-Istat imsemmija fl-Paragrafu 2 hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

1. L-Italja għandha tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna mill-Istat imsemmija fl-Artikolu 1(2).

2. Filwaqt li Ryanair u AMS jitqies li jikkostitwixxu unità ekonomika waħda għall-għan ta' din id-deċiżjoni, dawn għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt għall-ħlas lura tal-għajnuna mill-Istat li jkun irċieva xi wieħed minnhom.

3. Is-somom li jridu jiġu rkuprati għandu jkollhom l-imgħax mid-data li fiha jkunu tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sal-irkupru effettiv tagħhom.

4. L-imgħax għandu jiġi kkalkolat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u r-Regolament (KE) Nru 271/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 794/2004.

5. L-Italja għandha tikkanċella l-ħlas kollu ta' għajnuna pendenti kif imsemmi fl-Artikolu 1(2) b'effett mid-data ta' adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun immedjat u effettiv.

2. L-Italja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tkun implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Italja għandha tagħti l-informazzjoni li ġejja:

— il-lista tal-benefiċjarji li rċevew l-għajnuna abbażi tal-iskema msemmija fl-Artikolu 1(2) u l-ammont totali tal-għajnuna li kull wieħed minnhom irċieva abbażi ta' tal-iskema;

— L-ammont totali (l-imgħax prinċipali u fuq l-irkupru) li jrid jiġi rkuprat mingħand kull benefiċjarju;

— Deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà ttieħdu u li huma ppjanati biex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni;

— Dokumenti li juru li l-benefiċjarji ġew ordnati jroddu lura l-għajnuna.

2. L-Italja għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata bil-progress tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 tkun irkuprata għal kollox. Hija għandha immedjatament tibgħat, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu diġà u li huma previsti għall-konformità ma' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u l-imgħaxijiet fuq l-irkupru li diġà ġew irkuprati mingħand il-benefiċjarji.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni